

**Opinjoni Konġunta 03/2021
tal-EDPB-EDPS dwar il-
Proposta għal regolament
tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar il-governanza
Ewropea tad-*data* (l-Att dwar
il-Governanza tad-*Data*)**

Verżjoni 1.1

Rekord tal-verżjonijiet

Verżjoni 1.1	Id-9 ta' Ġunju 2021	Bidliet editorjali minuri
Verżjoni 1.0	L-10 ta' Marzu 2021	Adozzjoni tal-Opinjoni Konġunta

**Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.**

WERREJ

1	SFOND	5
2	KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-OPINJONI KONĠUNTA	6
3	IL-VALUTAZZJONI	8
3.1	Rimarki ġenerali	8
3.2	Kwistjonijiet ġenerali relatati mar-relazzjoni tal-Proposta mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad- <i>data</i> personali	9
3.3	L-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' <i>data</i> protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku 18	
3.3.1	Ir-relazzjoni tal-Proposta mad-Direttiva dwar id- <i>Data</i> Miftuħa u mal-GDPR	18
3.3.2	Artikolu 5: il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tad- <i>data</i> minn korpi tas-settur pubbliku 20	
3.3.3	Artikolu 5(11): l-użu mill-ġdid ta' <i>data</i> mhux personali 'sensittiva ħafna'	26
3.3.4	Artikolu 6: tariffi għall-użu mill-ġdid tad- <i>data</i>	26
3.3.5	Aspetti ta' governanza u istituzzjonali: Artikolu 7 (korpi kompetenti). Artikolu 8 (punt uniku ta' informazzjoni).	27
3.4	Rekwiżiti applikabbli għall-fornituri ta' servizzi tal-kondiviżjoni tad- <i>data</i>	29
3.4.1	Intermedjarji tad- <i>data</i> skont l-Artikolu 9(1)(b): servizzi ta' intermedjazzjoni bejn is-suġġetti tad- <i>data</i> u l-utenti potenzjali tad- <i>data</i>	33
3.4.2	Intermedjarji tad- <i>data</i> skont l-Artikolu 9(1)(c): "kooperattivi tad- <i>data</i> "	34
3.4.3	Artikolu 10: reġim ta' notifika - rekwiżiti ġenerali biex tkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni - kontenut tan-notifika; l-eżitu (u ż-żmien) tan-notifika. Artikolu 11: kundizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad- <i>data</i>	35
3.4.4	Artikoli 12 u 13: l-awtoritajiet kompetenti u l-monitoraġġ tal-konformità (mal-Artikoli 10 u 11)	39
3.5	L-altruwiżmu tad- <i>data</i>	41
3.5.1	Interazzjoni bejn l-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i> u l-kunsens skont il-GDPR	41
3.5.2	Artikoli 16-17: reġim ta' reġistrazzjoni - rekwiżiti ġenerali li għandhom ikunu eliġibbli għar-reġistrazzjoni - kontenut tar-reġistrazzjoni; l-eżitu (u ż-żmien) tar-reġistrazzjoni;	44
3.5.3	Artikoli 18-19: rekwiżiti ta' trasparenza u "rekwiżiti speċifiċi għas-salvagwardja tad-drittijiet u tal-interessi tas-suġġetti tad- <i>data</i> u tal-entitajiet legali fir-rigward tad- <i>data</i> tagħhom" 46	
3.5.4	Artikoli 20 u 21: l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità	48
3.5.5	Artikolu 22: Formola Ewropea għall-kunsens għall-altruwiżmu mil-lat ta' <i>data</i>	48

3.6	Trasferimenti internazzjonali ta' <i>data</i> : Artikolu 5(9)-(13); il-Premessi 17, 19; Artikolu 30...	49
3.7	Dispożizzjonijiet orizzontali dwar l-ambjenti istituzzjonali; ilmenti; grupp ta' esperti tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad- <i>Data</i> (European Data Innovation Board, EDIB); atti delegati; pjeni, evalwazzjoni u rieżami, emendi għar-regolament dwar il-gateway diġitali unika, miżuri tranżitorji u dħul fis-seħħ	50
3.7.1	Artikolu 23: rekwiżiti relatati mal-awtoritajiet kompetenti	50
3.7.2	Artikolu 24: ilmenti; Artikolu 25: dritt għal rimedju għidizzjarju effettiv	51
3.7.3	L-Artikoli 26 u 27: il-kompożizzjoni u l-kompiti tal-Grupp ta' Esperti tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad- <i>Data</i>	52
3.7.4	Artikolu 31: pjeni għall-ksur tal-Proposta, li għandhom jiġu applikati	53
3.7.5	Artikolu 33: emenda għar-Regolament (UE) 2018/1724.....	54

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (European Data Protection Regulation, 'EUDPR'),

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

ADOTTAW L-OPINJONI KONĠUNTA LI ĠEJJA

1 SFOND

1. Il-Proposta għal Att dwar il-Governanza tad-Data ('il-Proposta') hija ppromulgata skont il-Komunikazzjoni 'Strateġija Ewropea għad-data' ('l-Istrateġija tad-Data').¹
2. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Board, EDPB) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Supervisor, EDPS) jinnotaw li, skont il-Kummissjoni, l-Istrateġija tad-Data tistabbilixxi li *'[i]l-ċittadini lesti jafdaw u jilqgħu l-innovazzjonijiet immexxija mid-data biss jekk dawn ikollhom rashom mistrieħa li kull kondivizzjoni tad-data personali fl-UE tkun konformi bis-sħiħ mar-regoli stretti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data'*.²
3. Kif speċifikat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tagħha, il-Proposta tgħid li *'[l]-istrument għandu l-għan li jrawwem id-disponibbiltà tad-data għall-użu billi jżid il-fiduċja fl-intermedjarji tad-data u billi jsaħħaħ il-mekkaniżmi tal-kondivizzjoni tad-data madwar l-UE. L-istrument jindirizza s-sitwazzjonijiet li ġejjin:*
 - *Id-data tas-settur pubbliku tkun disponibbli għall-użu mill-ġdid, f'sitwazzjonijiet fejn din id-data tkun soġġetta għal drittijiet ta' oħrajn.*
 - *Il-kondivizzjoni tad-data fost in-negozji, bi kwalunkwe forma ta' rimunerazzjoni.*
 - *Il-permess li d-data personali tintuża bl-għajjuna ta' "intermedjarju tal-kondivizzjoni tad-data personali", imfassal biex jgħin lill-individwi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (General Data Protection Regulation, GDPR).*
 - *Il-permess għall-użu tad-data għal raġunijiet altruwisti'*³.
4. Meta ppreżentat il-Proposta, il-Kummissjoni qieset b'mod notevoli li *'r-regolament il-ġdid se jipprovdi qafas ta' governanza tajba li jappoġġja l-ispazji komuni Ewropej tad-data u se jiżgura li d-data tista'*

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni 'Strateġija Ewropea għad-data', id-19 ta' Frar 2020, COM(2020) 66 final.

² Strateġija Ewropea għad-data, Introduzzjoni, paġna 1.

³ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 1.

ssir disponibbli b'mod volontarju mid-detenturi tad-data. Dan se jikkomplementa r-regoli li ġejjin dwar settijiet ta' data ta' valur għoli skont id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa li se tiżgura aċċess għal ċerti settijiet ta' data madwar l-UE mingħajr ħlas, f'format li jinqara mill-magni u permezz ta' Interfaċċi ta' Programmazzjoni tal-Applikazzjonijiet (Application Programming Interfaces, APIs) standardizzati⁴.

5. L-Istrateġija tad-Data tenfasizza wkoll li 'Id-disponibbiltà tad-data hi meħtieġa għat-taħriġ tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, fejn il-prodotti u s-servizzi jimxu malajr minn rikonoxximent tal-patterns u ġenerazzjoni ta' informazzjoni intuittiva għal tekniki aktar sofistikati tat-tbassir u, għalhekk, għal deċiżjonijiet aħjar'⁵.
6. Kif rikonoxxut fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Proposta, 'ir-relazzjoni mal-leġiżlazzjoni dwar id-data personali hija partikolarment importanti. Permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (General Data Protection Regulation, GDPR) u d-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika, l-UE stabbiliet qafas legali sod u affidabbli għall-protezzjoni tad-data personali u standard għad-dinja⁶.
7. L-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw ukoll li l-Proposta, kif imsemmi fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, 'għandha l-għan li tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data inkluż billi ssaħħaħ il-fiduċja fl-intermedjarji tal-kondiviżjoni tad-data li huma mistennija li jintużaw fl-ispazji differenti tad-data. Ma għandhiex l-għan li tagħti, temenda jew tneħħi d-drittijiet sostanzjali dwar l-aċċess u l-użu tad-data. Dan it-tip ta' miżuri huwa previst għal Att potenzjali dwar id-Data (2021)'⁷. Fiż-żmien tal-abbozzar ta' din l-Opinjoni Konġunta, l-għan u l-kontenut ta' tali Att dwar id-Data għadhom ma humiex disponibbli.

2 KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-OPINJONI KONĠUNTA

8. Fil-25 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data ('l-Att dwar il-Governanza tad-Data') ('il-Proposta').
9. Fil-25 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni talbet Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS fuq il-bażi tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (EUDPR) dwar il-Proposta.
10. **Il-Proposta hija ta' importanza partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-opinjoni huwa limitat għall-aspetti tal-Proposta relatati mal-protezzjoni ta' data personali, li, kif osservat, jirrappreżentaw aspett ewlieni - jekk mhux l-aktar aspett importanti - tal-Proposta.**
11. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Premessa (3) tipprovdi li 'Dan ir-Regolament huwa għalhekk mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679'.
12. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-oġettiv sottostanti li tissaħħaħ il-fiduċja bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà tad-data u li tkun ta' benefiċċju għall-ekonomija diġitali fl-UE huwa tabilħaqq ibbażat fuq

⁴ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/qanda_20_2103#European%20Data%20Spaces

⁵ Strateġija tad-Data, paġni 2 u 3.

⁶ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 1.

⁷ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 1.

il-ħtieġa li jiġu żgurati u mħarsa r-rispett u l-applikazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni ta' data personali. Id-dritt tal-Unjoni applikabbli f'dan il-qasam u, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, GDPR), għandhom jitqiesu bħala prerekwiżit li fuqu jistgħu jinbnew aktar proposti leġiżlattivi mingħajr ma jaffettwaw jew jinterferixxu mad-dispożizzjonijiet eżistenti rilevanti, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji u aspetti oħrajn ta' governanza⁸.

13. Fil-fehma tal-EDPB u tal-EDPS, huwa għalhekk importanti li **fit-test ġuridiku tal-Proposta jiġu evitati b'mod ċar kwalunkwe inkonsistenza u kunflitt possibbli mal-GDPR.** Dan mhux biss għall-finijiet ta' ċertezza legali, iżda wkoll biex jiġi evitat li l-Proposta jkollha l-effett li tipperikola direttament jew indirettament id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, kif stabbilit skont l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
14. B'mod partikolari, f'din l-Opinjoni Konġunta, l-EDPB u l-EDPS jindikaw inkonsistenzi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data (kif ukoll ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE, bħad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa) u problemi li jirrigwardjaw, pereżempju, iċ-ċertezza legali, li jirriżultaw mid-dħul fis-seħħ tal-Proposta attwali.
15. Minħabba li l-Proposta, kif spjegata fid-dettall f'din l-Opinjoni Konġunta, issemmi għadd sinifikanti ta' kwistjonijiet ta' tħassib serju, spiss marbuta ma' xulxin, relatati mal-protezzjoni tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, **ma huwiex l-għan ta' din l-Opinjoni Konġunta li tipprovdi lista eżawrjenti ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati mil-leġiżlaturi, u lanqas dejjem proposti alternattivi jew suġġerimenti għal kif jitpoġġa l-kliem.** Minflok, **din l-Opinjoni Konġunta għandha l-għan li tindirizza l-elementi kritiċi ewlenin tal-Proposta.** Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS jibqgħu disponibbli biex jipprovdu aktar kjarifiki u skambji mal-Kummissjoni.
16. L-EDPB u l-EDPS huma konxji wkoll li l-proċess leġiżlattiv dwar il-Proposta għadu għaddej u jenfasizzaw id-disponibbiltà tagħhom **għall-koleġiżlaturi biex jipprovdu aktar pariri u rakkomandazzjonijiet matul dan il-proċess,** biex b'mod partikolari jiżguraw: ċertezza legali għall-persuni fiżiċi, l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi; protezzjoni xierqa tad-data personali għas-suġġetti tad-data f'konformità mat-TFUE, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mal-acquis dwar il-protezzjoni tad-data; ambjent diġitali sostenibbli, inklużi l-"kontrolli u l-bilanċi" meħtieġa.
17. Din is-sejħa għall-involviment tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tirrigwarda wkoll, minħabba r-rabtiet importanti possibbli mal-Proposta⁹, kull proposta futura għal Att Ewropew dwar id-Data.

⁸ Ara l-Opinjoni 3/2020 tal-EDPS dwar l-Istrateġija Ewropea għad-data, fil-paragrafu 64: 'Fl-aħħar nett, l-EDPS jissottolinja li, fil-kuntest tal-mekkaniżmi ta' governanza futuri, il-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji **indipendenti għall-protezzjoni tad-data** jridu jiġu rrispettati kif suppost. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija li twassal għal użu usa' tad-data se tkun teħtieġ **żieda sinifikanti** fir-riżorsi għad-DPAs u korpi oħrajn ta' sorveljanza pubblika, b'mod partikolari f'termini ta' **għarfien espert tekniku u kapaċitajiet.** Jenħtieġ li jiġu mħeġġa l-kooperazzjoni u l-investigazzjonijiet bi sħab bejn il-korpi rilevanti kollha ta' sorveljanza pubblika, inklużi l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data.'

⁹ Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta, SWD(2020) 295 final, tispeċifika f'paġna 6 li (tipa grassa miżjuda): 'L-inizjattiva attwali hija **l-ewwel stadju fl-approċċ f'żewġ stadji** mħabbar fl-Istrateġija Ewropea għad-Data. **L-inizjattiva** se tittratta l-ħtieġa urġenti li tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tad-data permezz ta' qafas ta'

3 IL-VALUTAZZJONI

3.1 Rimarki ġenerali

18. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu l-oġġettiv leġittimu li titrawwem id-disponibbiltà tad-*data* għall-użu billi tiżdied il-fiduċja fl-intermedjarji tad-*data* u billi jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kondivizzjoni tad-*data* madwar l-UE, filwaqt li jiġi enfasizzat li l-protezzjoni tad-*data* personali hija element essenzjali u integrali tal-fiduċja li l-individwi u l-organizzazzjonijiet jenħtieġ li jkollhom fl-iżvilupp tal-ekonomija diġitali. Il-proposta għal regolament dwar il-Governanza Ewropea tad-*Data* (l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*) għandha tiġi kkunsidrata wkoll fid-dawl tad-dipendenza akbar tal-ekonomija diġitali fuq l-ipproċessar ta' *data* personali u tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda bħall-analitika ta' settijiet ta' *data* kbar u l-intelliġenza artifiċjali.
19. L-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li, filwaqt li l-GDPR inbena fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data*, il-Proposta tiffoka b'mod ċar fuq l-isfruttar tal-potenzjal ekonomiku tal-użu mill-ġdid u l-kondivizzjoni tad-*data*. B'hekk, il-Proposta għandha l-intenzjoni li 'ttejeb il-kundizzjonijiet għall-kondivizzjoni tad-*data* fis-suq intern', kif iddikjarat fil-Premessa (3). Madankollu, **L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta, filwaqt li tqis ukoll il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanjaha, ma tqisx kif xieraq il-ħtieġa li jiġi żgurat u garantit il-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali pprovduta skont id-dritt tal-Unjoni. L-EDPB u l-EDPS iqisu li din ix-xejra politika lejn qafas ta' ekonomija mmexxija mid-*data* mingħajr kunsiderazzjoni suffiċjenti tal-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* personali tqajjem tħassib serju minn perspettiva tad-drittijiet fundamentali.** F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li kwalunkwe proposti, inklużi l-inizjattivi futuri relatati mad-*data*, bħall-Att Ewropew dwar id-*Data*, li jista' jkollhom impatt fuq l-ipproċessar ta' *data* personali, iridu jiżguraw u jħarsu r-rispett u l-applikazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni ta' *data* personali.
20. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li l-mudell tal-Unjoni Ewropea jiddependi fuq l-integrazzjoni tal-valuri u tad-drittijiet fundamentali tiegħu fl-iżviluppi ta' politika tiegħu, u li l-GDPR irid jitqies bħala pedament li fuqu jinbena mudell Ewropew ta' governanza tad-*data*. Kif ġie ddikjarat diġà f'diversi kuntesti ta' politika, bħall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, il-qafas legali tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* personali għandu jitqies bħala faċilitatur, aktar milli ostaklu, għall-iżvilupp ta' ekonomija tad-*data* li tikkorrespondi għall-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni.
21. L-EDPB u l-EDPS għandhom fiduċja li din l-Opinjoni Konġunta se tinforma lill-koleġiżlaturi fl-iżgurar tal-adozzjoni ta' strument leġiżlattiv li huwa kompletament konformi mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* personali u, għalhekk, iżid il-fiduċja billi jżomm il-livell ta' protezzjoni li jipprovdi d-dritt tal-Unjoni taħt is-superviżjoni tal-Awtoritajiet indipendenti għall-Protezzjoni tad-*Data* stabbiliti skont l-Artikolu 16(2) TFUE.

governanza abilitanti. **Fit-tieni stadju**, il-Kummissjoni se tittratta kwistjonijiet dwar **min jikkontrolla jew "jipposjedi" d-*data*, jiġifieri d-drittijiet materjali dwar min jista' jaċċessa u juża liema *data* f'liema ċirkostanzi. L-introduzzjoni ta' tali drittijiet** se tiġi eżaminata fil-kuntest tal-Att dwar id-*Data* (2021). L-interessi diverġenti tal-partijiet ikkonċernati u l-fehmiet differenti dwar x'inhu ġust f'dan ir-rigward jagħmlu dawn il-kwistjonijiet soġġetti għal dibattitu intens, li jiġġustifika t-teħid ta' aktar żmien.'

3.2 Kwistjonijiet ġenerali relatati mar-relazzjoni tal-Proposta mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali

22. Il-Proposta fiha diversi referenzi għall-konformità mal-GDPR – li jistabbilixxi r-regoli relatati mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u l-moviment liberu ta' *data* personali (ara, fost l-oħrajn, il-Premessa (3); il-Premessa (28) tal-Proposta: *'fejn il-fornituri ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-data jkunu kontrolluri jew proċessuri tad-data fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679 huma marbutin bir-regoli ta' dak ir-Regolament.'*).
23. L-EDPB u l-EDPS iqisu li, fid-dawl tal-ambitu tal-ipproċessar ta' *data* personali li għalih tagħmel referenza l-Proposta, jenħteġ li l-Premessa 3 tinkludi wkoll referenza għad-Direttiva (KE) 2002/58 (id-*'Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika'*), minħabba li din hija wkoll parti mill-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali li miegħu l-Proposta għandha tkun konformi b'mod konsistenti.
24. B'mod aktar ġenerali, l-EDPB u l-EDPS iqisu li **kemm l-ispirtu kif ukoll l-ittra tal-Proposta ma jridux idgħajfu l-livell ta' protezzjoni, iżda jiżguraw konsistenza sħiħa mal-prinċipji u r-regoli kollha stabbiliti mill-GDPR biex jiggarantixxu b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali pprovduta skont l-Artikolu 8 tal-Karta u l-Artikolu 16 TFUE.**
25. Wara li kkunsidraw dan ta' hawn fuq, kif imsemmi fil-paragrafi li ġejjin ta' din l-Opinjoni Konġunta, l-EDPB u l-EDPS iqisu li **l-Proposta tqajjem inkonsistenzi sinifikanti mal-GDPR**, kif ukoll ma' dritt tal-Unjoni ieħor¹⁰, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħames aspetti li ġejjin:

(a) Suġġett u kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta

(b) Definizzjonijiet / terminoloġija użati fil-Proposta;

(c) Bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* personali;

¹⁰ Għalkemm dan il-kumment ma huwiex relatat strettament mal-ipproċessar ta' *data* personali, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw ukoll konfużjoni u ambigwitàjiet possibbli dwar kif il-Proposta se tapplika flimkien mar-**Regolament (UE) 2018/1807 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea**. F'dan ir-rigward, jenħteġ li jiġi rrimarkat li d-definizzjonijiet ta' "ipproċessar", "utent", "utent professjonali", u "rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data", kif ukoll dispożizzjonijiet oħrajn tar-Regolament dwar *data* mhux personali (ara, pereżempju, l-Artikolu 6, *It-trasferiment tad-data*), jistgħu ma jkunux **konsistenti** jew madankollu jikkoinċidu mad-definizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet oħrajn li jinsabu fil-Proposta. Barra minn hekk, fir-rigward tal-użu mill-ġdid tad-data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li huma protetti fuq il-bażi tal-kunfidenzjalità statistika, jinħteġ li jiġi rrimarkat li, minkejja l-prinċipju ddikjarat mill-Artikolu 3(3) tal-Proposta, il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid definiti fl-Artikolu 5(3-4) ma humiex konformi mar-regoli settorjali stabbiliti fil-livell tal-UE għall-protezzjoni ta' *data* kunfidenzjali użata għal finijiet ta' statistika (ara r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE tal-Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistiċi tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013 tas-17 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea fir-rigward tal-aċċess għal *data* kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002.

(d) Sfukar tad-distinzjoni bejn (ipproċessar ta') *data* personali u *data* mhux personali (u r-relazzjoni mhux ċara tal-Proposta mar-Regolament dwar il-movimenti liberi ta' *data* mhux personali);

(e) Governanza / kompiti u setgħat tal-korpi u l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jinħatru f'konformità mal-Proposta, wara li jiġu kkunsidrati l-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-moviment liberu ta' *data* personali fl-Unjoni.

A. Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

26. Skont l-Artikolu 1(2) tal-Proposta: *'Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi f'atti legali oħra tal-Unjoni dwar l-aċċess għal jew l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data, jew rekwiżiti relatati mal-ipproċessar ta' data personali jew mhux personali.*

Fejn att legali tal-Unjoni speċifiku għas-settur jeħtieġ li korpi tas-settur pubbliku, fornituri ta' servizzi ta' kondivżjoni tad-data jew entitajiet reġistrati li jipprovdu servizzi ta' altruwiżmu mil-lat ta' data jikkonformaw ma' rekwiżiti tekniċi, amministrattivi jew organizzattivi addizzjonali speċifiċi, inkluż permezz ta' reġim ta' awtorizzazzjoni jew ċertifikazzjoni, għandhom japplikaw ukoll dawk id-dispożizzjonijiet ta' dak l-att legali tal-Unjoni speċifiku għas-settur.'

27. **Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fl-Artikolu 1 tal-Proposta tiġi introdotta dispożizzjoni li tiddikjara b'mod ċar u mingħajr ambigwiżà li l-Proposta tħalli intatt, u bl-ebda mod ma taffettwa, l-livell ta' protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali u li l-Proposta ma tbiddel l-ebda wieħed mill-obbligi u d-drittijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*. Din iż-żieda tipprevedi ċertezza legali aħjar u tiggarantixxi li d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali ma jiġix imminat.**
28. F'dan ir-rigward, ma huwiex ċar għaliex hemm speċifikazzjoni simili fl-Artikolu 9(2) tal-Proposta li tirreferi għall-fornituri ta' servizzi ta' kondivżjoni tad-*data*¹¹ u mhux (*mutatis mutandis*, li qed tirreferi wkoll għall-korpi tas-settur pubbliku, għall-utenti mill-ġdid, għall-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*) bħala dispożizzjoni orizzontali skont l-Artikolu 1 tal-Proposta.

B. Id-definizzjonijiet tal-Proposta huma inkonsistenti mad-definizzjonijiet u l-kunċetti ewlenin tal-GDPR u, għalhekk, jeħtieġ li jiġu emendati jew iċċarati

29. Id-definizzjoni ta' '*detentur tad-data*' pprovdata fl-Artikolu 2(5) tal-Proposta: '*il-persuna quridika jew is-suġġett tad-data li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali applikabbli, għandha d-dritt li*

¹¹ L-Artikolu 9(2) jiddikjara: *'Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' liġi oħra tal-Unjoni u nazzjonali lill-fornituri ta' servizzi ta' kondivżjoni tad-data, inklużi setgħat tal-awtoritajiet superviżorji biex jiżguraw konformità mal-liġi applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali u l-liġi tal-kompetizzjoni'.*

tagħti aċċess għal ċerta data personali jew mhux personali taħt il-kontroll taqħha jew li tikkondividiha' ma hijiex konformi mal-prinċipji ġenerali tal-GDPR, kif ukoll mal-ittra tal-GDPR.

30. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li jistgħu jinħolqu inċertezzi legali mill-fatt li l-GDPR ma jsemmix id-dritt tas-suġġett tad-*data* li jagħti aċċess għal, jew li jikkondividi, id-*data* personali tiegħu ma' terzi persuni u, saħansitra inqas, dritt ekwivalenti għall-persuna ġuridika li jidher possibbli li jiġi estrapolat mid-definizzjoni ta' 'detentur tad-*data*'. Minflok, il-GDPR jiggarantixxi lil kull individwu d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali li tikkonċernah, li tirreferi għal sett komprensiv ta' regoli għall-ipproċessar ta' *data* personali li huma vinkolanti għal kull entità li tipproċessa d-*data* (kontrollur tad-*data* / kontrollur bi sħab) jew li tipproċessa d-*data* f'isem il-kontrollur tad-*data* (proċessur)¹².
31. **F'dan ir-rigward, l-EDPS u l-EDPB jemmnu li aktar milli jiġi ddikjarat li persuna ġuridika għandha d-dritt li tagħti aċċess għal, jew li tikkondividi, *data* personali, ikun aktar xieraq li ssir referenza għal jekk ċertu pproċessar ta' *data* personali jistax jitwettagħ jew le u, jekk iva, b'liema kundizzjonijiet.**
32. Kjarifika li jixtiequ jagħmlu l-EDPB u l-EDPS hija li kemm l-aċċess għad-*data* personali kif ukoll il-kondiviżjoni taqħha jikkostitwixxu l-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 4(2) tal-GDPR.
33. Skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, l-ipproċessar ta' *data* personali għandu jkun legali jekk is-suġġett tad-*data* (il-persuna fiżika identifikata jew identifikabbli li magħha tkun relatata d-*data* personali) ta l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu għal skop speċifiku wieħed jew aktar jew jekk tkun tista' tiġi applikata b'mod validu bażi ġuridika adegwata oħra skont l-Artikolu 6 tal-GDPR.
34. Il-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq isiru, b'mod partikolari, fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-Karta: '1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardaha. 2. Din id-*data* għandha tiġi trattata b'mod ġust għal finijiet determinati u fuq il-bażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi.'
35. L-EDPB u l-EDPS għandhom tħassib ukoll fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Premessa (14) tal-Proposta (sottolinja miżjuda): '*Il-kumpaniji u s-suġġetti tad-*data* jenħtieġ li jkunu jistgħu jafdaw li l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' *data* protetta, li huma miżmuma mis-settur pubbliku, se jsir b'mod li jirrispetta d-drittijiet u l-interessi taqħhom*'; L-Artikolu 11(6), li jirreferi għal '*garanziji fis-seħħ li jippermettu lid-detenturi tad-*data* u lill-utenti tad-*data* jiksbu aċċess għad-*data* taqħhom f'każ ta' insolvenza*'; kif ukoll l-Artikolu 19, '*Rekwiżiti speċifiċi għas-salvagwardja tad-drittijiet u tal-interessi tas-suġġetti tad-*data* u tal-entitajiet legali fir-rigward tad-*data* taqħhom*', li jirreferi skont l-Artikolu 19(1)(a) għal: '*l-iskopijiet*

¹² Ara wkoll il-Premessi (6) u (7) tal-GDPR (tipa grassa miżjuda):

'(6) L-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u l-globalizzazzjoni ġabu sfidi ġodda għall-protezzjoni tad-*data* personali. L-iskala tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-*data* personali żdiedet b'mod sinifikanti. It-teknoloġija tippermetti kemm lil kumpanniji privati kif ukoll lil awtoritajiet pubbliċi li jagħmlu użu minn *data* personali fuq skala mingħajr preċedenti biex iwettqu l-attivitajiet taqħhom. Il-persuni fiżiċi qegħdin dejjem aktar jagħmlu l-informazzjoni personali disponibbli pubblikament u globalment. It-teknoloġija bidlet kemm l-ekonomija kif ukoll il-ħajja soċjali, u għandha tkompli tiffaċilita l-fluss liberu tad-*data* personali fl-Unjoni u t-trasferiment lejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, filwaqt li tiżgura **livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* personali**.

(7) Dawn l-iżviluppi jeħtieġu **qafas b'saħħtu u aktar koerenti għall-protezzjoni tad-*data* fl-Unjoni**, appoġġat minn infurzar qawwi, minħabba l-importanza tal-ħolqien tal-fiduċja li se tippermetti li l-ekonomija diġitali tiżviluppa fis-suq intern kollu. **Il-persuni fiżiċi għandu jkollhom il-kontroll tad-*data* personali taqħhom**. Jenħtieġ li tissaħħaħ iċ-**ċertezza legali u Prattika** għall-persuni fiżiċi, l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi.'

ta' interess ġenerali li għalihom [kwalunkwe entità mdaħħla fir-reġistru ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti għall-altruwiżmu mil-lat ta' data] tippermetti l-ipproċessar tad-data tagħhom [ta' detenturi tad-data] minn utent tad-data'.

36. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw li d-drittijiet u l-interessi tas-suġġett tad-*data* fir-rigward tad-*data* personali tiegħu, minn naħa waħda, u d-drittijiet u l-interessi tal-persuni ġuridiċi fir-rigward tal-informazzjoni relatata magħhom, min-naħa l-oħra, ma humiex tal-istess tip (dawn tal-aħħar ma jikkonċernawx id-dinjità tal-bniedem jew id-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*, iżda pjuttost id-drittijiet tal-proprjetà industrijali, bħas-sigrieti kummerċjali, il-privattivi u t-trademarks). Għalhekk, minħabba l-eteroġeneità msemmija qabel, id-dispożizzjonijiet imsemmija jkunu mhux biss mhux kunċettwalment "solidi", iżda wkoll diffiċli biex jiġu implimentati u tali li jqajmu inċertezzi legali. Pereżempju, f'każ ta' insolvenza (kif imsemmi skont l-Artikolu 11(6)), il-garanziji fis-seħħ li jippermettu lid-detenturi tad-*data* jiksibu aċċess għal *data* mhux personali jkunu sostanzjalment differenti fil-prattika mill-kundizzjonijiet u l-limiti għall-ipproċessar kontinwu ta' *data* personali. Dawn huma tabilħaqq kwistjonijiet differenti li jeħtieġu soluzzjonijiet differenti¹³, u r-referenza għat-tnejn li huma fl-obbligu għall-fornitur ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* li jiżgura l-kontinwità tal-provvista ta' servizzi (inkluża l-kondiviżjoni ta' *data* personali) mill-inqas toħloq konfużjoni, jekk ma hijiex ukoll manifestament inkonsistenti mal-GDPR.
37. Id-definizzjoni ta' "otent tad-*data*"¹⁴ skont l-Artikolu 2(6) hija wkoll definizzjoni ġdida introdotta mill-Proposta, li l-interazzjoni tagħha - fil-każ ta' *data* personali - mad-definizzjoni ta' riċevitur¹⁵ skont l-Artikolu 4(9) tal-GDPR ma hijiex ċara. F'dan ir-rigward, aħna ninnotaw li l-Artikolu 11(1) tal-Proposta jistabbilixxi: 'Il-fornitur ma jistax juża d-*data* li għaliha jipprovdni servizzi għal skopijiet oħra ħlief li jpoġġiha għad-dispożizzjoni tal-utenti tad-*data* [...]'. Din id-dispożizzjoni, li tinqara flimkien mad-definizzjoni ta' "otent tad-*data*", tagħti lok għal inċertezza legali, minħabba kunċetti differenti ta' "riċevitur" skont il-GDPR u "otent tad-*data*" skont il-Proposta, li jwasslu għal diffikultajiet ta' applikazzjoni Prattika. Barra minn hekk, id-definizzjoni skont l-Artikolu 2(6) tista' tkun qarrieqa jekk tinqara bħala li tirreferi għal persuna fiżika jew ġuridika li hija awtorizzata (għandha d-dritt?) biex tuża *data* personali għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Ir-referenza għal tali 'awtorizzazzjoni' u t-tifsira tagħha (is-sors u l-effett legali tagħha) ma humiex ċari lanqas.
38. Barra minn hekk, l-interazzjoni bejn il-kunċett ta' utent tad-*data* bħala 'persuna fiżika jew ġuridika [awtorizzata biex tuża d-*data* għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali]' u l-kunċetti ta' kontrollur, kontrollur bi sħab jew proċessur skont il-GDPR ma hijiex ċara lanqas. Barra minn hekk, il-Proposta tirreferi għal kwalifika possibbli bħala kontrollur jew proċessur u l-obbligi tagħhom skont il-

¹³ Pereżempju, f'każ ta' insolvenza, jenħtieġ li tingħata attenzjoni lill-fatt li, bħala riżultat, hemm bidla fil-kontroll tal-ipproċessar tad-*data*. Il-kontrollur il-ġdid għandu jistabbilixxi b'mod partikolari liema *data* tista' tiġi pproċessata; jidentifika l-iskopijiet li għalihom id-*data* tkun inkisbet oriġinarjament; jistabbilixxi l-bażi legali għall-kondiviżjoni tad-*data*; jiżgura l-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza; jinforma lis-suġġetti tad-*data* dwar bidliet relatati mal-ipproċessar tad-*data* tagħhom, u jikkunsidra li s-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li joġġezzjonaw.

¹⁴ L-Artikolu 2(6) tal-Proposta: "**Utent tad-*data***" tfisser **persuna fiżika jew ġuridika** li jkollha aċċess legali għal **ċerta data** u li tkun **awtorizzata tuża din id-data** għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali."

¹⁵ Skont id-definizzjoni pprovduta fl-Artikolu 4(9) tal-GDPR, "riċevitur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor, li lilha tiġi żvelata d-*data* personali, irrispettivament minn jekk hijiex terza persuna jew le [...]."

GDPR għall-fornituri ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data*¹⁶, iżda mhux għall-utent tad-*data* jew għall-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* (minkejja li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu wkoll kontrollur, kontrollur bi sħab jew proċessur skont il-GDPR).

39. **B'mod aktar ġenerali, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li jenħtieġ li l-Proposta tiddefinixxi r-rwoli fir-rigward tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* personali (kontrollur tad-*data*, proċessur jew kontrollur bi sħab) ta' kull tip ta' "attur" (fornitur ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data*, organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, utent tad-*data*) mhux biss biex tiġi evitata l-ambigwiżà dwar l-obbligi tal-GDPR applikabbli, iżda wkoll biex tittejjeb il-leġġibbiltà tat-test ġuridiku.**
40. Kwistjonijiet simili, jiġifieri r-relazzjoni mhux ċara mad-definizzjonijiet u r-regoli pprovduti skont il-GDPR, jirrigwardaw id-definizzjoni ta' "kondivizzjoni tad-*data*" skont l-Artikolu 2(7) tal-Proposta (li tirreferi, *inter alia*, għall-"użu konġunt jew individwali tad-*data* kondiviżà"). Sa fejn jirrigwardja *data* personali, l-użu bi sħab ta' *data* personali (kemm mid-detentur tad-*data*, mill-persuna ġuridika, kif ukoll minn utent tad-*data*) direttament jew permezz ta' intermedjarju, mill-inqas joħloq ukoll konfużjoni.
41. Tħassib simili - kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt - jirrigwarda t-terminu 'permess [minn entitajiet ġuridiċi għall-użu mill-ġdid tad-*data*]', li madankollu għalih ma hija pprovduta ebda definizzjoni fil-Proposta.
42. Id-definizzjoni ta' "*metadata*" fl-Artikolu 2(4) hija wkoll problematika mill-perspettiva ta' protezzjoni ta' *data* personali, minħabba li tirreferi għal '*data* miġbura dwar kwalunkwe attività ta' persuna fiżika jew ġuridika għall-finijiet tal-forniment ta' servizz ta' kondivizzjoni tad-*data*, inklużi d-*data*, il-ħin u d-*data* tal-ġeolokalizzazzjoni, id-dewmien tal-attività, il-konnessjonijiet ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra stabbiliti mill-persuna li tuża s-servizz'. *Data* bħal din tista' tinkludi *data* personali.
43. Kif spjegat aktar fid-dettall f'din l-Opinjoni Konġunta, wara li jiġi kkunsidrat l-Artikolu 11(2), il-Proposta tista' tiġi interpretata bħala li toħloq bażi ġuridika għall-ipproċessar tal-*metadata*. L-Artikolu 11 tal-Proposta jidher li jistabbilixxi li, bħala kundizzjoni għall-forniment tas-servizz ta' kondivizzjoni tad-*data*, jenħtieġ li l-fornitur tabilħaqq ikun jista' juża l-*metadata* msemmija hawn fuq 'għall-iżvilupp ta' dak is-servizz [ta' kondivizzjoni tad-*data*]. Fit-test ġuridiku ma ssir l-ebda referenza, fost l-oħrajn, għall-ħtieġa li l-fornitur ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* jistrieħ fuq bażi ġuridika xierqa għall-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR.
44. **B'mod aktar ġenerali, l-EDPB u l-EDPS jikkunsidraw li billi l-Proposta hija, kif iddikjarat espliċitament fil-Proposta nnifisha, mingħajr preġudizzju għall-GDPR, jenħtieġ li japplikaw id-definizzjonijiet previsti mill-GDPR u jenħtieġ li dawn ma jiġux emendati jew imneħħija b'mod impliċitu mill-Proposta u d-definizzjonijiet il-ġodda, sa fejn ikunu jirrigwardaw l-ipproċessar ta' *data* personali, ma jkunx fihom "bħala stat ta' fatt" "regoli" li jkunu inkonsistenti mal-ispirtu u l-ittra tal-GDPR.**
45. Din l-ispeċifikazzjoni hija partikolarment importanti minħabba l-effett kumulattiv f'termini ta' nuqqas ta' ċarezza u inċertezzi legali li jirriżultaw mill-Proposta, fejn ikun hemm aktar minn definizzjoni ambigwa waħda fl-istess dispożizzjoni (ara, pereżempju, l-Artikolu 7(2)(c) tal-Proposta, li jirreferi għall-

¹⁶ Ara l-Premessa 28 'fejn il-fornituri ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* jkunu kontrolluri jew proċessuri tad-*data* fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679 huma marbutin bir-regoli ta' dan ir-Regolament.'

'kisba ta' kunsens jew permess mill-utenti mill-ġdid għall-użu mill-ġdid għal skopijiet altruwistiċi u oħrajn f'konformità ma' deċiżjonijiet speċifiċi tad-detenturi tad-data').

46. **Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tiġi ċċarata u mmodifikata l-Proposta biex jiġi żgurat li - sa fejn tkun ikkonċernata d-data personali - ma jifdal l-ebda inkonsistenza mad-definizzjonijiet u l-kunċetti tal-GDPR.**

C. Jenħtieġ li l-Proposta tispeċifika aħjar, biex jiġu evitati inċertezzi legali, il-bażi ġuridika applikabbli fil-GDPR għall-ipproċessar ta' data personali

47. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta tagħmel referenza għall-"permess tad-detenturi tad-data" għall-użu tad-data skont diversi dispożizzjonijiet:
- l-Artikolu 5(6): *'il-korp tas-settur pubbliku għandu jappoġġa lill-utenti mill-ġdid fit-tiftix tal-kunsens tas-suġġetti tad-data u / jew il-permess mill-entitajiet legali li d-drittijiet u l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati minn tali użu mill-ġdid', kif speċifikat fil-Premessa (11): 'L-entitajiet tas-settur pubbliku, fejn rilevanti, jenħtieġ li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid ta' data fuq il-bażi tal-kunsens tas-suġġetti tad-data jew il-permessi ta' persuni ġuridiċi dwar l-użu mill-ġdid ta' data li tappartjeni għalihom permezz ta' mezzi tekniċi adegwati.'*
 - l-Artikolu 7(2)(c): *'assistenza lill-korpi tas-settur pubbliku, fejn rilevanti, fil-kisba ta' kunsens jew permess mill-utenti mill-ġdid għall-użu mill-ġdid għal finijiet altruwisti u oħrajn f'konformità mad-deċiżjonijiet speċifiċi tad-detenturi tad-data [...]';*
 - l-Artikolu 11(11): *'meta fornitur jipprovdi għodod għall-ksib ta' kunsens minn suġġetti tad-data jew permessi biex jipproċessa data magħmula disponibbli minn persuni ġuridiċi';*
 - l-Artikolu 19(3): *'Meta entità li tiddaħħal fir-reġistru tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu mil-lat ta' data tipprovdi għodod għall-ksib ta' kunsens minn suġġetti tad-data jew permessi biex jipproċessaw data magħmula disponibbli minn persuni ġuridiċi', speċifikat fil-Premessa (36) 'Il-persuni ġuridiċi jistgħu jagħtu permess għall-ipproċessar tad-data mhux personali tagħhom għal firxa ta' skopijiet mhux definiti fil-mument tal-għoti tal-permess.'*
48. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw f'dan ir-rigward li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma huwiex ċar jekk l-oġġett tal-permess ikunx l-użu mill-ġdid ta' data personali jew mhux personali jew it-tnejn li huma.
49. L-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw ukoll li, fil-każ tal-ipproċessar ta' data personali, **il-'permess' imsemmi fil-Proposta ma jistax jissostitwixxi l-ħtieġa ta' raġuni legali xierqa waħda skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR għall-ipproċessar legali ta' data personali.** Fi kliem ieħor, skont il-GDPR, l-ipproċessar ta' data personali għandu jkun legali biss jekk u sal-punt li tapplika mill-inqas waħda mill-bażijiet ġuridiċi skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Jenħtieġ li l-Proposta tispeċifika b'mod ċar dan l-aspett biex tiġi evitata kull ambigwità.
50. Tabilħaqq, anki jekk il-kunċett ta' "permess" (li madankollu għandu jiġi definit fit-test ġuridiku tal-Proposta) jiġi interpretat bħala "deċiżjoni (għażla ta' negozju) minn persuna ġuridika biex tippermetti l-ipproċessar ta' data personali fejn tali persuna ġuridika jkollha bażi ġuridika skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR biex tippermetti tali pproċessar", għandu jiġi nnotat li l-qari litterali ta' xi dispożizzjonijiet tal-Proposta ma jidhrix li jappoġġa din l-interpretazzjoni konformi mal-GDPR, minħabba li dawn jirreferu,

pereżempju, għal *‘Meta l-użu mill-ġdid tad-data ma jkunx jista’ jiġi awtorizzat f’konformità mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi minn 3 sa 5 u ma jkun hemm l-ebda bażi legali oħra għat-trażmissjoni tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679, il-korp tas-settur pubbliku għandu jappoġġa lill-utenti mill-ġdid fit-tiftix tal-kunsens tas-suġġetti tad-data u / jew il-permess mill-entitajiet legali’* (l-Artikolu 5(6) tal-Proposta)¹⁷. F’dawn il-każijiet, il-“permess” jidher li huwa alternattiva għal mill-inqas waħda (il-kunsens tas-suġġett tad-data) mill-bażijiet ġuridiċi pprovduti skont l-Artikolu 6 tal-GDPR.

51. Il-Premessa 6 tal-Proposta ma hijiex ċara lanqas fir-rigward tal-bażi ġuridika xierqa għall-ipproċessar ta’ *data* personali, minħabba li tirreferi għal obbligu *‘b’mod ġenerali’* li wieħed jiddependi fuq il-bażi ġuridika prevista fl-Artikolu 6 tal-GDPR għall-ipproċessar ta’ *data* personali¹⁸.
52. Minn perspettiva oħra, kif spjegat b’aktar dettall f’din l-Opinjoni, l-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw il-ħtieġa li **tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn ix-xenarji differenti previsti skont il-Proposta u l-Artikolu 6(4) tal-GDPR**, filwaqt li tiġi rregolata s-sitwazzjoni fejn l-ipproċessar ta’ *data* personali għal skop differenti minn dak li għalih tkun inġabret id-*data* personali ma jkunx ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data*.
53. **Għal dan il-għan, fid-dawl tal-oġettiv u l-kontenut tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta ma tistax tiġi invokata bħala dritt tal-Unjoni li jikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata f’soċjetà demokratika biex jiġu ssalvagwardati l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR biex l-ipproċessar jiġi ristrett għal skop differenti minn dak li għalih kienet inġabret inizjalment id-*data* personali, meta pproċessar bħal dan ma jkunx ibbażat fuq kunsens, skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR.**
54. Barra minn hekk, fid-dawl ta’ dak li ntqal hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fit-test ġuridiku tal-Proposta jiġi speċifikat li, sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali, l-ipproċessar tagħha jrid dejjem ikun ibbażat fuq bażi ġuridika adegwata skont l-Artikolu 6 tal-GDPR.
55. Bħala eżempju ta’ inkonsistenza possibbli li tirrigwarda l-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta’ *data* personali, aħna nirreferu għad-dispożizzjoni fl-Artikolu 11(2) tal-Proposta, li tgħid li *‘il-metadata miġbura fuq il-bażi tal-kondiviżjoni tad-data offruta tista’ tintuża [biss] għall-iżvilupp tas-servizzi ta’ kondiviżjoni tad-data’*. F’dan ir-rigward, aħna nfakkru li l-*metadata* msemmija fil-Proposta¹⁹ tista’ tikkostitwixxi informazzjoni li tirrigwarda persuna fiżika identifikata jew identifikabbli u, f’dan il-każ, trid tiġi pproċessata f’konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u, b’mod partikolari, dawk li jikkonċernaw il-bażi ġuridika tal-ipproċessar. Madankollu, kif imsemmi fil-paragrafu 51 ta’ din l-Opinjoni, dan l-aspett essenzjali ma huwiex ittrattat mill-Proposta.
56. **Fir-rigward ta’ din il-kwistjoni, bħala kumment usa’, l-EDPB u l-EDPS iqisu li d-dispożizzjoni msemmija qabel, kif ukoll kull dispożizzjoni oħra tal-Proposta, ma jipprovdwx bażi ġuridika awtonoma għall-użu mill-ġdid ta’ *data* personali mill-utenti tad-*data* u għall-attivitajiet ta’**

¹⁷ Ara wkoll l-Artikolu 7(2)(c); l-Artikolu 11(11); l-Artikolu 19(3) tal-Proposta msemmija hawn fuq

¹⁸ B’mod partikolari, il-Premessa 6 tal-Proposta tiddikjara li (tipa grassa miżjuda): **‘B’mod ġenerali**, sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali, l-ipproċessar tad-*data* personali jenħtieġ li jiddependi fuq raġuni waħda jew aktar għall-ipproċessar previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679.’

¹⁹ Skont l-Artikolu 2(4) tal-Proposta *“metadata”* tfisser *data* miġbura dwar kwalunkwe attività ta’ persuna fiżika jew ġuridika għall-finijiet tal-forniment ta’ servizz ta’ kondiviżjoni tad-*data*, inklużi d-*data*, il-ħin u d-*data* tal-ġeolokalizzazzjoni, id-dewmien tal-attività, il-konnessjonijiet ma’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra stabbiliti mill-persuna li tuża s-servizz.’

pproċessar imwettqa mill-fornituri ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* jew minn organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, minħabba li dawn ma jissodisfawx il-kriterji skont l-Artikolu 6(3) għall-ipproċessar imsemmi fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 6(1)²⁰ tal-GDPR.

D. Sfukar tad-distinzjoni bejn (l-ipproċessar ta') *data* personali u mhux personali u r-relazzjoni mhux ċara tal-Proposta mar-Regolament dwar il-flussi liberi ta' *data* mhux personali

57. Bħala rimarka ġenerali, l-EDPB u l-EDPS iqisu li kritika ewlenija tal-Proposta, wara li jikkunsidraw il-protezzjoni tad-*data* personali, possibbilment fl-oġġini tal-inkompatibbiltajiet imsemmi qabel jew mill-inqas l-ambigwiżà tat-test ġuridiku, hija n-nuqqas ta' ċarezza fid-distinzjoni bejn l-ipproċessar ta' *data* mhux personali, kif irregolat għal ċerti aspetti skont ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea (ir-Regolament dwar il-moviment liberu ta' *data* mhux personali)²¹, u l-ipproċessar ta' *data* personali, dan tal-aħħar irregolat bl-acquis dwar il-protezzjoni tad-*data* u ispirat minn prinċipji differenti.
58. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li d-distinzjoni bejn kategoriji ta' *data* personali u mhux personali hija diffiċli biex tiġi applikata fil-prattika. Tabilħaqq, fil-prattika, minn taħlita ta' *data* mhux personali huwa possibbli li tiġi dedotta jew iġġenerata *data* personali, jiġifieri *data* li tirrigwarda individwu identifikat jew identifikabbli²², speċjalment meta d-*data* mhux personali tkun ir-riżultat tal-anonimizzazzjoni ta' *data* personali u, b'hekk, informazzjoni oriġinarjament relatata ma' persuni fiżiċi. Barra minn hekk, fix-xenarji previsti mill-Proposta ta' disponibbiltà akbar, użu mill-ġdid u kondivizzjoni ta' informazzjoni, bil-ħsieb li "tippermetti l-iskoperta ta' mudell ta' "Big Data" jew it-tagħlim bil-magni"²³, aktar ma d-*data* mhux personali tiġi kkombinata ma' informazzjoni oħra disponibbli, aktar ikun diffiċli li tiġi żgurata l-anonimizzazzjoni minħabba r-riskju akbar ta' identifikazzjoni mill-ġdid għas-suġġetti tad-*data*. Konsegwentement, fid-dawl ta' dan ix-xenarju, id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* jenħtieġ li jiġu żgurati f'kull każ fil-kuntesti differenti previsti mill-Proposta.

^{20/3}. Il-bażi għall-ipproċessar imsemmi fil-punti (c) u (e) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita:

(a) mid-dritt tal-Unjoni; jew (b) mil-liġi tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-kontrollur.

L-iskop tal-ipproċessar għandu jkun determinat f'din il-bażi ġuridika jew, fir-rigward tal-ipproċessar imsemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 1, għandu jkun meħtieġ għall-prestazzjoni ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju tal-awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur. Din il-bażi ġuridika jista' jkun fiha dispożizzjonijiet speċifiċi biex tiġi adattata l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament, *inter alia*: il-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-legalità tal-ipproċessar mill-kontrollur; it-tipi ta' *data* li huma soġġetti għall-ipproċessar; is-suġġetti tad-*data* kkonċernati; l-entitajiet li lilhom, jew li għalihom, tista' tiġi żvelata d-*data* personali; il-limitazzjoni tal-iskop; il-perjodi tal-ħżin; u l-operazzjonijiet ta' pproċessar u l-proċeduri ta' pproċessar, inklużi miżuri li jiżguraw ipproċessar legali u ġust bħal dawk għal sitwazzjonijiet speċifiċi oħrajn ta' pproċessar kif previst fil-Kapitolu IX. Il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru għandha tissodisfa oġġettiv ta' interess pubbliku u tkun proporzjonata mal-għan leġittimu mfittex."

²¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59-68.

²² Ara l-Opinjoni 3/2020 tal-EDPS dwar l-istrateġija Ewropea għad-*data* fil-paragrafu 30.

²³ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 3.

59. Fl-istess ħin, jista' jkun hemm każijiet ta' *data* mhux personali, li għalihom il-GDPR ma japplikax, li mill-orijini tagħhom, ma jkunux jirrigwardaw persuni fiżiċi. Pereżempju, huwa l-każ ta' *data* mhux personali minn sensuri tal-vibrazzjoni f'makkinarju industrijali kkombinata ma' *data* mhux personali oħra, pereżempju, il-ġeolokalizzazzjoni tal-makkinarju. *Data* bħal din mhux personali ma teħtieġx l-istess livell ta' salvagwardji minn *data* mhux personali li huma r-risultat tal-anonimizzazzjoni ta' *data* personali, minħabba li din tal-aħħar biss (bl-istess mod, *data* psewdonimizzata) x'aktarx li tkun esposta għar-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid.
60. **Biex tiġi evitata konfużjoni fir-rigward ta' kif il-Proposta tapplika "flimkien mal-GDPR", l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Proposta titfassal mill-ġdid wara li titqies aħjar id-distinzjoni bejn *data* personali u *data* mhux personali, kif ukoll fost tipi differenti ta' *data* mhux personali.**
61. Għalhekk, minkejja t-tħassib diġà espress mill-EDPS fir-rigward tal-kunċett ta' sett ta' *data* mħallat u ta' *data* personali u mhux personali²⁴ 'marbuta intrinsikament', l-EDPB u l-EDPS ifakkru li, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament dwar il-fluss liberu ta' *data* mhux personali: '*Fil-każ ta' sett ta' data magħmul minn data personali u mhux personali, dan ir-Regolament japplika għall-parti mis-sett ta' data li tikkonċerna d-data mhux personali. Fejn id-data personali u d-data mhux personali f'sett ta' data jkunu marbuta intrinsikament, dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679.*' Konsegwentement, bħala regola, sett ta' *data* mħallat se jkun soġġett għall-obbligi tal-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* u għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* stabbiliti mill-GDPR. Din il-kunsiderazzjoni hija partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-Proposta, minħabba li huwa possibbli li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-settijiet ta' *data* kondiviżi permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* jew organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* jkun fihom ukoll *data* personali. Minħabba li ma teżistix "it-tielet kategorija" bejn *data* personali u *data* mhux personali, dan ma jbidilx in-natura u r-"reġim legali" tas-sett ta' *data* bħala *data* personali²⁵.
62. **Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS jindikaw ir-riskju li l-Proposta toħloq sett parallel ta' regoli, li ma humiex konsistenti la mal-GDPR u lanqas mar-Regolament dwar il-fluss liberu ta' *data* mhux personali, biex b'hekk tiġi mminata u tikkawża diffikultajiet ta' applikazzjoni Prattika.**

E. Il-governanza / il-kompiti u s-setgħat tal-korpi u l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jinħatru f'konformità mal-Proposta u l-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*

63. Il-Proposta tippredvi l-ħatra mill-Istati Membri ta' korpi kompetenti biex jappoġġaw lill-korpi tas-settur pubbliku li jagħtu aċċess għall-użu mill-ġdid tad-*data* (il-Kapitolu II tal-Proposta) u l-ħatra tal-

²⁴ Ara l-Kummenti tal-EDPS dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-fluss liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea maħruġa fit-8 ta' Ġunju 2018 fuq https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/18-06-08-edps_formal_comments_freeflow_non_personal_data_en.pdf.

²⁵ Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, *Gwida dwar ir-Regolament dwar qafas għall-fluss liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea*, fuq: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/guidance-regulation-framework-free-flow-non-personal-data-european-union>

awtoritajiet kompetenti biex jimmonitorjaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet relatati mas-servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* u l-altruwiżmu mil-lat ta' *data* (il-Kapitoli III u IV tal-Proposta).

64. Bħala rimarka usa', l-EDPB u l-EDPS huma tal-opinjoni li, minħabba li ħafna mill-kompiti tal-korpi u tal-awtoritajiet kompetenti skont il-Proposta jirrigwardaw l-ipproċessar ta' *data* personali, hemm riskju ta' interferenzi mill-korpi u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-Proposta bil-kompetenza u l-kompiti tal-awtoritajiet indipendenti tal-protezzjoni tad-*data*. Għalhekk, il-ħatra ta' awtoritajiet/korpi kompetenti minbarra l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* tista' twassal għal kumplessità reali għall-atturi diġitali u għas-suġġetti tad-*data*, u taffettwa wkoll il-konsistenza f'termini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR. Bil-ħatra ta' korpi u awtoritajiet kompetenti titħalla fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, jista' jkun hemm ukoll riskju ta' inkonsistenza u diverġenza fl-approċċi regolatorji madwar l-Unjoni.

3.3 L-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' *data* protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku

3.3.1 Ir-relazzjoni tal-Proposta mad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa u mal-GDPR

65. Filwaqt li l-Memorandum ta' Spjegazzjoni jiddikjara li l-Proposta 'tikkomplementa d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar *data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (id-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa)²⁶', il-Premessa (5) tispeċifika wkoll li 'id-Direttiva (UE) 2019/1024, kif ukoll il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur jiżguraw li s-settur pubbliku jagħmel volum akbar mid-*data* li jipproduċi faċilment disponibbli għall-użu u għall-użu mill-ġdid. Madankollu, ċerti kategoriji ta' *data* (*data* kummerċjalment kunfidenzjali, *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità tal-istatistika, *data* protetta mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ta' partijiet terzi, inklużi sigrieti kummerċjali u *data* personali mhux aċċessibbli fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni speċifika nazzjonali jew tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680) fil-bażijiet tad-*data* pubbliċi ħafna drabi ma tkunx disponibbli, lanqas għar-riċerka jew għall-attivitajiet innovattivi. Minħabba s-sensittività ta' din id-*data*, ċerti rekwiżiti tekniċi u legali proċedurali jridu jiġu ssodisfati qabel ma jsiru disponibbli, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li oħrajn ikollhom fuq din id-*data*. Dawn ir-rekwiżiti normalment ikunu intensivi fiż-żmien u fl-għarfien biex jiġu ssodisfati. Dan wassal għal nuqqas ta' użu ta' *data* bħal din. Filwaqt li xi Stati Membri qed jistabbilixxu strutturi, proċessi u xi kultant jilleġiżlaw biex jiffaċilitaw dan it-tip ta' użu mill-ġdid, dan ma huwiex il-każ fl-Unjoni kollha.'
66. L-EDPB u l-EDPS josservaw li, minkejja l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-interfaċċa tal-Proposta mad-'Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa' tidher li ma hijiex ċara. B'mod partikolari, jista' jkun hemm inċertezza legali dwar l-użu mill-ġdid estiż tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, li, skont l-Artikolu 3 (Kategoriji ta' *data*) tal-Proposta, tapplika għal:

'[...]data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li huma protetti fuq il-bażi ta':

(a) kunfidenzjalità kummerċjali;

²⁶ ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56-83.

(b) kunfidenzjalità tal-istatistika;

(c) protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ta' terzi persuni;

(d) protezzjoni tad-data personali.'

67. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta ²⁷ ma jiċċarax b'mod suffiċjenti l-kamp ta' applikazzjoni ta' użu mill-ġdid estiż bħal dan u l-interazzjoni tal-Proposta mad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa. Barra minn hekk, huwa jqiegħed taħt l-istess "umbrella" (bħar-*'rispett tad-drittijiet tal-oħrajn', li ma huwiex xieraq meta wieħed iqis il-protezzjoni tad-data personali*) *'il-protezzjoni tad-data personali, iżda wkoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-kunfidenzjalità kummerċjali'*.
68. Jista' jiġi argumentat li l-kliem *'data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li huma protetti fuq il-bażi ta'*, fost l-oħrajn *'protezzjoni tad-data personali'* (l-Artikolu 3, ittra (d)) huwa fl-istess ħin:
- ta' dispjaċir, minħabba li jissuġġerixxi l-idea ta' regolament dwar il-protezzjoni tad-data bħala li *jimpedixxi* l-moviment liberu tad-data personali, minflok ma jistabbilixxi r-regoli tal-fluss liberu tad-data personali, filwaqt li jipproteġi d-drittijiet u l-interessi tal-persuni kkonċernati; *kif ukoll*
 - parzjalment mhux preċiż, billi d-Direttiva dwar id-Data Miftuħa, minflok ma teskludi d-data personali mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha ²⁸, tipprevedi, fl-Artikolu 1(2)(h), li [id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa ma tapplikax għal] *'dokumenti, li l-aċċess għalihom hu eskluż jew ristrett minħabba r-reġimi tal-aċċess għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-data personali, u partijiet ta' dokumenti aċċessibbli minħabba dawk ir-reġimi li fihom data personali li l-użu mill-ġdid tagħha għe definit bil-liġi bħala inkompatibbli mal-liġi fejn tidħol il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali jew li jdgħajfu l-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu, b'mod partikolari f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali'*²⁹.
69. Madankollu, dan l-aħħar aspekk huwa speċifikat fil-Premessa 7 tal-Proposta³⁰. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jistaqsu għaliex din il-kwistjoni importanti (kif ukoll ħafna oħrajn dwar il-protezzjoni tad-data personali) hija inkluża fi premessa, iżda mhux fil-parti sostantiva tal-Proposta.

²⁷ Ara f'paġna 7: *'Il-Kapitolu II jgħid li mekkaniżmu għall-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta tas-settur pubbliku li huwa kondizzjonali fuq ir-rispett tad-drittijiet ta' oħrajn (b'mod partikolari abbażi tal-protezzjoni tad-data personali, iżda wkoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-kunfidenzjalità kummerċjali). Dan il-mekkaniżmu huwa bla preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-UE speċifika għas-settur dwar l-aċċess għal din id-data u l-użu mill-ġdid tagħha. L-użu mill-ġdid ta' tali data jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1024 (id-Direttiva dwar id-data miftuħa). Id-dispożizzjonijiet f'dan il-Kapitolu ma jgħidqx id-dritt għall-użu mill-ġdid ta' din id-data, iżda jipprevedu sett ta' kundizzjonijiet bażiċi armonizzati li bihom jista' jkun permess l-użu mill-ġdid ta' din id-data (pereż. ir-reqwiżit ta' noneskluzività).'*

²⁸ Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa.

²⁹ Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-Premessi 52 u 53, kif ukoll l-Artikoli 1(4) u 10 tad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa, tal-aħħar b'referenza speċifika għad-data tar-riċerka.

³⁰ *'Id-data koperta minn dan ir-Regolament taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1024 li teskludi data soġġetta għal kunfidenzjalità kummerċjali u statistika u data li għaliha terzi persuni għandhom drittijiet ta' proprjetà intellettuali. Id-data personali taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1024 sakemm ir-reġim ta' aċċess jeskludi jew jirrestrinġi l-aċċess għal tali data għal raġunijiet ta' privatezza u l-integrità tal-individwu, b'mod partikolari f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.'* (l-enfasi miżjudha).

70. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa, id-*data* personali li ma taqax f'din l-eċċezzjoni, li tkun aċċessibbli liberament skont ir-reġimi ta' aċċess tal-Unjoni jew dawk nazzjonali u li tkun tista' tintuża mill-ġdid għal użi kompatibbli mingħajr ma timmina l-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu, hija fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u tista' ssir disponibbli għall-użu mill-ġdid f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess Direttiva, kif ukoll f'konformità mar-rekwiżiti tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*. Tabilħaqq, kif iddikjarat fil-Premessa 154 tal-GDPR, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku *'tħalli intatt u bl-ebda mod ma tolqot il-livell ta' protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u tal-liġi tal-Istat Membru u, b'mod partikolari, ma tibdilx l-obbligi u d-drittijiet stipulati [fil-GDPR]'*. Għal dan il-għan, meta jistabbilixxi prinċipji u regoli ġodda għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-leġiżlatur tal-UE jenħtieġ li jipprevedi r-rikonċiljazzjoni meħtieġa ta' tali użu mill-ġdid mad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali skont il-GDPR³¹.
71. **Konsegwentement, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li r-regoli tad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa flimkien ma' dawk tal-GDPR diġà jipprevedu mekkaniżmi li jippermettu l-kondiviżjoni tad-*data* personali miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku b'mod konsistenti mar-rekwiżiti li jirregolaw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwi. B'hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Kapitolu II tal-Proposta jiġi allinjat mar-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti fil-GDPR u mad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa, biex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali fl-UE ma jiġix imminat u biex jiġi evitat, fl-istess ħin, li dawn l-allinjamenti ħżiena jiġġeneraw inċertezza legali għall-individwi, il-korpi tas-settur pubbliku u l-utenti mill-ġdid. Bħala alternattiva, mingħajr preġudizzju għall-indikazzjonijiet ulterjuri f'din l-Opinjoni Konġunta dwar l-impatt fuq id-dritt tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* tar-regoli tal-Proposta li jirregolaw l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' *data* protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku, id-*data* personali tista' tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha.**

3.3.2 Artikolu 5: il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tad-*data* minn korpi tas-settur pubbliku

72. Il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tad-*data* miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku huma pprovdu ti fl-Artikolu 5 tal-Proposta kif speċifikat fil-Premessa 11. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta tqajjem xi tħassib.
73. **L-EDPB u l-EDPS itennu li l-ipproċessar kollu tad-*data* personali kif imsemmi fil-Proposta għandu jseħħ f'konformità sħiħa mal-GDPR u, b'hekk, ikun akkumpanjat minn salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-*data*. Dan ifisser li jenħtieġ li l-użu mill-ġdid ta' *data* personali dejjem jirrispetta l-prinċipji tal-legalità, tal-ġustizzja u tat-trasparenza, kif ukoll il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-preċiżjoni, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità f'konformità mal-Artikolu 5 tal-GDPR.**
74. F'dan ix-xenarju, il-ġustizzja, it-trasparenza u l-limitazzjoni tal-iskop huma salvagwardji essenzjali biex iġibu fiduċja fost l-individwi li d-*data* personali tagħhom tinżamm mis-settur pubbliku u, b'hekk, jafdaw li l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni li jipprovdu jseħħ b'mod li jirrispetta d-drittijiet u l-interessi tagħhom

³¹ Ara l-Premessa 154, kif ukoll l-Artikolu 86 tal-GDPR, b'referenza speċifika għal-liġi tal-Unjoni u tal-Istati Membri dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti uffiċjali

(ara l-Premessa 14 tal-Proposta), jiġifieri, li d-*data* personali tagħhom ma tintużax kontribom b'mod mhux mistenni. L-importanza tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop tintwera b'mod ċar fil-kuntest tal-miżuri li qed jiġu kkunsidrati fil-ġlieda kontra l-COVID-19, pereżempju, *data* dwar is-saħħa li għandha tiġi pproċessata taħt il-kontroll tal-awtoritajiet tal-kura tas-saħħa bħala kontrolluri tad-*data* u li ma għandhiex tintuża għal skop kummerċjali jew għal skop inkompatibbli ieħor³². Konsegwentement, il-korpi tas-settur pubbliku li huma kompetenti skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali biex jagħtu jew jirrifjutaw l-aċċess għall-użu mill-ġdid iridu jqisu li l-użu mill-ġdid tad-*data* personali huwa permissibbli biss jekk jiġi ssodisfat il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6 tal-GDPR³³. Kull użu sussegwenti ta' *data*, miġbura u / jew kondiviża fit-tweġġ ta' kompitu pubbliku (pereżempju, għat-titjib tat-trasport / tal-mobilità jew għall-indirizzar ta' theddid transfruntiera serju għas-saħħa), għal skopijiet ta' profitt kummerċjali (pereżempju, assikurazzjoni, kummerċjalizzazzjoni, eċċ.) jenħtieġ li jiġi evitat. 'Żvijar fl-użu' (function creep) bħal dan jista' ma jikkostitwixxix biss ksur tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 5 tal-GDPR, iżda jista' jimmina wkoll il-fiduċja tal-individwi fil-mekkaniżmu tal-użu mill-ġdid, li huwa għan fundamentali tal-Proposta (ara l-Premessi 14 u 19)³⁴.

75. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li l-Artikolu 6(4) tal-GDPR jiċċara l-kunċett ta' "ipproċessar ulterjuri kompatibbli" (ta' *data* personali). Tabilħaqq, skont id-definizzjoni ta' "użu mill-ġdid" stabbilita fl-Artikolu 2(2) tal-Proposta, meta jkun jikkonċerna *data* personali, l-użu mill-ġdid għandu jittqies, taħt perspettiva ta' protezzjoni tad-*data*, bħala pproċessar ulterjuri ta' *data* personali miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku għal skopijiet (kummerċjali jew mhux kummerċjali) sussegwenti mhux deskritti sewwa. Madankollu, l-Artikolu 5 tal-Proposta, li jikkonċerna l-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid, ma jipprovdi l-ebda indikazzjoni dwar l-iskopijiet li għalihom l-użu mill-ġdid jista' jkun legalment awtorizzat, u lanqas ma jispeċifika li l-iskopijiet ta' kull użu mill-ġdid sussegwenti għandhom jiġu identifikati bir-reqqa u definiti b'mod ċar fid-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) jew 6(1)(e) u 6(3) tal-GDPR³⁵, li eventwalment jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 23(1) tal-GDPR skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR³⁶.
76. B'mod aktar ġenerali, ma jidhirx li l-Proposta tistabbilixxi xi obbligu legali għall-korpi tas-settur pubbliku biex jagħmlu d-*data* li kellhom disponibbli għall-użu mill-ġdid, u lanqas ma timmira espliċitament li tissalvagwardja l-oġġettivi elenkati fl-Artikolu 23 tal-GDPR.

³² Ara l-Opinjoni tal-EDPS dwar l-Istrateġija Ewropea għad-*Data*, il-paragrafu 10.

³³ Ara, f'dan ir-rigward, il-Premessa (52) tad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa.

³⁴ Ara l-Opinjoni tal-EDPS dwar l-Istrateġija Ewropea għad-*Data*, il-paragrafu 25.

³⁵ Skont l-Artikolu 6.3 tal-GDPR, jenħtieġ li d-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri skont l-Artikolu 6(1)(c) jew 6(1)(e) tal-GDPR jidentifika, fost elementi oħrajn, il-'limitazzjoni tal-iskop' tal-ipproċessar ta' *data* personali, kif ukoll l-'iskop li għalih tista' tiġi divulgata d-*data*'.

³⁶ F'aspett ieħor, l-inklużjoni ta' *data* miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li huma protetti għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità statistika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II tal-Proposta, skont l-Artikolu 3(1)(b) tagħha u minkejja l-prinċipju ddikjarat fl-Artikolu 3(3) tagħha, tirriskja li tikkontradixxi l-prinċipji essenzjali tal-protezzjoni tad-*data* fis-settur tal-istatistika u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, li jipprojbixxi strettament l-użu ta' *data* kunfidenzjali għal skopijiet li ma humiex esklużivament ta' statistika u, b'hekk, timmina l-fiduċja tal-persuni fiżiċi meta jiġu biex jipprovdu d-*data* personali tagħhom għal skopijiet ta' statistika (ara l-Premessa 27 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 imsemmi hawn fuq dwar l-istatistika Ewropea u l-Artikoli 4(1) u 4(2) tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (97)18 dwar il-protezzjoni tad-*data* personali miġbura u pproċessata għal skopijiet ta' statistika).

77. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw bil-qawwa li tiġi emendata l-Proposta biex jiġi ċċarat li l-użu mill-ġdid ta' *data* personali miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku jista' jkun permess biss jekk ikun ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, li jistabbilixxi lista ta' skopijiet kompatibbli ċari li għalihom l-ipproċessar ulterjuri jista' jkun legalment awtorizzat jew jikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika biex tissalvagwardja l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 23 tal-GDPR.
78. Barra minn hekk u f'konformità mar-rakkomandazzjoni ta' hawn fuq, biex ikun permess aċċess legali għal *data* personali minn 'utenti tad-*data*', kif indikat mid-definizzjoni ta' "utenti tad-*data*" skont l-Artikolu 2(6) tal-Proposta, il-korpi tas-settur pubbliku, li huma kompetenti skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali biex jagħtu jew jirrifjutaw tali aċċess għall-użu mill-ġdid, iridu jistrieħu fuq bażi ġuridika adegwata skont l-Artikolu 6 tal-GDPR li tkun applikabbli għad-dikjarazzjoni msemmija. Madankollu, dan l-aspett ma huwiex speċifikat fl-Artikolu 5 tal-Proposta, li jirreferi għall-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid ta' *data* personali miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku.
79. Tabilħaqq, il-Premessa 11 tal-Proposta u l-Artikolu 5(3)-(6) korrispondenti ma jirreferux għad-dritt tal-Unjoni jew għal-liġijiet tal-Istati Membri li jipprovdu l-bażi ġuridika skont l-Artikolu 6(1)(c) jew (e) tal-GDPR, iżda jistabbilixxu (tipa grassa miżjuda): *'B'mod partikolari, id-data personali jenħtieġ li tiġi trażmessa biss għall-użu mill-ġdid lil terza persuna fejn bażi legali tippermetti tali trażmissjoni'*. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li jenħtieġ li r-referenza tkun għall-bażi ġuridika 'skont il-GDPR'. Barra minn hekk, l-imsemmija premessa tirrestrinġi lilha nnifisha biex tiddikjara li *'[l]-entitajiet tas-settur pubbliku, fejn rilevanti, jenħtieġ li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid ta' data fuq il-bażi tal-kunsens tas-suġġetti tad-data jew il-permessi ta' persuni ġuridiċi dwar l-użu mill-ġdid ta' data li tappartjeni għalihom permezz ta' mezzi tekniċi adegwati. F'dan ir-rigward, il-korp tas-settur pubbliku jenħtieġ li jappoġġa lill-utenti mill-ġdid potenzjali fit-tfittxija ta' tali kunsens billi jistabbilixxi mekkaniżmi tekniċi li jippermettu t-trażmissjoni ta' talbiet għall-kunsens mill-utenti mill-ġdid, fejn dan ikun fattibbli fil-prattika. Jenħtieġ li ma tingħata l-ebda informazzjoni ta' kuntatt li tippermetti lill-utenti mill-ġdid jikkuntattjaw lis-suġġetti tad-data jew lill-kumpaniji direttament.'*
80. Il-kliem tal-Premessa 14 tal-Proposta ma huwiex ċar ukoll fl-istabbiliment tal-interazzjoni ta' dan il-Kapitolu tal-Proposta mal-GDPR: *'[...] Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji addizzjonali għal sitwazzjonijiet li fihom l-użu mill-ġdid ta' tali data tas-settur pubbliku qed iseħħ fuq il-bażi ta' pproċessar tad-data barra mis-settur pubbliku. Tali salvagwardja addizzjonali tista' tinstab fir-rekwiżit li l-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ li jqisu bis-sħiħ id-drittijiet u l-interessi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi (b'mod partikolari l-protezzjoni tad-data personali, data kummerċjalment sensittiva u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali) f'każ li tali data tiġi trasferita lil pajjiżi terzi'*³⁷.
81. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 5(6) tal-Proposta jistabbilixxi 'Meta l-użu mill-ġdid tad-*data* ma jkunx jista' jiġi awtorizzat f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi minn 3 sa 5 u ma jkun hemm l-ebda bażi legali oħra għat-trażmissjoni tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679 [...]'. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS huma tal-opinjoni li l-kundizzjonijiet elenkati taħt il-paragrafi minn 3 sa 5 (fosthom, l-aċċess u l-użu mill-ġdid tad-data f'ambjent ta' pproċessar sigur) ma jistgħux jitqiesu bħala alternattiva għall-bażi ġuridika elenkata b'mod eżawrjenti taħt l-Artikolu

³⁷ Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku mhux biss jikkunsidraw, iżda wkoll jikkonformaw mal-qafas legali li jipproteġi d-drittijiet u l-interessi tas-suġġetti tad-*data*.

6 tal-GDPR, sakemm ir-referenza għad-dritt (tal-Unjoni jew) tal-Istati Membri ma ssirx fil-paragrafi msemmija qabel³⁸.

82. Barra minn hekk, ma huwiex ċar x'inhu r-rwol tal-korp tas-settur pubbliku fl-appoġġ lill-utenti mill-ġdid biex jiksbu l-kunsens għall-użu mill-ġdid mis-suġġett tad-*data*. Bħala rimarka ulterjuri dwar l-Artikolu 5(6) tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi obbligu għall-korpi tas-settur pubbliku ('għandhom jappoġġaw'), li l-kontenut tagħhom ma huwiex definit sewwa. Aktar għall-punt, jenħtieġ li tiġi speċifikata l-bażi ġuridika skont il-GDPR biex jiġu kkuntattjati s-suġġetti tad-*data* biex jiġbru l-kunsens tagħhom għall-użu mill-ġdid, kif ukoll ir-responsabbiltà rispettiva relatata mal-kisba ta' kunsens validu skont l-Artikolu 7 tal-GDPR³⁹. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqies ukoll l-iżbilanċ ċar tas-setgħa li ta' spiss ikun preżenti fir-relazzjoni bejn is-suġġett tad-*data* u l-awtoritajiet pubbliċi⁴⁰. F'dan il-kuntest, f'konformità mal-prinċipju tal-akkontabilità tal-GDPR, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li l-għażla ta' bażi ġuridika xierqa għall-ipproċessar ta' *data* personali, kif ukoll id-dimostrazzjoni li l-bażi ġuridika magħżula (f'dan il-każ il-kunsens) tista' tiġi applikata b'mod validu, huma f'idejn il-kontrollur tad-*data*.
83. **Għalhekk, f'konformità mal-prinċipju tal-legalità stabbilit mill-GDPR, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw bil-qawwa li jiġi ċċarat, fost il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid previsti fl-Artikolu 5 tal-Proposta, li trid tiġi pprovduta bażi ġuridika xierqa skont il-GDPR fid-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri u li din tiġi identifikata bir-reqqa mill-korpi tas-settur pubbliku fir-rigward ta' kull użu mill-ġdid sussegwenti ta' *data* personali.**
84. Elementi ewlenin oħrajn biex jinbena l-livell ta' fiduċja mmirat fil-Proposta huma l-prinċipji ta' ġustizzja u trasparenza. Skont dawn il-prinċipji, l-individwi jridu jkunu kompletament konxji jekk id-*data* personali li jipprovdu lill-korpi tas-settur pubbliku, jew li tiġi pproċessata ulterjorment mill-istess korpi fit-tweġġ tal-kompiti pubbliċi tagħhom, hijiex se ssir soġġetta għal użu mill-ġdid u għal liema skopijiet, kif ukoll ir-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom se tiġi żvelata d-*data* personali, filwaqt li jitqies li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-suġġetti tad-*data* huma mġiegħla, skont il-liġi nazzjonali, li jipprovdu d-*data* personali tagħhom lil korpi pubbliċi minħabba obbligi legali jew minħabba li japplikaw għal azzjoni pubblika jew servizz pubbliku⁴¹.
85. Madankollu, fost il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Proposta, ma hemm l-ebda referenza għall-obbligi għall-korpi tas-settur pubbliku li jinformaw lis-suġġetti tad-*data* skont il-GDPR, u lanqas għall-ħtieġa li jiġu involuti fil-proċess li jippermetti l-użu mill-ġdid tad-*data* personali tagħhom. Dan mhux biss idgħajef il-prinċipji ta' ġustizzja u trasparenza stabbiliti mill-GDPR biex jiġi żgurat li l-individwi jkollhom farsa ġenerali ċara u kontroll fuq l-użi possibbli tad-*data* personali tagħhom stess, iżda jikkontradixxi wkoll l-istess għanijiet tal-Proposta, jiġifieri li tiżdied il-fiduċja tas-

³⁸ Jista' jkun ta' min jispeċifika wkoll, għal raġunijiet ta' ċarezza, li d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, imsemmija taħt l-Artikolu 5(7), ma jippermettux (ma jikkostitwixxux bażi ġuridika għal) l-ipproċessar ta' *data* personali.

³⁹ Din se tkun ir-responsabbiltà tal-korp tas-settur pubbliku jew tal-utent mill-ġdid?

⁴⁰ F'aspett ieħor, jenħtieġ li jiġi mfakkar li l-kunsens fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma huwiex bażi ġuridika xierqa għall-attivitajiet ta' pproċessar imwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi. Ara l-Linji Gwida 5/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679 fuq https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-052020-consent-under-regulation-2016679_mt

⁴¹ Ara l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, C-201/14, *Smaranda Bara u Oħrajn*, l-1 ta' Ottubru 2015, ECLI:EU:C:2015:638.

suġġetti tad-*data* li l-użu mill-ġdid 'isir b'mod li jirrispetta d-drittijiet u l-interessi tagħhom' ⁴². **Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fil-Proposta tiġi inkluża referenza espliċita għall-obbligi għall-korpi tas-settur pubbliku li jinformat lis-suġġetti tad-*data* skont il-GDPR biex jitravwem l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilhom mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, speċjalment id-dritt ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 21 tal-GDPR. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw ukoll li fil-Proposta jiġu definiti mezzi adegwati li bihom l-individwi jistgħu jipparteċipaw, b'mod miftuħ u kollaborattiv, fil-proċess li jippermetti l-użu mill-ġdid tad-*data* personali tagħhom.**

86. Barra minn hekk, biex jinkiseb livell raġonevoli ta' fiduċja fil-mekkaniżmu tal-użu mill-ġdid, il-korpi tas-settur pubbliku, kompetenti skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali biex jippermettu l-aċċess għall-użu mill-ġdid iridu jirrispettaw il-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-*data* u jikkunsidraw il-protezzjoni speċjali meħtieġa għal setturi speċifiċi li jittrattaw b'mod regolari kategoriji speċjali ta' *data* personali, bħas-settur tas-saħħa, meta jistabbilixxu l-ambitu u l-kundizzjonijiet biex jippermettu l-aċċess għall-użu mill-ġdid. Meta wieħed jassumi dawn id-deċiżjonijiet, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bir-reqqa wkoll l-akkuratezza, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data* personali, kif ukoll l-impatt potenzjali fuq is-suġġetti tad-*data* kkonċernati.
87. **F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jiġbdu l-attenzjoni tal-leġiżlatur għall-ħtieġa li jiġu indirizzati r-rekwiżiti meħtieġa tal-protezzjoni tad-*data* personali, speċjalment f'setturi sensittivi' bħas-settur tas-saħħa, meta jiġu stabbiliti r-regoli li jirregolaw l-użu mill-ġdid ta' *data* personali, kif ukoll il-kundizzjonijiet relatati u s-salvagwardji speċifiċi tal-protezzjoni tad-*data*.**
88. B'mod partikolari, skont il-GDPR, il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (data protection impact assessment, DPIA) hija għodda ewlenija biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* jiġu kkunsidrati kif suppost u li d-drittijiet u l-interessi tal-individwi jiġu protetti b'mod adegwat, biex titrawwem il-fiduċja tagħhom fil-mekkaniżmu tal-użu mill-ġdid. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fit-test tal-Proposta jiġi inkluż li trid issir DPIA minn korpi tas-settur pubbliku f'każ li l-ipproċessar tad-*data* jkun skont l-Artikolu 35 tal-GDPR⁴³. Id-DPIA se tgħin biex jiġu identifikati r-riskji u s-salvagwardji xierqa tal-protezzjoni tad-*data* għall-użu mill-ġdid li jindirizzaw daww ir-riskji, b'mod partikolari għal setturi speċifiċi li jittrattaw b'mod regolari kategoriji speċjali ta' *data* personali. Id-deċiżjoni dwar l-użu mill-ġdid, minbarra li tkun ibbażata fuq id-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, speċjalment għal xi 'setturi sensittivi' (is-settur tas-saħħa, iżda wkoll it-trasport jew il-grilji tal-enerġija), jenħtieġ li tkun ibbażata fuq din il-valutazzjoni, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-utenti mill-ġdid u s-salvagwardji konkreti għas-suġġetti tad-*data* (pereżempju, il-kjarifika tar-riskji ta' identifikazzjoni mill-ġdid ta' *data* anonimizzata u s-salvagwardji kontra daww ir-riskji). Fl-aħħar nett, jenħtieġ li r-riżultati ta' valutazzjoni bħal din, kull meta jkun possibbli, isiru pubbliċi, bħala miżura ulterjuri li ssaħħaħ il-fiduċja u t-trasparenza⁴⁴.
89. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid, l-Artikolu 5(3) tal-Proposta jispeċifika li l-korpi tas-settur pubbliku 'jistgħu' jimponu obbligu li jerġgħu jużaw biss *data* personali anonimizzata jew

⁴² Ara l-Premessa 14 tal-Proposta

⁴³ Ara, f'dan ir-rigward, il-Premessa (53) tad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa.

⁴⁴ Ara l-Opinjoni tal-EDPS dwar il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid tal-Infurmazzjoni tas-Settur Pubbliku (PSI), li tinsab fuq: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/18-07-11_psi_directive_opinion_en.pdf

pseudonimizzata minn qabel. Dan ifisser li l-korpi tas-settur pubbliku ma humiex obbligati jipproċessaw minn qabel *data* personali biex jagħmlu disponibbli għall-utenti mill-ġdid biss *data* personali anonimizzata jew pseudonimizzata minn qabel. Konsegwentement, il-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jiddivulgaw lill-utenti mill-ġdid anki *data* li tippermetti li l-persuni fiżiċi - li lilhom tkun tirrigwarda d-*data* - jiġu identifikati direttament, jekk il-provvista ta' *data* anonimizzata 'ma tirispondix għall-ħtiġijiet tal-utent mill-ġdid' ⁴⁵. F'dan il-każ, l-użu mill-ġdid fil-post jew mill-bogħod ta' *data* personali f'ambjent ta' pproċessar sigur xorta jista' jkun permess mill-korpi tas-settur pubbliku skont l-Artikolu 5(4) tal-Proposta. Madankollu, minħabba l-iżviluppi rapidi fit-tekniki ta' identifikazzjoni mill-ġdid u d-disponibbiltà ta' riżorsi komputazzjonali avvanzati, jenħtieġ li l-leġiżlatur iqis li l-anonimizzazzjoni, il-pseudonimizzazzjoni, u anki l-użu ta' ambjenti siguri ma jistgħux jiġu kkunsidrati fil-każijiet kollha bħala ħielsa mill-vulnerabbiltajiet, speċjalment fit-tul.

90. F'dan il-kuntest, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu b'sodisfazzjon li l-Premessa 11 tal-Proposta tipprevedi li "l-użu ta' tali ambjent ta' pproċessar sigur" jista' jsir mill-korpi tas-settur pubbliku *'kondizzjonali fuq il-firma mill-utent mill-ġdid ta' ftehim ta' kunfidenzjalità li jipprojbixxi l-iżvelar ta' kwalunkwe informazzjoni li tipperikola d-drittijiet u l-interessi ta' terzi persuni li l-utent mill-ġdid seta' kiseb minkejja s-salvagwardji li tpoġġew fis-seħħ'*. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw ukoll li tiġi inkluża referenza għal ftehim ta' kunfidenzjalità bħal dan fit-test ġuridiku tal-Proposta fost il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 5. Jenħtieġ li dan il-ftehim jipprojbixxi wkoll lill-utenti mill-ġdid milli jerġgħu jidentifikaw kwalunkwe individwu li miegħu tkun relatata d-*data* u jenħtieġ li jkun fih l-obbligu għall-utenti mill-ġdid li jivvalutaw fuq bażi kontinwa r-riskji ta' identifikazzjoni mill-ġdid u li jirrapportaw kwalunkwe ksur tad-*data* li jirriżulta fl-identifikazzjoni mill-ġdid tal-individwi kkonċernati mhux biss lill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data* u lis-suġġetti tad-*data* skont l-Artikoli 33 u 34 tal-GDPR, iżda wkoll lill-korpi tas-settur pubbliku kkonċernat.
91. F'kull każ, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li l-anonimizzazzjoni u l-pseudonimizzazzjoni ma jistgħux jitqiegħdu fl-istess livell u jenħtieġ li jiġu ponderati b'mod differenti mill-korpi tas-settur pubbliku fil-valutazzjoni tal-użu mill-ġdid minn perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*. Tabilħaqq, l-anonimizzazzjoni tirrappreżenta mezz ta' trawwim tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku f'perspettiva prokompetittiva, filwaqt li tissodisfa wkoll id-diversi rekwiżiti skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, minħabba li 'informazzjoni anonima', kif definita fil-Premessa 26 tal-GDPR, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija. Għall-kuntrarju, informazzjoni li tkun għaddiet minn pseudonimizzazzjoni (li tista' twassal għal identifikazzjoni mill-ġdid minn persuna fiżika bl-użu ta' informazzjoni addizzjonali) xorta waħda jenħtieġ li titqies bħala '*data* personali', u b'hekk tinvolvi l-applikazzjoni ta' miżuri oħrajn meħtieġa mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, filwaqt li tnaqqas ir-riskji għas-suġġetti tad-*data* u tgħin lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-utenti mill-ġdid jissodisfaw l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* (b'mod partikolari l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku u l-minimizzazzjoni tad-*data*). Il-kunsiderazzjonijiet tal-aħħar japplikaw ukoll għall-miżuri previsti mill-Artikolu 5(4) tal-Proposta li l-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jimponu bħala kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid.

⁴⁵ Ara l-Premessa 11 tal-Proposta

3.3.3 Artikolu 5(11): l-użu mill-ġdid ta' *data* mhux personali 'sensittiva ħafna'

92. L-Artikolu 5(11) jintroduċi l-kunċett ta' *data* mhux personali li ġiet identifikata bħala 'sensittiva ħafna', fir-rigward tat-trasferiment lejn pajjiżi terzi, mid-dritt tal-Unjoni. Il-Premessa 19 tal-Proposta tipprovdi xi eżempji: 'fil-qasam tas-saħħa, ċerti settijiet ta' *data* miżmuma minn atturi fis-sistema tas-saħħa pubblika, bħal sptarijiet pubbliċi' 'identifikati bħala *data* sensittiva ħafna dwar is-saħħa', 'pereżempju fil-kuntest tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa jew leġislazzjoni settorjali oħra'. Fir-rigward ta' *data* mhux personali bħal din, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jistabbilixxu kundizzjonijiet speċjali applikabbli għat-trasferiment ta' *data* bħal din lil pajjiżi terzi.
93. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li anki jekk l-informazzjoni f'sett ta' *data* anonimizzat ma tippreżentax riskju li tidentifika jew tindividwalizza direttament persuna fiżika, meta din l-informazzjoni tiġi kkombinata ma' informazzjoni disponibbli oħra, hija tista' tinvolvi r-riskju ta' identifikazzjoni indiretta, biex b'hekk x'aktarx li taqa' fl-ambitu tad-definizzjoni ta' *data* personali. Tabilħaqq, aktar ma jkun hemm informazzjoni disponibbli u d-*data* terġa' tintuża u tiġi kondiviża, aktar se jkun diffiċli li tiġi żgurata l-anonimizzazzjoni maż-żmien⁴⁶. Konsegwentement, l-EDPS u l-EDPB jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li ħafna mid-*data* diġà llum il-ġurnata - u dejjem aktar fil-futur - iġġenerata u pproċessata b'tekniki ta' intelliġenza artifiċjali, tagħlim awtomatiku, internet tal-oġġetti, cloud computing u analiżi ta' big data, ħafna drabi x'aktarx li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' *data* personali. F'dan ix-xenarju, **l-EDPB u l-EDPS jitolbu lil-leġislatur iquis li anki l-użu mill-ġdid ta' *data* mhux personali 'sensittiva ħafna' prevista mill-Proposta jista' jkollu impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* personali, speċjalment jekk *data* mhux personali bħal din tkun ir-riżultat tal-anonimizzazzjoni ta' *data* personali u, b'hekk, informazzjoni oriġinarjament relatata ma' individwi.** Tabilħaqq, f'dawn il-każijiet ukoll, id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* jridu jiġu żgurati bis-siġħ. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw bil-qawwa li jiġi ċċarat il-kunċett ta' '*data* mhux personali sensittiva ħafna', bħala minimu billi jiġu pprovduti eżempji konkreti.

3.3.4 Artikolu 6: tariffi għall-użu mill-ġdid tad-*data*

94. Fir-rigward tat-tariffi previsti fl-Artikolu 6 tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li d-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa fiha referenza espliċita għal "kostijiet tal-anonimizzazzjoni" fil-Premessi 36 u 38, kif ukoll fil-paragrafi (1), (4) u (5) tal-Artikolu 6. B'mod partikolari, id-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa tipprevedi eċċezzjoni għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti mingħajr ħlas biex il-korpi tas-settur pubbliku jkun jistgħu jitolbu mingħand l-utenti mill-ġdid l-ispejjeż raġonevoli li jġarrbu biex jipproċessaw minn qabel, jaggregaw u / jew janonimizzaw id-*data* personali offruta għall-użu mill-ġdid, f'sitwazzjonijiet fejn l-użu ta' tali tekniki jkun ġustifikat fid-dawl tar-riskji akbar li jirriżultaw mill-offerta ta' *data* bħal din għall-użu mill-ġdid.
95. Minħabba li, f'ċerti każijiet, il-psewdonimizzazzjoni jew l-anonimizzazzjoni tal-informazzjoni miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku tista' tkun komputu kumpless, li jieħu ħafna ħin, għali u li jirrikjedi

⁴⁶ Ara, f'dan ir-rigward, l-Opinjoni 05/2014 tad-WP29 dwar it-tekniki ta' Anonimizzazzjoni (WP 216), kif ukoll is-Sentenza tal-QĠUE tad-19 ta' Ottubru 2016, Patrick Breyer vs Bundesrepublik Deutschland, fil-Kawża C-582/14, li tirreferi għall-Premessa 26 tad-Direttiva 95/46/KE, billi tħares lejn il-mezzi legali u prattiċi li permezz tagħhom l-identifikazzjoni mill-ġdid tista' tiġi affettwata mill-użu ta' *data* addizzjonali f'idejn terzi persuni. Il-linji gwida tal-EDPB li ġejjin dwar l-anonimizzazzjoni jew il-psewdonimizzazzjoni se jkomplu jelaboraw fuq din il-kwistjoni.

għarfien espert li mhux dejjem ikun disponibbli, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fl-Artikolu 6(5) tal-Proposta jiġi inkluż li **t-tariffi mitluba mill-korpi tas-settur pubbliku biex jippermettu l-użu mill-ġdid tad-data jistgħu jqisu kif xieraq l-ispejjeż imġarrba mill-korpi tas-settur pubbliku għall-psewdonimizzazzjoni jew l-anonimizzazzjoni tad-data personali** magħmula disponibbli għall-użu mill-ġdid.

96. Jista' jiġi nnotat ukoll li **l-Proposta treġġa' lura l-prinċipju ġenerali stabbilit mid-Direttiva dwar id-Data Miftuħa ta' użu mill-ġdid 'mingħajr ħlas'**. Tabilħaqq, l-Artikolu 6(1) tal-Proposta jiddikjara li *'Il-korpi tas-settur pubbliku li jippermettu l-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1) jistgħu jitolbu tariffi talli jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-data'*. Għalhekk, f'dan ir-rigward, l-interazzjoni mad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa ma hijiex ċara.
97. Barra minn hekk, jista' jiġi osservat li, minkejja li l-Artikolu 6(5) jispeċifika li *'It-tariffi għandhom ikunu derivati mill-kostijiet relatati mal-ipproċessar ta' talbiet għall-użu mill-ġdid (...)'*, il-Proposta tidher li tintroduċi inċentivi finanzjarji għall-korpi tas-settur pubbliku biex jippermettu l-użu mill-ġdid ta' data personali.
98. Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Artikolu 6(4) jimponi obbligu fuq il-korpi tas-settur pubbliku biex *'jieħdu miżuri biex jinċentivaw l-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1) [li jinkludu data personali] għal finijiet mhux kummerċjali u minn intrapriżi żgħira u ta' daqs medju f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.'*
99. Dan l-aspett, anki fid-dawl tal-kritika tal-Proposta deskritta fil-kummenti ġenerali ta' din l-Opinjoni Konġunta, huwa problematiku minn perspettiva tal-protezzjoni tad-data, fil-perspettiva tal-implimentazzjoni kemm legali kif ukoll Prattika. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' ċarezza dwar it-tip ta' inċentivi u d-destinatarji tagħhom jista' jqajjem mistoqsijiet addizzjonali dwar jekk il-kunsens, bħala waħda mill-bażijiet ġuridiċi invokati skont l-Artikolu 5(6) tal-Proposta għall-użu mill-ġdid ta' data personali, huwiex se jkun il-bażi ġuridika xierqa, speċjalment fir-rigward tal-libertà tal-għażla tal-individwi li jirrifjutaw li jipprovdut l-kunsens tagħhom għall-użu mill-ġdid tad-data personali tagħhom jew li jirtirawha⁴⁷.

3.3.5 Aspetti ta' governanza u istituzzjonali: Artikolu 7 (korpi kompetenti). Artikolu 8 (punt uniku ta' informazzjoni).

100. Il-Proposta tippredvi li l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt uniku għall-użu mill-ġdid ta' data tas-settur pubbliku (l-Artikolu 8), u jistabbilixxu korpi inkarigati mill-għoti ta' appoġġ lill-korpi tas-settur pubbliku b'mezzi tekniċi u assistenza legali għall-użu mill-ġdid ta' data tas-settur pubbliku (l-Artikolu 7). Skont l-Artikolu 7(3), 'korpi kompetenti' bħal dawn jistgħu jiġu fdati biex jagħtu aċċess għall-użu mill-ġdid tad-data, inkluża data personali.

⁴⁷ Kif iddikjarat fil-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont il-GDPR, f'termini ġenerali, kull element ta' pressjoni jew influwenza mhux xierqa fuq is-suġġett tad-data (li jista' jintwera b'ħafna modi differenti) li jipprevjeni lil suġġett tad-data milli jeżerċita r-rieda libera tiegħu, għandu jrendi l-kunsens f'wieħed invalidu.

101. Għalhekk, fir-rigward tal-korpi kompetenti, dawn se jassistu, *inter alia*, lill-korpi tas-settur pubbliku biex jiksbu kunsens jew permess għall-użu mill-ġdid u jistgħu jiġu fdati wkoll biex jagħtu aċċess għall-użu mill-ġdid ta' *data* miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, inkluża *data* personali.
102. L-ewwel nett, jenħtieġ li d-dispożizzjoni skont l-Artikolu 7(2)(c) tiġi ċċarata, b'mod partikolari minħabba l-ambigwità tat-terminoloġija użata ('permess mill-utenti mill-ġdid għall-użu mill-ġdid'; 'finijiet altruwisti u oħrajn'; 'f'konformità mad-deċiżjonijiet speċifiċi tad-detenturi tad-*data*'). Għalhekk, it-tifsira ġenerali tad-dispożizzjoni ('assistenza lill-korpi tas-settur pubbliku, fejn rilevanti, fil-kisba ta' kunsens jew permess *mill-utenti mill-ġdid għall-użu mill-ġdid* għal finijiet altruwisti u oħrajn f'konformità mad-deċiżjonijiet speċifiċi tad-detenturi tad-*data*') ma hijiex ċara lanqas.
103. It-tieni, minkejja li dawk il-korpi huma essenzjalment inkarigati bi dmirijiet ta' appoġġ u konsulenza vis-à-vis korpi tas-settur pubbliku għall-użu mill-ġdid tad-*data*, uħud mill-kompiti tagħhom jitrattaw l-implimentazzjoni tas-salvagwardji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u t-trawwim tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi tal-individwi fir-rigward tad-*data* personali tagħhom. Madankollu, il-Kapitolu II tal-Proposta ma jiċċarax jekk l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* - li lilhom il-GDPR jagħti wkoll, fost l-oħrajn, setgħat konsultattivi - jistgħux jinħatru bħala l-korpi kompetenti skont l-Artikolu 7 tal-Proposta⁴⁸.
104. F'dan ir-rigward, l-EDPS u l-EDPB l-ewwel jissottolinjaw li d-deżinjazzjoni u l-multiplikazzjoni tal-korpi kompetenti li jistgħu jitrattaw, sa ċertu punt, l-ipproċessar tad-*data* personali skont il-Kapitolu II tal-Proposta jistgħu jwasslu għal kumplessità reali għall-korpi tas-settur pubbliku, għall-utenti mill-ġdid u għas-suġġetti tad-*data*, u jaffettwaw ukoll il-konsistenza f'termini tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR. **B'hekk, sa fejn id-*data* personali tkun qed tiġi soġġetta għal użu mill-ġdid fuq il-bażi tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS iqisu li jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* jkunu l-uniċi kompetenti għas-sorveljanza ta' tali pproċessar ta' *data* personali. Jenħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi adegwati lil dawn l-awtoritajiet biex ikunu jistgħu jwettqu dan il-kompitu b'mod effettiv u effiċjenti.**
105. Barra minn hekk, jekk jinħatru korpi speċifiċi biex jassistu lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-utenti mill-ġdid tad-*data* u jiġu fdati biex jagħtu aċċess għall-użu mill-ġdid tad-*data*, inkluża *data* personali, korpi bħal dawn ma jistgħux jissejju 'kompetenti' minħabba li ma jaġixxux bħala awtorità superviżorja li kapaċi timmonitorja u tinforza d-dispożizzjonijiet relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali. Biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-konsistenza tal-applikazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* personali, l-attivitajiet u l-obbligi ta' korpi maħtura bħal dawn għandhom ikunu soġġetti wkoll għall-kompetenza u s-superviżjoni diretti tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*, meta tkun involuta *data* personali.
106. Fir-rigward tal-kompetenza u l-kompiti tagħhom skont il-GDPR, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* diġà għandhom għarfien espert speċifiku fil-monitoraġġ tal-konformità tal-ipproċessar tad-*data*, kif ukoll fil-promozzjoni tal-għarfien tal-kontrollur u tal-proċessur tal-obbligu tagħhom relatat

⁴⁸ Bħalma huwa l-każ, pereżempju, fil-kuntest tal-isparzi tad-*data* eżistenti, bħaċ-Ċentru Franċiż tad-*Data* dwar is-Saħħa, fejn l-awtorità għall-protezzjoni tad-*data* Franċiża hija dik kompetenti biex tawtorizza l-aċċess għal *data* personali speċifika. Ara wkoll, f'dan ir-rigward, is-setgħat konsultattivi mogħtija lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest ta' DPIA, biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mar-regoli għall-protezzjoni ta' *data* personali skont l-Artikoli 57(1)(l) u 58(3)(a) tal-GDPR.

mal-ipproċessar tad-*data* personali. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-qafas istituzzjonali previst mill-Kapitolu II tal-Proposta u l-GDPR, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ċċarat li l-awtoritajiet kompetenti ewlenin għas-superviżjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali huma l-awtoritajiet superviżorji għall-protezzjoni tad-*data*. Jenġtiegħ li l-awtoritajiet imsemmija l-aħħar jaħdmu mill-qrib mal-korpi speċifiċi maħtura, skont il-Proposta, biex jassistu lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-utenti mill-ġdid u fdati biex jagħtu aċċess għall-użu mill-ġdid tad-*data*, f'konsultazzjoni ma' awtoritajiet settorjali rilevanti oħrajn, fejn meħtiegħ, biex jiżguraw applikazzjoni koerenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

107. L-EDPB u l-EDPS josservaw ukoll li l-Proposta tipprevedi skont l-Artikolu (4) mekkaniżmu għal rimedju għall-utenti mill-ġdid fejn ikunu jixtiequ jikkontestaw id-deċiżjoni ta' rifjut ta' aċċess għal użu mill-ġdid li huwa differenti minn dak stabbilit skont id-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa. Skont id-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa (ara l-Artikolu 4(4)), b'mod partikolari, il-mezzi ta' rimedju għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' rieżami minn korp ta' rieżami imparzjali bl-għarfien espert xieraq, bħal, fost l-oħrajn, '*l-awtorità superviżorja stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, jew awtorità ġudizzjarja nazzjonali, li d-deċiżjonijiet tagħha jkunu vinkolanti għall-korp tas-settur pubbliku kkonċernat*'. F'dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju għall-kummenti li diġà saru f'din l-Opinjoni Konġunta dwar il-ħtieġa li tiġi ċċarata l-interazzjoni tal-Proposta mad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa, l-EDPB u l-EDPS jiġbdu l-attenzjoni tal-leġiżlatur dwar l-inkonsistenzi bejn dawk iż-żewġ settijiet ta' regoli.

3.4 Rekwiżiti applikabbli għall-fornituri ta' servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data*

Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni juri li '*Il-Kapitolu III għandu l-għan li jżid il-fiduċja fil-kondiviżjoni ta' data personali u mhux personali u jnaqqas il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tad-*data* B2B u C2B billi joħloq reġim ta' notifika għall-fornituri tal-kondiviżjoni tad-*data*. Dawn il-fornituri se jkollhom jikkonformaw ma' għadd ta' rekwiżiti, b'mod partikolari r-rekwiżit li jibqgħu newtrali fir-rigward tad-*data* skambjata. Ma jistgħux jużaw din id-*data* għal skopijiet oħra. Fil-każ ta' forniture ta' servizzi ta' kondiviżjoni ta' *data* li joffru servizzi għal persuni fiżiċi, il-kriterju addizzjonali li wieħed jassumi dmirijiet fiduċjarji lejn l-individwi li jużawhom ikollu jiġi ssodisfat ukoll. L-approċċ huwa mfassal biex jiżgura li s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data* jiffunzjonaw b'mod miftuħ u kollaborattiv, filwaqt li jagħtu s-setgħa lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi billi jagħtuhom stampa ġenerali u kontroll aħjar tad-*data* tagħhom. Awtorità kompetenti maħtura mill-Istati Membri se tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti marbuta mal-forniment ta' tali servizzi.*'⁴⁹

108. L-Artikolu 9(1) tal-Proposta, kif speċifikat fil-Premessa 22, jistabbilixxi tliet tipi differenti ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*:

- taħt l-ittra (a), servizzi ta' intermedjazzjoni bejn id-detenturi tad-*data* li huma persuni ġuridiċi u utenti potenzjali tad-*data*;
- taħt l-ittra (b), servizzi ta' intermedjazzjoni bejn is-suġġetti tad-*data* u l-utenti potenzjali tad-*data*;
- taħt l-ittra (c), "kooperattivi tad-*data*".

⁴⁹ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 7.

109. Wara li kkunsidra l-ewwel tip ta' servizz ta' kondivizzjoni tad-*data*, l-Artikolu 9(1)(a) jirreferi għal *'servizzi ta' intermedjazzjoni bejn id-detenturi tad-data li huma persuni ġuridiċi u utenti potenzjali tad-data, inkluż it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-mezzi tekniċi jew ta' mezzi oħra li jippermettu tali servizzi; dawk is-servizzi jistgħu jinkludu skambji bilaterali jew multilaterali ta' data jew il-ħolqien ta' pjattaformi jew bażijiet ta' data li jippermettu l-iskambju jew l-isfruttament konġunt ta' data, kif ukoll l-istabbiliment ta' infrastruttura speċifika għall-interkonnnessjoni tad-detenturi tad-data u l-utenti tad-data.'*
110. Il-Premessa (22) tispeċifika: *'Il-fornituri tas-servizzi tal-kondivizzjoni tad-data (intermedjarji tad-data) huma mistennija li jkollhom rwol ewlieni fl-ekonomija tad-data, bħala għodda li tiffaċilita l-aggregazzjoni u l-iskambju ta' ammonti sostanzjali ta' data rilevanti. L-intermedjarji tad-data li joffru servizzi li jgħaqqdu l-atturi differenti għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-ġbir effiċjenti tad-data kif ukoll għall-faċilitazzjoni tal-kondivizzjoni bilaterali tad-data. Intermedjarji tad-data speċjalizzati li huma indipendenti kemm mid-detenturi tad-data kif ukoll mill-utenti tad-data jista' jkollhom rwol ta' faċilitazzjoni fil-ħolqien ta' ekosistemi ġodda mmexxija mid-data indipendenti minn kwalunkwe attur bi grad sinifikanti ta' saħħa fis-suq. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss il-fornituri tas-servizzi tal-kondivizzjoni tad-data li għandhom bħala objettiv ewlieni l-istabbiliment ta' negozju, relazzjoni legali u potenzjalment teknika bejn id-detenturi tad-data, inklużi s-suġġetti tad-data, minn naħa waħda, u l-utenti potenzjali min-naħa l-oħra, u tassisti liż-żewġ partijiet fi tranżazzjoni ta' assi ta' data bejn it-tnejn. Dan jenħtieġ li jkopri biss is-servizzi li għandhom l-għan li jintermedjaw bejn għadd indefinit ta' detenturi tad-data u utenti tad-data, bl-esklużjoni tas-servizzi tal-kondivizzjoni tad-data li huma maħsuba biex jintużaw minn grupp magħluq ta' detenturi tad-data u utenti tad-data.'*
111. **Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS iqisu l-kwistjoni msemmiya fir-rimarki ġenerali ta' din l-Opinjoni Konġunta bħala ta' tħassib ġenerali, jiġifieri r-riskju li l-Proposta toħloq sett parallel ta' regoli, li ma humiex konsistenti mal-GDPR, huwa partikolarment evidenti b'referenza għall-Kapitolu III tal-Proposta. Tabilħaqq, ma huwiex ċar x'inhi l-interazzjoni tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 9 tal-Proposta, li jirreferu għal "detenturi tad-data", "utenti potenzjali tad-data", "l-iskambju jew l-isfruttament konġunt tad-data", "l-interkonnnessjoni tad-detenturi tad-data u tal-utenti tad-data", mar-regoli u l-prinċipji tal-GDPR.**
112. Aħna nfakkru li s-servizz ta' kondivizzjoni tad-data bħala pjattaforma ta' intermedjazzjoni 'bejn għadd indefinit ta' detenturi tad-data u utenti tad-data' bl-esklużjoni tal-użu minn grupp magħluq ta' utenti tad-data, sakemm l-intermedjazzjoni tkun relatata ma' *data* personali, għandu jkun konformi b'mod partikolari mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku skont l-Artikolu 25 tal-GDPR⁵⁰.

⁵⁰ Ara l-Artikolu 25(2): *'Il-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi adatti biex jiżgura li, b'mod awtomatiku, tiġi pproċessata biss data personali meħtieġa għal kull għan speċifiku tal-ipproċessar. Dan l-obbligu japplika għall-ammont ta' data personali miġbura, il-livell ta' pproċessar tagħha, il-perjodu tal-ħażna tagħha u l-aċċessibbiltà tagħha. B'mod partikolari, mekkaniżmi bħal dawn għandhom jiżguraw li b'mod awtomatiku d-data personali ma ssirx aċċessibbli mingħajr l-intervent tal-individwu għal numru indefinit ta' persuni fiżiċi.'*

Ara wkoll l-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-prinċipju tal-privatezza mid-disinn u b'mod awtomatiku, f'paġna 20:

'L-elementi ewlenin tal-limitazzjoni tal-iskop mid-disinn u b'mod awtomatiku jistgħu jinkludu:

113. L-EDPB u l-EDPS jindikaw ukoll il-prinċipji ta' protezzjoni tad-*data* tat-trasparenza (u l-limitazzjoni tal-iskop) tal-ipproċessar ta' *data* personali. Kif iddikjarat fil-Linji Gwida tad-WP29 dwar it-trasparenza *'jenħtieġ li s-suġġett tad-data ... ikun kapaċi jiddetermina minn qabel x'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-ipproċessar u x'konsegwenzi jinvolvi' (...)* *'jiġifieri t-tip ta' effett li l-ipproċessar speċifiku deskritt fi tqarrija / avviż ta' privatezza fil-fatt se jkollu fuq suġġett tad-data'*.⁵¹
114. **Il-kunċett ta' servizz ta' kondivżjoni tad-*data* bħala pjattaforma għal intermedjazzjoni 'bejn għadd indefinit ta' detenturi tad-*data* u utenti tad-*data*', bħala tip ta' suq tad-*data* miftuħa, imur kontra l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* msemmija qabel ta' privatezza mid-disinn u b'mod awtomatiku, trasparenza u limitazzjoni tal-iskop jekk il-pjattaforma ma tippermettix għażla minn qabel tal-iskopijiet u l-utenti tad-*data* personali, jew informazzjoni dwarhom, mis-suġġett tad-*data* jew lilu. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Proposta tispeċifika dan l-aspett, mill-inqas fi premessa.**
115. **Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' intermedjarju tad-*data* bejn id-detenturi tad-*data* u l-persuni ġuridiċi wkoll ma huwiex ċar u, b'hekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat aħjar.**⁵²

-
- Predeterminazzjoni - L-iskopijiet leġittimi għandhom jiġu ddeterminati qabel id-disinn tal-ipproċessar.
 - Speċifità - L-iskopijiet għandhom jiġu speċifikati u jkunu espliċiti dwar għaliex qed tiġi pproċessata d-*data* personali.
 - Orjentazzjoni lejn l-iskop - Jenħtieġ li l-iskop tal-ipproċessar jiggwida d-disinn tal-ipproċessar u jistabbilixxi l-konfini tal-ipproċessar.
 - Neċessità - L-iskop jiddetermina liema *data* personali hija meħtieġa għall-ipproċessar.
 - Kompatibbiltà - Kull skop ġdid irid ikun kompatibbli mal-iskop oriġinali li għalih inġabret id-*data* u jiggwida l-bidliet rilevanti fid-disinn.
 - Limitazzjoni tal-ipproċessar ulterjuri - Jenħtieġ li l-kontrollur ma jikkonnettjax is-settijiet ta' *data* u ma jwettaq l-ebda pproċessar ulterjuri għal skopijiet inkompatibbli ġodda.
 - Limitazzjonijiet tal-użu mill-ġdid - Jenħtieġ li l-kontrollur juża miżuri tekniċi, inklużi hashing u kriptaġġ, biex jillimita l-possibbiltà ta' adattament tad-*data* personali għal skop ġdid. Jenħtieġ li l-kontrollur ikollu wkoll miżuri organizzattivi, bħal politiki u obbligi kuntrattwali, li jillimitaw l-użu mill-ġdid ta' *data* personali.
 - Rieżami - Jenħtieġ li l-kontrollur jirrieżamina regolarment jekk l-ipproċessar huwiex meħtieġ għall-finijiet li għalihom inġabret id-*data* u jittestja d-disinn fuq il-bażi tal-limitazzjoni tal-iskop.'

⁵¹ Il-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 (Working Party, WP29), Il-Linji Gwida dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679 WP260, rev.01, paġna 7.

⁵² Il-Premessa 22 tispeċifika: "[...] Il-fornituri tas-servizzi cloud jenħtieġ li jiġu esklużi, kif ukoll il-fornituri tas-servizzi li jiksibu *data* mingħand id-detenturi tad-*data*, li jagggregaw, li jarrikkixxu jew li jittrasformaw id-*data* u li jillienzjaw l-użu tad-*data* riżultanti lill-utenti tad-*data*, mingħajr ma jistabbilixxu relazzjoni diretta bejn id-detenturi tad-*data* u l-utenti tad-*data*, pereżempju **sensara tar-reklamar jew sensara tad-*data*, konsulenti tad-*data*, fornituri ta' prodotti tad-*data* li jirriżultaw mill-valur miżjud** mad-*data* mill-fornitur tas-servizz. Fl-istess ħin, il-fornituri tas-servizzi tal-kondivżjoni tad-*data* jenħtieġ li jitħallew jagħmlu **adattamenti fid-*data* skambjata, sakemm dan itejjeb l-użabbiltà** tad-*data* mill-utent tad-*data*, fejn l-utent tad-*data* jixtieq dan, b'mod li din tiġi kkonvertita f'formati speċifiċi. Barra minn hekk, is-servizzi li jiffukaw fuq l-intermedjazzjoni tal-kontenut, b'mod partikolari fuq il-kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur, jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament.

Pjattaformi għall-iskambju tad-*data* li jintużaw esklużivament minn detentur wieħed tad-*data* biex jippermettu l-użu tad-*data* li jkollhom kif ukoll pjattaformi żviluppati fil-kuntest ta' oġġetti u apparati konnessi mal-Internet tal-oġġetti li għandhom bħala l-oġġett ewlieni tagħhom li jiżguraw funzjonalitajiet tal-oġġett jew apparat konness u li jippermetti servizzi ta' valur miżjud, jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament.

116. Bħala osservazzjoni ġenerali, jista' jiġi rrimarkat ukoll li l-Proposta ma tispjefikax **kif (skont liema bażi ġuridika tal-GDPR) il-fornituri ta' servizzi ta' kondiżjoni tad-data se jiġbru data personali għall-finijiet ta' kondiżjoni.**
117. Ma huwiex ċar ukoll **jekk il-fornituri ta' servizzi ta' kondiżjoni tad-data jistgħux jintermedjaw id-data permessa għall-użu mill-ġdid minn korpi tas-settur pubbliku** skont il-Kapitolu II tal-Proposta.
118. Huwa kruċjali wkoll, għal raġunijiet ta' trasparenza u biex jiżdied (minflok jonqos) il-livell ta' fiduċja taċ-ċittadini, li jiġi ċċarat fil-Proposta li s-servizz ta' kondiżjoni tad-data se jiġi pprovdut mal-ħlas ta' "prezz" mid-detenturi tad-data u mill-utenti tad-data. Dan l-aspett jista' jitnaqqas mill-kliem tal-Artikolu 11(3) tal-Proposta⁵³, iżda ma huwiex ċar u ma huwiex komplet (ma jipprovdix stampa ċara tat-tranżazzjonijiet monetarji li jakkumpanjaw l-ipproċessar tad-data personali). L-inċentiv ċar biex tiġi "monetizzata" d-data personali jżid ukoll l-importanza tal-kontrolli fuq il-konformità tal-protezzjoni tad-data.⁵⁴ Sfortunatament, f'dan ir-rigward, kif ukoll b'rabta mal-kapitolu l-oħrajn tal-Proposta, il-valutazzjoni tal-impatt⁵⁵ ma tqisx ir-riskji tal-protezzjoni tad-data.
119. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS josservaw li l-Proposta ma tipprovdix stampa ċara, pereżempju, permezz ta' eżempji fil-premessi, tal-"każijiet ta' użu" tas-servizzi ta' kondiżjoni tad-data (li l-"aspett ta' tranżazzjoni monetarja" tagħhom, kif enfasizzat, għandu jkun ċar għall-pubbliku u għall-persuni kkonċernati meta dan ikun il-każ). Pereżempju, il-Premessa (22) tispjefika x'ma hijiex pjattaforma għall-iskambju tad-data biex titqies bħala "intermedjarja tad-data": *'Pjattaformi għall-iskambju tad-data li jintużaw esklussivament minn detentur wieħed tad-data sabiex jippermettu l-użu tad-data li jkollhom kif ukoll pjattaformi żviluppata fil-kuntest ta' oġġetti u apparati konnessi mal-Internet tal-oġġetti li għandhom bħala l-oġġett ewlieni tagħhom li jiżguraw funzjonalitajiet tal-oġġett jew l-apparat konness u li jippermettu servizzi ta' valur miżjud, jenħtieġ li ma jkunx koperti minn dan ir-Regolament'*, iżda ma tipprovdix, f'dan ir-rigward, il-każ ta' użu previst.

"Fornituri ta' tape konsolidat" fis-sens tal-Artikolu 4(1) punt 53 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll "fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet" fis-sens tal-Artikolu 4 punt 19 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li ma jitqisux bħala fornituri ta' servizzi ta' kondiżjoni tad-data għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. L-entitajiet li jirrestrinġu l-attivitajiet tagħhom biex jiffaċilitaw l-użu tad-data disponibbli fuq il-bażi tal-altruwiżmu mil-lat ta' data u li joperaw fuq bażi mhux għall-profitt jenħtieġ li ma jkunx koperti mill-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament, billi din l-attività sservi oġġettivi ta' interess ġenerali billi żżid il-volum ta' data disponibbli għal dawn l-iskopijiet."

⁵³ L-Artikolu 11(3) tal-Proposta jistabbilixxi: 'il-fornitur għandu jiżgura li l-proċedura għall-aċċess għas-servizz tiegħu tkun ġusta, trasparenti u mhux diskriminatorja kemm għad-detenturi tad-data kif ukoll għall-utenti tad-data, inkluż fir-rigward tal-prezzijiet.'

⁵⁴ F'dan ir-rigward, l-EDPB qed jiżviluppa gwida dwar il-ġbir u l-użu ta' data personali li jsir bir-remunerazzjoni finanzjarja.

⁵⁵ Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Att dwar il-Governanza tad-Data, SWD(2020) 295 final, tinsab fuq: <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2020:0295:FIN:EN:PDF>

3.4.1 Intermedjarji tad-*data* skont l-Artikolu 9(1)(b): servizzi ta' intermedjazzjoni bejn is-suġġetti tad-*data* u l-utenti potenzjali tad-*data*.⁵⁶

120. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li d-dispożizzjonijiet relatati mas-servizzi ta' intermedjazzjoni bejn is-suġġetti tad-*data* li jfittxu li jagħmlu d-*data* personali tagħhom disponibbli u l-utenti potenzjali tad-*data* fl-eżerċizzju tad-drittijiet previsti fir-Regolament (UE) 2016/679, skont l-Artikolu 9(1)(b), għandhom jiġu applikati mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni effettiva tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u tal-obbligi tal-kontrollur tad-*data* skont il-GDPR.
121. Madankollu, il-Proposta ma tispeċifikax il-modalitajiet li fuq il-bażi tagħhom fornituri ta' servizzi bħal dawn jassistu b'mod effettiv lill-individwi fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom skont il-GDPR u lanqas ma tipprovi indikazzjoni għal liema pproċessar ta' *data* personali tapplika tali assistenza u lejn liema utenti tad-*data* preċiżament⁵⁷.
122. L-EDPB u l-EDPS l-ewwel nett iqisu li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u l-modalitajiet possibbli għal dan l-eżerċizzju huma previsti mill-GDPR, taħt il-monitoraġġ tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali skont l-Artikolu 51 ta' dan l-istess Regolament. In-nuqqas ta' ċarezza dwar il-modalitajiet preċiżi fl-assistenza pprovduta għall-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, kif ukoll dwar ir-riċevituri ta' proċess bħal dan u l-obbligi tagħhom lejn is-suġġetti tad-*data* jista' jwassal għal aktar inċertezzi legali fl-eżerċitar effettiv tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont il-GDPR.
123. **Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Proposta tkun tirrifletti l-qafas legali tal-UE (GDPR), li fuq il-bażi tiegħu, modalitajiet bħal dawn, kif ukoll l-obbligi relatati applikabbli għall-fornituri u r-riċevituri ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data*, jistgħu jiġu speċifikati aktar mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, f'konformità mal-Artikolu 70 tal-GDPR⁵⁸.**
124. Ma huwiex ċar ukoll jekk is-servizzi ta' intermedjazzjoni fl-ittra (b) tal-Artikolu 9(1) tal-Proposta, li għalihom ma hijiex ipprovduta definizzjoni skont l-Artikolu 2 tagħha, jirreferux għal u jirreferux biss għal (u sa liema punt) Sistemi ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni Personali (Personal Information Management Systems, PIMS). L-EDPB u l-EDPS jindikaw id-differenza bejn PIMS, li jippermettu l-ġestjoni tad-*data* personali u jiffaċilitaw l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* ("interfaċċja mas-suġġett tad-*data*")⁵⁹, minn naħa waħda, u l-fornituri tas-servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* minn negozju għal negozju (li l-korrelazzjoni tagħhom ma' "sensara tad-*data*" ma hijiex ċara), min-naħa l-oħra. Huwa b'raba ma' dawn tal-aħħar, fejn is-suġġett tad-*data* huwa aktar 'il bogħod u f'riskju li ma

⁵⁶ L-Artikolu 9(1)(b) tal-Proposta jirreferi għal: 'servizzi ta' intermedjazzjoni bejn is-suġġetti tad-*data* li jfittxu li jagħmlu d-*data* personali tagħhom disponibbli u l-utenti potenzjali tad-*data*, inkluż li jagħmlu disponibbli l-mezzi tekniċi jew mezzi oħra biex jippermettu dawn is-servizzi, fl-eżerċizzju tad-drittijiet ipprovduti fir-Regolament (UE) 2016/679.'

⁵⁷ L-Artikolu 11(10) tal-Proposta għadu pjuttost vag fil-kliem tiegħu 'il-fornitur li joffri servizzi lis-suġġetti tad-*data* għandu jaġixxi fl-aħjar interess tas-suġġetti tad-*data* meta jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari billi jagħti pariri lis-suġġetti tad-*data* dwar l-użi potenzjali tad-*data* u t-termini u l-kundizzjonijiet standard marbuta ma' dawn l-użi;'

⁵⁸ F'dan ir-rigward, l-EDPB bħalissa qed jaħdem fuq linji gwida dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

⁵⁹ Ara l-Opinjoni tal-EDPS dwar is-Sistemi ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni Personali, l-20 ta' Ottubru 2016, li tinsab fuq: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/16-10-20_pims_opinion_en.pdf

jkollux ħarsa ġenerali u kontroll ċari fuq il-kondiviżjoni tad-*data* personali tiegħu, li l-kritika skont il-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data* tista' tkun ogħla⁶⁰.

125. Madankollu, fil-każijiet kollha, għandhom japplikaw il-prinċipji ta' trasparenza, ta' ġustizzja u ta' limitazzjoni tal-iskop.
126. Fl-Opinjoni tiegħu dwar il-PIMS, l-EDPS irrimarka li *'Fi kwalunkwe każ, huwa kruċjali li tiġi żgurata t-trasparenza tal-mudell kummerċjali vis-à-vis l-individwi li d-data tagħhom qed tiġi pproċessata sabiex ikunu konxji mill-interessi inkwistjoni (tal-PIMS u ta' fornituri ta' servizzi oħrajn) u jkunu jistgħu jużaw il-PIMS b'għarfien sħiħ'*.⁶¹
127. Il-Proposta tipprovdi xi kjarifiki relatati mal-fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* mhux stabbiliti fl-Unjoni biex jiġi ddeterminat jekk fornitur bħal dan huwiex qed joffri servizzi fl-Unjoni. Din l-ispeċifikazzjoni, skont il-Premessa 27 tal-Proposta, tidher konformi mal-Premessa (23) tal-GDPR. Jista' jkun utli, għall-finijiet ta' ċertezza legali, li jiġi speċifikat li, fil-każ tal-ipproċessar ta' *data* personali, il-fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* msemija hawn fuq mhux stabbiliti fl-Unjoni huma soġġetti għar-regoli u l-prinċipji tal-GDPR.

3.4.2 Intermedjarji tad-*data* skont l-Artikolu 9(1)(c): "kooperattivi tad-*data*"

128. L-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li l-kunċett ta' 'servizz ta' kooperattivi tad-*data*', introdott fl-Artikolu 9(1)(c) tal-Proposta⁶², għadu ma huwiex ċar kemm f'termini tan-natura tiegħu kif ukoll tal-

⁶⁰ Ara l-Opinjoni tal-EDPS dwar l-Istrateġija Ewropea għad-*Data*, il-paragrafu 20: 'Fl-istess ħin, l-EDPS jissottolinja l-ħtieġa ta' kawtela fir-rigward tar-rwol tas-sensara tad-*data* li huma involuti b'mod attiv fil-ġbir ta' settijiet ta' *data* enormi, inkluża *data* personali minn sorsi differenti. Huma jisfruttaw varjetà ta' sorsi ta' *data* użati għal servizzi relatati mad-*data*, bħal *data* li tiġi żvelata għal finijiet mhux relatati oħrajn; *data* mir-reġistri pubbliċi (*data* miftuħa), kif ukoll *data* meħuda mill-Internet u mill-media soċjali, spiss bi ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*. F'dan il-kuntest, l-EDPS jinnota li l-attivitàjiet tas-sensara ta' big *data* huma taħt skrutinju akbar u qed jiġu investigati minn għadd ta' awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data*.'

⁶¹ Ara l-paragrafu 52 f'paġna 13 tal-Opinjoni tal-EDPS dwar is-Sistemi ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni Personali, l-20 ta' Ottubru 2016, li tinsab fuq: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/16-10-20_pims_opinion_en.pdf

Ara wkoll il-paragrafu 53 f'paġna 13: 'Il-mudell tal-PIMS jidher li jistieden dibattitu dwar min "għandu" d-*data* personali tagħna. L-individwi fl-UE għandhom dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom, abbażi tal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Id-drittijiet u l-obbligi dettaljati relatati mal-eżerċitar ta' dan id-dritt huma rregolati f'aktar dettall fil-GDPR adottat reċentement. Dawn il-kwistjonijiet ma humiex speċifiċi għall-PIMS: id-*data* personali spiss titqies bħala l-"munita" li nħallsu għall-hekk imsejja servizzi "bla ħlas" fuq l-Internet. Madankollu, din ix-xejra ma tfissirx li d-*data* personali tal-individwi tista' legalment titqies bħala proprjetà li tista' tiġi nnegożjata liberament bħal kwalunkwe proprjetà oħra fis-suq. Għall-kuntrarju, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-PIMS mhux se jkun f'pożizzjoni li "jbigħu" *data* personali, iżda minflok, ir-rwol tagħhom se jkun li jippermettu lil terzi persuni jużaw id-*data* personali, għal finijiet speċifiċi u perjodi ta' żmien speċifiċi, soġġetti għat-termini u l-kundizzjonijiet identifikati mill-individwi nfushom, u s-salvagwardji l-oħrajn kollha pprovduti mil-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.'

⁶² L-Artikolu 9(1)(c) tal-Proposta jirreferi għal 'servizzi tal-kooperattivi tad-*data*, jiġifieri s-servizzi li jappoġġaw is-suġġetti tad-*data* jew il-kumpaniji b'persuna waħda jew l-intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju, li huma membri tal-kooperattiva jew li jagħtu s-setgħa lill-kooperattiva li tinnegożja termini u kundizzjonijiet għall-ipproċessar tad-*data* qabel ma jagħtu l-kunsens tagħhom, biex jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jagħtu kunsens għall-ipproċessar tad-*data*, u l-possibbiltà li jkun hemm mekkaniżmi għall-iskambju ta' fehmiet dwar l-iskopijiet u l-kundizzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* li jkunu jirrappreżentaw bl-aħjar mod l-interessi tas-suġġetti tad-*data* jew tal-persuni ġuridiċi.'

obbligi. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ċara ta' fornituri ta' servizzi bħal dawn ta' kondivizzjoni tad-*data*, kif ukoll l-obbligi applikabbli tagħhom, biex tiġi evitata kull inċertezza legali fil-forniment ta' servizzi bħal dawn.

129. Filwaqt li l-Proposta tispjefika li l-kooperattivi tad-*data* 'jippruvaw isaħħu l-pożizzjoni tal-individwi biex dawn jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jagħtu kunsens għall-użu tad-*data*, billi jinfluwenzaw it-termini u l-kundizzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-utenti tad-*data* marbuta mal-użu tad-*data* jew billi potenzjalment isolvu tilwim bejn membri ta' grupp dwar kif tista' tintuża d-*data* meta tali *data* tkun relatata ma' diversi suġġetti tad-*data* f'dak il-grupp',⁶³ għandu jiġi mfakkar li l-obbligi ta' trasparenza, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-kunsens validu tas-suġġett tad-*data* skont l-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-kundizzjoni għall-ipproċessar ta' *data* personali skont din il-bażi ġuridika, huma definiti u previsti minn dan l-istess regolament.
130. **Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-pożizzjoni tal-individwi biex jagħmlu għażla infurmata, jew is-soluzzjoni ta' tilwim potenzjali dwar kif tista' tintuża d-*data*, ma għandhomx jitqiesu bħala kundizzjonijiet negozjabbli, iżda pjuttost bħala obbligi tal-kontrolluri tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrimarkat ukoll li r-referenza fil-Premessa (24) tal-Proposta għal *data* li tkun 'relatata' ma' diversi suġġetti tad-*data*, sa fejn tkun relatata ma' *data* personali, tista' ma tkunx konsistenti mad-definizzjoni ta' *data* personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679⁶⁴, li tirreferi għal 'kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli'.**
131. Barra minn hekk, kif imfakkar fil-Premessa (24) tal-Proposta, 'id-drittijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jistgħu jiġu eżerċitati biss minn kull individwu u ma jistgħux jiġu kkonferiti jew iddelegati lil kooperattiva tad-*data*'. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-artikolazzjoni ta' dawn il-prinċipji bil-possibbiltà li l-kooperattivi tad-*data* jingħataw setgħat biex 'jinnegozjaw termini u kundizzjonijiet għall-ipproċessar tad-*data* qabel ma jagħtu l-kunsens tagħhom' ma hijiex ċara, jekk mhux direttament kontradittorja. Tabilħaqq, it-termini u l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar ta' *data* personali huma - fil-fatt - daww stabbiliti fil-GDPR u, għalhekk, ma jistgħux jiġu emendati jew sostitwiti permezz ta' kuntratt jew tip ieħor ta' arranġamenti privati.

3.4.3 Artikolu 10: reġim ta' notifika - rekwiżiti ġenerali biex tkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni - kontenut tan-notifika; l-eżitu (u ż-żmien) tan-notifika. Artikolu 11: kundizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data*

132. Il-Kapitolu III tal-Proposta jistabbilixxi obbligu għall-fornituri tas-servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* kif deskritt fl-Artikolu 9(1) biex jippreżentaw notifika lill-awtorità kompetenti (notifika mandatorja). L-Artikolu 10(1) u (2) jipprovdi regoli dwar l-identifikazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru għall-finijiet tal-Proposta. Din hija l-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tal-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tas-servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* jew tal-Istat Membru tal-istabbiliment tar-rappreżentant legali tal-fornitur tas-servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data* mhux stabbilit fl-Unjoni.

⁶³ Il-Premessa (24) tal-Proposta.

⁶⁴ Definizzjoni skont l-Artikolu 4(1) tal-GDPR.

133. L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fin-notifika hija pprovduta fl-ittri (a)-(h) tal-Artikolu 10(6) tal-Proposta⁶⁵. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(7) jistabbilixxi li *'B'talba tal-fornitur, l-awtorità kompetenti għandha, fi żmien ġimgħa, toħroġ dikjarazzjoni standardizzata, li tikkonferma li l-fornitur ikun issottometta n-notifika msemmija fil-paragrafu 4.'*
134. Ir-reġim ta' notifika, kif enfasizzat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, *'jikkonsisti f'obbligu ta' notifika b'monitoraġġ ex post tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex jitwettqu l-attivitajiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri'*.⁶⁶ Dan l-aspett huwa speċifikat aktar fil-Premessi (30) u (31) tal-Proposta⁶⁷.
135. B'hekk, l-*"iskrutinju"* tal-fornitur tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* huwa limitat għall-verifika mill-awtorità kompetenti tar-rekwiżiti (prinċipalment formali) stabbiliti fl-Artikolu 10 u għandu jsejtni l-limitu ta' żmien qasir ħafna (ġimgħa mid-data tan-notifika).
136. **F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li r-reġim ta' "skrutinju" huwa kważi "dikjarattiv" u li l-Kummissjoni għażlet l-aktar reġim "mhux attiv" (pereżempju, għall-kuntrarju ta' reġim ta' awtorizzazzjoni). L-EDPB u l-EDPS josservaw li, mill-inqas fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali, jenħtieġ li r-reġim ikun aktar protettiv (jiġifieri, jipprovdi aktar kontrolli u salvagwardji għas-suġġetti tad-*data*, inkluż dwar l-aspetti ta' protezzjoni tad-*data* ta' importanza kruċjali). Dan jippermetti wkoll li jiġi żgurat il-livell ogħla ta' fiduċja li timmira għalih il-Kummissjoni.**
137. **Biex jiġi indirizzat dan it-tħassib, jenħtieġ li tiġi emendata l-Premessa 31 tal-Proposta, b'mod partikolari.**
138. Skont il-prinċipju tal-protezzjoni tad-*data* tal-akkontabilità, il-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* għandhom ikunu jistgħu, fost l-oħrajn, juru li huma jimplimentaw politiki u proċeduri li jippermettu lis-suġġetti tad-*data* jeżerċitaw faċilment id-drittijiet ta' protezzjoni tad-*data* individwali

⁶⁵ 'In-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-fornitur tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data*;

(b) l-*status* legali, il-forma u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-fornitur, fejn il-fornitur ikun irreġistrat fil-kummerċ jew f'reġistru pubbliku simili ieħor;

(c) l-indirizz tal-istabbiliment ewlieni tal-fornitur fl-Unjoni, jekk ikun hemm, u, fejn applikabbli, kull fergħa sekondarja fi Stat Membru ieħor jew dak tar-rappreżentant legali maħtur skont il-paragrafu 3;

(d) website fejn tista' tinstab informazzjoni dwar il-fornitur u l-attivitajiet, fejn applikabbli;

(e) il-persuni ta' kuntatt tal-fornitur u d-dettalji ta' kuntatt;

(f) deskrizzjoni tas-servizz li l-fornitur biġsiebu jipprovdi;

(g) id-*data* stmata għall-bidu tal-attività;

l-Istati Membri fejn il-fornitur għandu l-intenzjoni li jipprovdi servizzi.'

⁶⁶ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 5.

⁶⁷ '(30) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' notifika għal servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* biex tiġi żgurata governanza tad-*data* fl-Unjoni bbażata fuq skambju affidabbli ta' *data*. Il-benefiċċji ta' ambjent affidabbli jistgħu jinkisbu l-aħjar billi jiġu imposti numru ta' rekwiżiti għall-forniment ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*, iżda mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe deċiżjoni espliċita jew att amministrattiv mill-awtorità kompetenti għall-forniment ta' tali servizzi.

(31) Biex jiġi appoġġat il-forniment transfruntier effettiv tas-servizzi, il-fornitur tal-kondiviżjoni tad-*data* jenħtieġ li jintalab jibgħat notifika biss lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tiegħu jew fejn jinsab ir-rappreżentant legali tiegħu. Notifika bħal din jenħtieġ li ma tinvolvi aktar minn sempliċi dikjarazzjoni tal-intenzjoni li jiġu pprovduti tali servizzi u jenħtieġ li timtela biss bl-informazzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament.' (enfasi miżjudha)

tagħhom (proċeduri biex jiżguraw konformità mad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*), u jenħtieġ li jiddokumentaw id-deċiżjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-*data* (inklużi, b'mod partikolari, l-għanijiet li għalihom se tiġi kondiviża d-*data* personali u r-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom se tiġi żvelata), li jixhdu l-konformità tagħhom mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*⁶⁸. Dawn l-aspetti (li jenħtieġ li jiffurmaw il-“qalba” tat-tikkettar previst mill-Proposta⁶⁹) se jkollhom l-effett li joħolqu fiduċja akbar fil-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* mill-pubbliku.

139. L-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw ukoll li d-dispożizzjonijiet tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*, kif stabbiliti skont l-Artikolu 11, għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet taħt (1)-(11). F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li filwaqt li ssir referenza fost il-kundizzjonijiet għall-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni (taħt (9)), dawn il-kundizzjonijiet (elenkati b'mod eżawrjenti) ma jinkludux il-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-*data*.
140. **Fid-dawl tal-elementi ta' hawn fuq, u meta jitqies ir-riskju possibbli għas-suġġett tad-*data* fl-ipproċessar tad-*data* personali li jista' jsir mill-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS iqisu li r-reġim ta' notifika dikjaratorja kif stabbilit fil-Proposta ma jipprevedi l-ebda proċedura stretta biżżejjed ta' skrutinju applikabbli għal servizzi bħal dawn. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġu esplorati proċeduri alternattivi, li jenħtieġ li jqisu, b'mod partikolari, inklużjoni aktar sistematika ta' għodod ta' akkontabilità u konformità għall-ipproċessar ta' *data* personali skont il-GDPR, b'mod partikolari l-aderenza ma' kodiċi ta' kondotta jew mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni.**
141. Jista' jiġi osservat ukoll li s-salvagwardji pprovduti fil-Kapitolu IV tal-Proposta għall-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* (l-Artikolu 18, rekwiżiti ta' trasparenza; l-Artikolu 19, rekwiżiti speċifiċi) ma humiex previsti mill-Proposta wara li jitqiesu l-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*, minkejja l-impatt possibbli ta' dawn is-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* wkoll fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni kkonċernati.
142. Din id-differenza bejn iż-żewġ reġimi ta' notifika tista' twassal għall-interpretazzjoni *a contrario* li r-rekwiżiti stabbiliti għall-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* u li jirrigwardjaw il-protezzjoni tad-*data* personali sa fejn tiġi pproċessata *data* personali (pereżempju, billi d-detenturi

⁶⁸ Skont l-Artikolu 30 tal-GDPR: 'Kull kontrollur u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant tal-kontrollur, għandu jżomm reġistru tal-attivitajiet ta' pproċessar taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Dan ir-reġistru għandu jkollu l-informazzjoni kollha li ġejja: (a) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-kontrollur u, fejn applikabbli, tal-kontrollur konġunt, tar-rappreżentant tal-kontrollur u tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*; (b) il-finijiet tal-ipproċessar; (c) deskrizzjoni tal-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* u tal-kategoriji ta' *data* personali; (d) il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata jew se tiġi żvelata d-*data* personali, inklużi riċevituri f'pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali; (e) fejn applikabbli, trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi l-identifikazzjoni ta' dak il-pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali u, fil-każ ta' trasferimenti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), id-dokumentazzjoni ta' salvagwardji xierqa; (f) fejn ikun possibbli, il-limiti ta' żmien imbassrin għat-tħassir tad-diversi kategoriji ta' *data*; (g) fejn ikun possibbli, deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 32(1). [...]'

⁶⁹ Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Proposta tirreferi għal tikkettar jew ċertifikazzjoni, fost l-oħrajn, f'paġna 19 'Ir-rikonoxximent reċiproku ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni / tikkettar u ta' skema ta' fiduċja għall-altruwiżmu mil-lat ta' *data* se jagħmilha possibbli li tinġabar u tintuża d-*data* fuq l-iskala meħtieġa.'; il-paġna 25 'qafas ta' ċertifikazzjoni / tikkettar għall-intermedjarji tad-*data*'; paġna 26: 'Qafas ta' ċertifikazzjoni jew tikkettar jippermetti lil intermedjarji tad-*data* ġodda jżidu l-viżibbiltà tagħhom bħala organizzaturi / orkestraturi affidabbli tal-kondiviżjoni jew tal-ġbir tad-*data*.'

tad-*data* jiġu infurmati dwar kwalunkwe pproċessar barra mill-Unjoni⁷⁰) ma japplikawx għall-fornituri tas-servizzi ta' kondivizzjoni tad-*data*.

143. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw b'mod partikolari li jenġtiegħ li l-organizzazzjonijiet involuti fil-“għbir ta' *data*” jew f'arranġamenti ta' kondivizzjoni tad-*data* jaderixxu ma' ċerti standards komuni, li s-superviżjoni tagħhom minn awtoritajiet indipendenti għall-protezzjoni tad-*data* għandha tiġi mfakkra espressament mill-Proposta, b'rabta mhux biss mal-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà, iżda wkoll mal-kundizzjonijiet biex tiġi żgurata l-legalità tal-ipproċessar ta' *data* personali u jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* (pereżempju, permezz ta' arranġamenti ta' kontrolluri konġunti skont l-Artikolu 26 tal-GDPR).
144. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta tirreferi għal xenarji (l-użu ta' metadata għall-iżvilupp tas-servizz ta' kondivizzjoni tad-*data*, skont l-Artikolu 11(2); aċċess kontinwu mid-detenturi tad-*data* u mill-utenti tad-*data* wara l-insolvenza tal-fornitur tal-kondivizzjoni tad-*data* għad-*data* maħżuna minn dan tal-aħħar, skont l-Artikolu 11(6)) li jeħtieġu speċifikazzjonijiet biex jinġiebu f'konformità mar-regoli u l-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.
145. L-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw ukoll li l-kummenti li saru skont ir-rimarki ġenerali ta' din l-opinjoni, relatati mad-definizzjonijiet użati fil-Proposta u mal-kwistjoni tal-bażi ġuridika skont il-GDPR għall-ipproċessar ta' *data* personali, huma rilevanti wkoll wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Proposta.
146. Barra minn hekk, b'referenza partikolari għall-għan li jiġi żgurat kontroll aħjar fuq l-aċċess u l-użu ta' *data* personali mis-suġġett tad-*data*, aħna nfakkru li l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop huwa ta' importanza speċjali wara li jitqiesu l-intermedjarji tad-*data* minn negozju għal negozju. Il-Premessa (26) tal-Proposta⁷¹, li tidher li tidentifika l-iskop tal-ipproċessar ta' *data* personali bl-intermedjazzjoni fil-kondivizzjoni tad-*data*, mingħajr speċifikazzjonijiet ulterjuri, tista' tqajjem tħassib minn perspettiva ta' protezzjoni tad-*data*⁷².
147. L-EDPB u l-EDPS iqisu li r-rimarki li saru fit-Taqsima 3.3 ta' din l-Opinjoni Konġunta dwar l-użu mill-ġdid tad-*data* personali miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku huma rilevanti wkoll wara li jitqiesu s-servizzi tal-kondivizzjoni tad-*data*:
- kull kondivizzjoni jew aċċess għal *data* personali jridu jiġu definiti strettament fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-iskop u jridu jsiru f'konformità sħiħa mal-GDPR, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-legalità, tal-limitazzjoni tal-iskop u tal-aspettattivi leġittimi tas-suġġetti tad-*data*;

⁷⁰ L-Artikolu 19(1)(b) tal-Proposta.

⁷¹ Il-Premessa (26) tal-Proposta: ‘Element ewlieni biex ikun hemm fiduċja u aktar kontroll għad-detenturi tad-*data* u l-utenti tad-*data* fis-servizzi tal-kondivizzjoni tad-*data* huwa n-newtralità tal-fornituri tas-servizzi tal-kondivizzjoni tad-*data* fir-rigward tad-*data* skambjata bejn id-detenturi tad-*data* u l-utenti tad-*data*. Għalhekk huwa meħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tal-kondivizzjoni tad-*data* jaġixxu biss bħala intermedjarji fit-tranżazzjonijiet, u ma jużawx id-*data* skambjata għal kwalunkwe skop ieħor. [...]’

⁷² Ara wkoll l-Artikolu 2(4) tal-Proposta: “*metadata*” tfisser *data* miġbura dwar kwalunkwe attività ta' persuna fiżika jew ġuridika għall-finijiet tal-forniment ta' servizz ta' kondivizzjoni tad-*data*”; l-Artikolu 2(7): “kondivizzjoni tad-*data*” tfisser il-forniment ta' *data* minn detentur tad-*data* lil utent tad-*data* għall-iskop ta' użu konġunt jew individwali tad-*data* kondiviża”; l-Artikolu 11(1): il-fornitur ma jistax juża d-*data* li għaliha jipprovdi servizzi għal skopijiet oħra ħlief li jpoġġiha għad-dispożizzjoni tal-utenti tad-*data*.’

- jenħtieġ li jkun ċar li kull “attur” tal-katina tal-ipproċessar tad-*data*, inkluż il-fornitur tas-servizzi ta’ kondiviżjoni tad-*data* u l-utent(i), għandhom jipprovdu lis-suġġetti tad-*data* bl-informazzjoni skont l-Artikolu 13 u 14 tal-GDPR (ħafna drabi, l-Artikolu 14, applikabbli fejn id-*data* personali ma tkunx inkisbet mis-suġġett tad-*data*, se jkun id-dispożizzjoni rilevanti tal-GDPR f’dan il-kuntest). Aħna nirrakkomandaw li f’dan ir-rigward jiddied li l-fornitur tas-servizzi ta’ kondiviżjoni tad-*data* għandu jipprovdi lis-suġġett tad-*data* b’għodod faċli għall-utent li juruh stampa komprensiva ta’ kif tiġi kondiviża d-*data* personali tiegħu, kif ukoll għodda faċli għall-utent biex jirtira l-kunsens f’każ li s-servizz ipprovdut ikun jikkonsisti minn għodda biex jinkiseb kunsens mis-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom skont l-Artikolu 11(11) tal-Proposta

- il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (data protection impact assessment, DPIA) hija għodda ewlenija biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* jitqiesu kif xieraq u li d-drittijiet u l-interessi tal-individwi jiġu protetti b’mod adegwat, sabiex titrawwem il-fiduċja tagħhom fil-mekkaniżmu tal-użu mill-ġdid. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fit-test tal-Proposta jiġi inkluż li **DPIA trid titwettaq mill-fornituri tas-servizzi ta’ kondiviżjoni tad-*data* (u mill-utent tad-*data*) f’każ ta’ pproċessar tad-*data* li jaqa’ taħt l-Artikolu 35 tal-GDPR**. Tabilħaqq, il-kondiviżjoni tad-*data* prevista skont il-Proposta tista’ tinvolvi pproċessar fuq skala kbira, li jgħaqqad id-*data* minn varjetà ta’ sorsi, li potenzjalment jinvolvu kategoriji speċjali ta’ *data* u / jew *data* personali ta’ gruppi vulnerabbli ta’ suġġetti tad-*data*. F’dan il-każ, il-kontrolluri tad-*data* għandhom l-obbligu li jwettqu DPIA f’konformità mal-Artikolu 35 tal-GDPR. Barra minn hekk, kull meta jkun possibbli, ir-riżultati ta’ valutazzjonijiet bħal dawn, bħala miżura li ssaħħaħ il-fiduċja u t-trasparenza, għandhom jiġu ppubblikati mill-fornitur tas-servizzi ta’ kondiviżjoni tad-*data*, kif ukoll mill-utent(i).

3.4.4 Artikoli 12 u 13: l-awtoritajiet kompetenti u l-monitoraġġ tal-konformità (mal-Artikoli 10 u 11).

148. L-Artikolu 12(3) tal-Proposta jistabbilixxi li ‘*L-awtoritajiet kompetenti maħtura, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet responsabbli għaċ-ċibersigurtà, u awtoritajiet settorjali rilevanti oħra għandhom jiskambjaw l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom fir-rigward tal-fornituri tal-kondiviżjoni tad-*data*.*’
149. Dan il-kliem jipprevedi rwol saħansitra minuri għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* mill-kliem użat mill-Proposta fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta’ *data*⁷³, li jirreferi għal ‘*kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*.*’

⁷³ L-Artikolu 20(3): ‘L-awtorità kompetenti għandha twettaq il-kompiti tagħha [ta’ awtorità responsabbli għar-reġistru ta’ **organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta’ *data*** u għall-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu IV tal-Proposta] **f’kooperazzjoni mal-awtorità għall-protezzjoni tad-*data***, fejn kompiti bħal dawn ikunu relatati mal-ipproċessar ta’ *data* personali, u ma’ korpi settorjali rilevanti tal-istess Stat Membru. Għal kull kwistjoni li teħtieġ valutazzjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità kompetenti għandha l-ewwel titlob opinjoni jew deċiżjoni mill-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita skont dak ir-Regolament u tikkonforma ma’ dik l-opinjoni jew deċiżjoni.’

Għandu jiġi nnotat li l-Premessa 28 - wara li kkunsidrat **il-fornituri tas-servizzi ta’ kondiviżjoni tad-*data*** - tispeċifika li ‘jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun **mingħajr preġudizzju** għall-obbligu tal-fornituri ta’ servizzi ta’

150. F'dan ir-rigward, kif enfasizzat fit-Taqsima 3.7 ta' din l-Opinjoni Konġunta, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li ħafna dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, kif ukoll tal-Kapitoli l-oħrajn tal-Proposta, huma relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali u li l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* huma l-awtoritajiet "kostituzzjonalment" kompetenti għas-superviżjoni relatata mal-protezzjoni ta' *data* personali skont l-Artikolu 8 tal-Karta u l-Artikolu 16 TFUE.
151. Wara li kkunsidraw l-Artikolu 13 tal-Proposta, il-monitoraġġ tal-konformità, minkejja l-Premessa (28) li tiddikjara li l-Proposta jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-awtoritajiet superviżorji biex tkun assicurata l-konformità mal-GDPR, l-EDPB u l-EDPS iqisu li jenħtieġ li l-governanza u l-monitoraġġ tal-konformità jiġu definiti aħjar biex jiġi żgurat skrutinju aktar xieraq tal-fornituri tas-servizzi ta' kondiżjoni tad-*data* (u tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*), inkluż dwar il-konformità mal-GDPR; u biex jiġu evitati, fl-istess ħin, kull sovrappożizzjoni jew kunflitt ta' attribuzzjoni bejn l-awtoritajiet stabbiliti skont il-Proposta (li, skont il-kliem tal-Artikoli 12(3) -u 20(3)-, ma humiex awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*) u l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*.
152. **Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li definizzjoni aħjar ta' governanza bħal din tiġi pprovduta permezz tal-ħatra ta' awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* bħala l-awtoritajiet kompetenti ewlenin biex jimmonitorjaw u jagħmlu superviżjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Proposta.**
153. Il-ħatra ta' awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* bħala l-awtoritajiet kompetenti ewlenin għas-superviżjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet skont il-Kapitolu III tal-Proposta tiżgura wkoll approċċ regolatorju aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha u, għalhekk, tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-Proposta. Fir-rigward tal-kompetenza u l-kompiti tagħhom skont il-GDPR, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* diġà għandhom għarfien espert speċifiku fil-monitoraġġ tal-konformità tal-ipproċessar tad-*data*, fl-awditjar ta' attivitajiet speċifiċi tal-ipproċessar tad-*data* u fil-kondiżjoni tad-*data*, fil-valutazzjoni tal-miżuri adegwati biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà għall-ħżin u t-trażmissjoni ta' *data* personali, kif ukoll fil-promozzjoni tal-għarfien fost il-kontrolluri u l-proċessuri tal-obbligu tagħhom relatat mal-ipproċessar ta' *data* personali.
154. Il-ħatra tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* bħala l-awtorità kompetenti ewlenija għas-superviżjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet skont il-Kapitolu III għandha tkun appoġġata bid-dispożizzjoni prevista skont l-Artikolu 12(3) li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet responsabbli miċ-ċibersigurtà, u awtoritajiet settorjali rilevanti oħrajn biex jiżguraw applikazzjoni koerenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet.
155. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li, meta jimmonitorjaw il-konformità, is-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti ma tistax tkun limitata għas-'setgħa li jitolbu informazzjoni', kif jidher mill-Artikolu 13(2) tal-Proposta. Din il-limitazzjoni tirriżulta definittivament min-natura dikjaratorja tar-'reġim ta' tikkettar' previst mill-Proposta, għalkemm ma hijiex adegwata għal-livell ta' skrutinju li jeħtieġ it-

kondiżjoni tad-*data* biex jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679 u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet superviżorji biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.' L-istess speċifikazzjoni ma ssirx wara li jiġu kkunsidrati l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*.

tikkettar, minħabba l-aspettattivi għoljin ta' konformità mal-protezzjoni tad-*data* li jirriżultaw minn tali tikkettar, speċjalment vis-à-vis is-suġġetti tad-*data*.

156. Fl-aħħar nett, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li jenħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi adegwati lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* biex ikunu jistgħu jwettqu s-superviżjoni meħtieġa b'mod effettiv u effiċjenti.

3.5 L-altruwiżmu tad-*data*

3.5.1 Interazzjoni bejn l-altruwiżmu mil-lat ta' *data* u l-kunsens skont il-GDPR

157. Il-kunċett ta' 'altruwiżmu mil-lat ta' *data*' msemmi fil-Proposta jkopri sitwazzjonijiet fejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi jagħmlu d-*data* disponibbli volontarjament għall-użu mill-ġdid, mingħajr kumpens, għal '*skopijiet ta' interess ġenerali, bħall-iskopijiet ta' riċerka xjentifika jew it-titjib tas-servizzi pubbliċi*'⁷⁴.
158. Jista' jiġi argumentat li l-Proposta 'ma toħloqx' iżda 'tifformalizza / tikkodifika' l-possibbiltà li d-detenturi tad-*data* (definiti bħala li jinkludu suġġetti tad-*data* mill-Proposta) jagħmlu d-*data* disponibbli volontarjament, diġà prevista fil-GDPR. Tabilħaqq, suġġett tad-*data* diġà jista' jagħti l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar ta' *data* personali relatata miegħu għal, fost l-oħrajn, skopijiet ta' riċerka xjentifika.
159. Minkejja d-definizzjoni pprovduta skont l-Artikolu 2(10) tal-Proposta ("altruwiżmu mil-lat ta' *data*" tfisser il-kunsens mogħti mis-suġġetti tad-*data* għall-ipproċessar tad-*data* personali li tappartjeni għalihom, jew permessi ta' detenturi oħra tad-*data* biex jippermettu l-użu tad-*data* mhux personali tagħhom mingħajr ma jfittxu premju, għal skopijiet ta' interess ġenerali, bħall-iskopijiet ta' riċerka xjentifika jew it-titjib tas-servizzi pubbliċi'), il-kunċett ta' '*altruwiżmu mil-lat ta' data*' għadu ma huwiex definit b'mod ċar u suffiċjenti. B'mod partikolari, ma huwiex ċar jekk il-kunsens previst fil-Proposta jikkorrespondix għall-kunċett ta' 'kunsens' skont il-GDPR, inklużi l-kundizzjonijiet għal-legalità ta' tali kunsens. Barra minn hekk, ma huwiex ċar x'inhu l-valur miżjud ta' "altruwiżmu mil-lat ta' *data*", filwaqt li jitqies il-qafas legali diġà eżistenti għall-kunsens skont il-GDPR, li jipprevedi kundizzjonijiet speċifiċi għall-validità tal-kunsens.
160. Il-GDPR u l-Proposta japplikaw fl-istess ħin f'każ ta' pproċessar ta' *data* personali minn organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*. L-EDPB u l-EDPS jappoġġaw l-oġġettiv li jiġi ffaċilitat l-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet definiti sewwa ta' interess ġenerali, iżda għan bħal dan xorta għandu jinkiseb f'konformità sħiħa mar-regoli u l-prinċipji applikabbli tal-protezzjoni tad-*data*. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-GDPR huwa li jiġi żgurat li s-suġġett tad-*data* jżomm kontroll fuq id-*data* personali tiegħu. F'dan il-kuntest, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li **jeħtieġ li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha relatati mal-kunsens, kif stabbilit fil-GDPR**.
161. L-EDPB u l-EDPS itennu li **d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali fl-ebda każ ma jista' jiġi "rrinunzjat" mill-individwu kkonċernat**, anki jekk permezz ta' "att ta' altruwiżmu" relatat ma' *data* personali. Il-kontrollur tad-*data* (l-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*) jibqa'

⁷⁴ L-Artikolu 2(10) tal-Proposta.

kompletament marbut bir-regoli u l-prinċipji tad-*data* personali anki meta s-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu lill-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* għall-ipproċessar ta' *data* personali relatata miegħu għal skop speċifikat wiehded jew aktar.

162. **Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jenħtieġ li l-Proposta tispeċifika fil-parti sostantiva li hija tirreferi għall-kunsens kif definit taħt l-Artikolu 4(11) tal-GDPR u li, skont l-Artikolu 7(3), l-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* għandha tagħmilha faċli biex tirtira l-kunsens daqs kemm hu faċli biex tipprovdih⁷⁵.**
163. L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw ukoll li d-*data* pproċessata mill-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* tista' tinkludi kategoriji speċjali ta' *data* personali, pereżempju, *data* dwar is-saħħa.
164. L-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw ukoll li, f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*, fejn ikun possibbli u adegwat għall-iskop, jenħtieġ li d-*data* tiġi pproċessata f'forma anonimizzata.
165. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu b'sodisfazzjon li l-Proposta tispeċifika fl-Artikolu 22(3) li fejn id-*data* personali tiġi pprovduta lill-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, il-formola ta' kunsens għandha tiżgura li l-individwi jkunu jistgħu jipprovdwu u jirtiraw il-kunsens, għal operazzjoni speċifika ta' pproċessar tad-*data*, f'konformità mal-GDPR.
166. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS iqisu li r-regoli għall-irtirar tal-kunsens, inklużi l-konsegwenzi tiegħu, jenħtieġ li jkunu ċari. Jenħtieġ li jkun ċar, b'mod partikolari, kif kemm l-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* kif ukoll l-utenti tad-*data* jikkonformaw mat-talbiet għall-irtirar, inkluż billi jħassru d-*data* personali f'konformità mal-Artikolu 17(1)(b) tal-GDPR. L-EDPB u l-EDPS ifakkru li, meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar "l-altruwiżmu mil-lat ta' *data*", jista' jkun hemm bżonn li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* minn organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* f'konformità mal-Artikolu 35 tal-GDPR.
167. Ir-riċerka xjentifika spiss tinvolvi l-ipproċessar u l-kondiviżjoni ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali fuq skala kbira u, b'hekk, f'ċerti każijiet, dan tal-aħħar jista' jittqies bħala pproċessar ta' *data* b'riskju għoli skont il-GDPR. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* f'dan il-kuntest isiru bl-involviment tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* (UPD) u ta' bord ta' rieżami tal-etika u, fejn possibbli u bħala kwistjoni ta' prattika tajba, jenħtieġ li jiġu ppubblikati, jew għall-inqas jiġi ppubblikat sommarju tagħhom.
168. Skont il-GDPR, jenħtieġ li l-kunsens jingħata b'att affermattiv ċar li jistabbilixxi indikazzjoni mogħtija liberament, speċifika, infurmata u mhux ambigwa tal-qbil tas-suġġett tad-*data* mal-ipproċessar ta' *data* personali relatata miegħu, pereżempju b'dikjarazzjoni bil-miktub, inkluż b'mezzi elettroniċi, jew dikjarazzjoni orali.

⁷⁵ Ara l-Linji Gwida 5/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens, fil-paragrafi 121-122:

'121. L-Artikolu 6 jissettja l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar legali tad-*data* personali u jiddeskrivi sitt bażijiet legali li fuqhom jista' joqgħod il-kontrollur. L-applikazzjoni ta' wiehded minn dawn is-sitt bażijiet trid tiġi stabbilita qabel l-attività tal-ipproċessar u b'relazzjoni ma' fini speċifiku.

122. Huwa importanti li jiġi osservat hawnhekk li **jekk kontrollur jagħżel li jiddependi fuq il-kunsens għal kull parti mill-ipproċessar, dan irid ikun lest jirrispetta dik l-għażla u jwaqqaf dik il-parti tal-ipproċessar jekk individwu jirtira l-kunsens.** Jekk jintbagħat messaġġ li d-*data* se tiġi pproċessata fuq il-bażi tal-kunsens, filwaqt li tkun qed tintuża xi bażi legali oħra, ikun fundamentament ingiust fil-konfront tal-individwi.'

169. Il-Premessa 33 tal-GDPR tissottolinja li spiss ma jkunx possibbli li jiġi identifikat kompletament l-iskop tal-ipproċessar tad-*data* personali għal finijiet ta' riċerka xjentifika fiż-żmien tal-ġbir tad-*data*. Għalhekk, jenħteġ li s-suġġetti tad-*data* jitħallew jaġhtu l-kunsens tagħhom għal ċerti oqsma ta' riċerka xjentifika meta dan ikun konformi ma' standards ta' etika rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika⁷⁶. Dan huwa rifless ukoll fil-Premessa (38) tal-Proposta.
170. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li l-ġhoti ta' dan it-tip ta' kunsens għal finijiet ta' interess ġenerali⁷⁷ bħala tali (mhux definit strettament u li jirreferi għal kamp ta' applikazzjoni possibbilment differenti u ferm usa' mir-riċerka xjentifika) ma huwiex permess skont il-GDPR.
171. Tabilħaqq, il-Proposta, fil-Premessa 35 tagħha, tirreferi għal 'finijiet ta' interess ġenerali' billi tipprovdi (mhux definizzjoni, iżda) lista mhux eżawrjenti ta' eżempji, li tinkludi riċerka u żvilupp teknoloġiku applikati u ffinanzjati privatament u analitika tad-*data*⁷⁸.
172. **Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS iqisu li jenħteġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi aħjar il-finijiet ta' interess ġenerali ta' tali 'altruwiżmu mil-lat ta' data'. L-EDPB u l-EDPS iqisu li dan in-nuqqas ta' definizzjoni jista' jwassal għal inċertezza legali, kif ukoll għal tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali fl-UE. Pereżempju, ir-rekwiżit għall-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' data biex tinforma lid-detentur tad-*data* (inkluż lis-suġġett tad-*data*) 'dwar il-finijiet ta' interess ġenerali li għalihom tippermetti l-ipproċessar tad-*data* tagħhom minn utent tad-*data*'**

⁷⁶ Ara l-Linji Gwida tal-EDPB dwar il-kunsens, li ġew adottati reċentement, il-Linji Gwida 5/2020, b'mod partikolari dwar il-kunsens għar-riċerka xjentifika, f'paġni 30-32.

⁷⁷ Ara l-Linji Gwida 03/2020 tal-EDPB dwar l-ipproċessar ta' *data* dwar is-saħħa għall-fini ta' riċerka xjentifika fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, fil-paragrafi 42-45:

'42. Bħala regola ġenerali, id-*data* għandha 'tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma għandiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod inkompatibbli ma' dawk il-finijiet' skont l-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR.

43. Madankollu, il-'preżunzjoni tal-kompatibbiltà' prevista mill-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR tiddikjara li 'f'konformità mal-Artikolu 89(1), l-ipproċessar ulterjuri għal [...] **finijiet ta' riċerka xjentifika** [...] ma għandux jittqies bħala inkompatibbli mal-finijiet inizjali'. Minħabba n-natura orizzontali u kumplessa tiegħu, dan is-suġġett se jiġi kkunsidrat f'aktar dettall fil-**linji gwida ppjanati tal-EDPB dwar l-ipproċessar tad-*data* dwar is-saħħa għall-fini ta' riċerka xjentifika**.

44. L-Artikolu 89(1) tal-GDPR jistipula li l-ipproċessar tad-*data* għal finijiet ta' riċerka 'għandu jkun soġġett għal **salvagwardji xierqa**' u li dawk 'is-salvagwardji għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi b'mod partikolari biex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-*data*. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu psewdonimizzazzjoni, sakemm dawn il-finijiet jistgħu jiġu ssodisfati b'dak il-mod'.

45. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 89(1) tal-GDPR jenfasizzaw l-importanza tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* u tal-prinċipju tal-integrità u l-kunfidenzjalità, kif ukoll tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku (ara hawn taħt). Konsegwentement, meta jitqiesu n-natura sensittiva tad-*data* dwar is-saħħa u r-riskji meta terġa' tintuża d-*data* dwar is-saħħa għall-fini ta' riċerka xjentifika, iridu jittieħdu miżuri b'saħħithom biex jiġi żgurat livell xieraq ta' sigurtà kif meħtieġ mill-Artikolu 32(1) tal-GDPR.'

Ara wkoll id-dokument tal-EDPB b'rispons għat-talba mill-Kummissjoni Ewropea għal kjarifiki dwar l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, li jiffoka fuq ir-riċerka dwar is-saħħa u li ġie adottat fit-2 ta' Frar 2021.

⁷⁸ Il-Premessa 35: 'Tali finijiet jinkludu l-kura tas-saħħa, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-titjib tal-mobilità, l-iffaċilitar tal-istabbiliment ta' statistika uffiċjali jew it-titjib tal-forniment ta' servizzi pubbliċi. L-appoġġ għar-riċerka xjentifika, inkluż pereżempju l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi, ir-riċerka fundamentali, ir-riċerka applikata u r-riċerka ffinanzjata privatament, jenħteġ li jitqies ukoll bħala fini ta' interess ġenerali. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ġabriet ta' *data* disponibbli fuq il-bażi tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* li għandhom daqs suffiċjenti biex jippermettu l-analitika tad-*data* u t-tagħlim awtomatiku, inkluż bejn il-fruntieri fl-Unjoni.'

għandu jkun konformi mal-prinċipju li fuq il-bażi tiegħu għandha tinġabar id-*data* għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma tiġix ipproċessata aktar b'mod li jkun inkompatibbli ma' daww il-finijiet (il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, skont l-Artikolu 5(b) tal-GDPR). B'hekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta lista eżawrjenti ta' finijiet definiti b'mod ċar fil-Proposta. Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw l-ispeċifikazzjoni li saret fil-Premessa 38 tal-Proposta⁷⁹. Din l-ispeċifikazzjoni għandha tiġi inkluża fil-parti sostantiva tal-Proposta u mhux biss fil-premessa u għandha tkun akkumpanjata minn distinzjoni ċara fil-Proposta bejn:

- il-kunsens għal oqsma ta' riċerka xjentifika;

- l-ipproċessar ulterjuri għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għal finijiet statistiċi;

- u l-ipproċessar għal finijiet ta' interess ġenerali (li għandu jiġi definit fil-Proposta).

173. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li t-terminu 'repożitorji tad-*data*' fil-Premessa (36)⁸⁰, imsemmi biss f'din il-premessa u mhux fil-parti sostantiva tal-Proposta, u relatat mal-ipproċessar ta' data kemm personali kif ukoll mhux personali, jenħtieġ li jiġi ċċarat.

3.5.2 Artikoli 16-17: reġim ta' reġistrazzjoni - rekwiżiti ġenerali li għandhom ikunu eliġibbli għar-reġistrazzjoni - kontenut tar-reġistrazzjoni; l-eżitu (u ż-żmien) tar-reġistrazzjoni;

174. Il-Kapitolu IV tal-Proposta jistabbilixxi l-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet li jnvolvu ruħhom fl-*"altruwiżmu mil-lat ta' data"* jirreġistraw bħala 'Organizzazzjoni tal-Altruwiżmu mil-lat ta' Data rikonoxxuta fl-Unjoni'⁸¹ bil-għan iddikjarat li tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-operazzjonijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li l-Proposta ma tiċċarax jekk ir-reġistrazzjoni hijiex obligatorja jew le, u lanqas jekk id-dispożizzjonijiet skont il-Kapitolu IV japplikawx ukoll f'każ li l-organizzazzjonijiet li jnvolvu ruħhom fl-altruwiżmu mil-lat ta' *data* ma jkunux irreġistrati.
175. Ir-rekwiżiti ġenerali għar-reġistrazzjoni huma elenkati fl-Artikolu 16; ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni huma pprovduti fl-Artikolu 17 u, b'mod partikolari, fl-ittri (a)-(i) tal-Artikolu 17(4). L-*"iskrutinju"* tal-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* huwa limitat għall-verifika mill-awtorità kompetenti tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 16 u 17(4) u għandu jseħħ fi żmien 12-il ġimgħa mid-data tal-applikazzjoni.

⁷⁹ Il-Premessa (38): 'L-organizzazzjonijiet għall-altruwiżmu mil-lat ta' *data* rikonoxxuti fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġbru *data* rilevanti direttament minn persuni fiżiċi u ġuridiċi jew jipproċessaw id-*data* miġbura minn oħrajn.

Tipikament, l-altruwiżmu mil-lat ta' data jiddependi fuq il-kunsens tas-suġġetti tad-*data* fis-sens tal-Artikolu 6(1)(a) u 9(2)(a) u f'konformità mar-rekwiżiti għal kunsens legali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679.

F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, l-iskopijiet ta' riċerka xjentifika jistgħu jiġu appoġġati bil-kunsens għal **ċerti oqsma ta' riċerka xjentifika** meta f'konformità ma' standards etiċi rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika jew għal ċerti oqsma biss ta' riċerka jew partijiet ta' proġetti ta' riċerka.

L-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/679 jispeċifika li l-**ipproċessar ulterjuri għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għal finijiet statistiċi**, f'konformità mal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li ma jitqisx bħala inkompatibbli mal-finijiet inizjali.'

⁸⁰ Il-Premessa (36): 'L-entitajiet legali li jfittxu li jappoġġaw **finijiet ta' interess ġenerali** billi jagħmlu disponibbli d-*data* rilevanti bbażata fuq l-altruwiżmu mil-lat ta' *data* fuq l-iskala u jissodisfaw ċerti rekwiżiti, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreġistraw bħala "organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* rikonoxxuti fl-Unjoni'. Dan jista' jwassal għall-istabbiliment ta' **repożitorji tad-*data***....'

⁸¹ Il-Premessa (36) tal-Proposta.

Madankollu, it-tip ta' verifika fir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti ma huwiex definit mill-Proposta.

176. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw li reġim li jipprovdi garanziji aktar b'saħħithom, f'każ ta' pproċessar ta' *data* personali, ikun aktar adegwat biex jiġu żgurati kontrolli xierqa u fl-aħħar mill-aħħar tissaħħaħ il-fiduċja, mir-reġim ta' reġistrazzjoni "inqas strett" (kważi sempliċiment reġim "dikjaratorju") stabbilit fil-Proposta u simili għal dak previst għall-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*.
177. L-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li kważi ma hemm l-ebda rekwiżit minn perspettiva legali, teknika u organizzazzjonali li ssir 'organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* rikonoxxuta fl-Unjoni' (jew 'fornitur tal-kondiviżjoni tad-*data*') huwa problematiku. Pereżempju, organizzazzjoni, intitolata skont l-Artikolu 15(3) tal-Proposta li 'tirreferi għaliha nnifisha bħala 'organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* rikonoxxuta fl-Unjoni' fil-komunikazzjoni miktuba u mitkellma tagħha' ("effett ta' tikkettar"), x'aktarx li tiġbor *data* personali li timmassimizza l-aspettattivi taċ-ċittadini, b'mod partikolari, dwar il-konformità sħiħa tal-protezzjoni tad-*data* mill-istess organizzazzjoni.
178. L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* jeħtieġ li jkunu entitajiet fdati. Fir-rigward tar-rekwiżiti ġenerali għar-reġistrazzjoni (ipprovduti fl-Artikolu 16 tal-Proposta), l-EDPB u l-EDPS iqisu wkoll li l-indipendenza tal-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* (pereżempju, legali, organizzazzjonali, ekonomika) mill-entitajiet li joperaw fuq bażi għall-profit, kif prevista fl-Artikolu 16(b) tal-Proposta, jenħtieġ li tiġi ċċarata⁸².
179. **B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tiġi introdotta referenza diretta għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* fl-Artikolu 16, speċjalment għar-rekwiżiti tekniċi u organizzattivi li jippermettu l-applikazzjoni ta' standards tal-protezzjoni tad-*data* u l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.**
180. **Fid-dawl tal-elementi msemmija hawn fuq, u meta jitqiesu l-impatti possibbli għas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali li jista' jsir mill-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, l-EDPB u l-EDPS iqisu li r-reġim ta' reġistrazzjoni kif stabbilit fil-Proposta ma jipprevedix proċedura ta' skrutinju stretta biżżejjed applikabbli għal organizzazzjoni bħal din. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġu esplorati proċeduri alternattivi, li jenħtieġ li jqisu, b'mod partikolari, inklużjoni aktar sistematika ta' għodod ta' akkontabbiltà u konformità għall-ipproċessar ta' *data* personali skont il-GDPR, b'mod partikolari l-aderenza ma' kodiċi ta' kondotta jew mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni.**

⁸² 'Biex tikkwalifika għar-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* għandha: [...] (b) topera fuq bażi mhux għall-profit u tkun **indipendenti minn kull entità li topera fuq bażi għall-profit**;' (enfasi miżjuda)

3.5.3 Artikoli 18-19: rekwiżiti ta' trasparenza u "rekwiżiti speċifiċi għas-salvagwardja tad-drittijiet u tal-interessi tas-suġġetti tad-data u tal-entitajiet legali fir-rigward tad-data tagħhom"

181. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li jenħtieġ li r-rekwiżiti li jakkumpanjaw ir-reġim ta' reġistrazzjoni jsaħħu iżda **ma jissostitwixxux l-obbligi tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' data bħala kontrolluri jew proċessuri skont il-GDPR.**
182. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Premessa 36 tal-Proposta ma hijiex ċara f'dan ir-rigward, minħabba li jidher li timplika li l-mezzi biex jiġi rtirat il-kunsens għandhom jiġu pprovduti mill-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' data li taġixxi bħala proċessur⁸³. Madankollu, il-kwalifika tal-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' data bħala proċessur, minflok kontrollur, teħtieġ valutazzjoni ulterjuri, minħabba li ma tidhirx li hija l-uniku xenarju possibbli fil-kuntest tal-Proposta.
183. Jenħtieġ li l-effett ta' abilitazzjoni tar-reġistrazzjoni (bħala organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' data) jiġi definit b'mod ċar ukoll, speċjalment wara li jitqies l-aspett tal-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali skont il-GDPR⁸⁴. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS itennu li **r-reġim ta' reġistrazzjoni ma jistax jissostitwixxi l-hteġa ta' bażi legali xierqa għall-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR** għal-legalità tal-ipproċessar tad-data. Fi kliem ieħor, skont il-GDPR, l-ipproċessar ta' data personali għandu jkun legali biss jekk u sal-punt li tapplika mill-inqas waħda mill-bażijiet ġuridiċi skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR
184. Wara li kkunsidraw l-Artikolu 18 tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS għandhom dubji dwar kif l-indipendenza tal-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' data tiġi ppreservata f'każijiet fejn il-finanzjament tagħha jkun ibbażat fuq *'it-tariffi mħallsa minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipproċessaw id-data'*⁸⁵ (jiġifieri, id-data pprovduta lil dawn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' data). Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li jenħtieġ li l-Proposta tispjega aħjar f'liema sitwazzjonijiet l-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' data tista' titlob tariffi lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi għall-ipproċessar tad-data "mogħtija" minn suġġetti tad-data għal "altruwiżmu mil-lat ta' data".

⁸³ Il-Premessa 36 tistabbilixxi (b'tipa grassa miżjuda): **'Aktar salvagwardji** jenħtieġ li jinkludu li jkun possibbli li **d-data rilevanti tiġi pproċessata f'ambjent ta' pproċessar sigur** imħaddem mill-entità rreġistrata, **mekkaniżmi ta' sorveljanza** bħall-kunsilli jew il-bordijiet tal-etika biex jiġi żgurat li l-kontrollur tad-data jżomm standards għoljin ta' etika xjentifika, **mezzi tekniċi effettivi għall-irtirar jew il-modifika tal-kunsens f'kull mument, fuq il-bażi tal-obbligi tal-informazzjoni tal-proċessuri tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679** kif ukoll **mezzi biex is-suġġetti tad-data jibqgħu infurmati** dwar l-użu tad-data li jkunu għamlu disponibbli.' (enfasi miżjuda)

⁸⁴ F'dan ir-rigward, il-Premessa 38 tal-Proposta tistabbilixxi dan li ġej (tipa grassa miżjuda): **'L-organizzazzjonijiet għall-altruwiżmu mil-lat ta' data rikonoxxuti fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġbru data rilevanti direttament minn persuni fiżiċi u ġuridiċi** jew jipproċessaw id-data miġbura minn oħrajn. **Tipikament**, l-altruwiżmu mil-lat ta' data jiddependi fuq il-kunsens tas-suġġetti tad-data fis-sens tal-Artikolu 6(1)(a) u 9(2)(a) u f'konformità mar-rekwiżiti għal kunsens legali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679. F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, l-iskopijiet ta' riċerka xjentifika jistgħu jiġu appoġġati bil-kunsens għal ċerti oqsma ta' riċerka xjentifika meta f'konformità ma' standards etiċi rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika jew għal ċerti oqsma biss ta' riċerka jew partijiet ta' proġetti ta' riċerka. L-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/679 jispeċifika li l-ipproċessar ulterjuri għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għal finijiet statistiċi, f'konformità mal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala inkompatibbli mal-finijiet inizjali.'

⁸⁵ Ara l-Artikolu 18(1)(d) tal-Proposta.

185. F'dan il-każ ukoll, kif irrimarkat fir-rigward tal-użu mill-ġdid tad-*data* miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku, hemm kwistjoni relatata ma' inċentivi għall-kontrollur biex jinkoraġġixxi aktar ipproċessar ta' *data* personali, f'dan il-każ aktar "altruwiżmu mil-lat ta' *data*". Il-kwalifika tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* bħala entitajiet irreġistrati li għandhom karattru mhux għall-profitt (il-Premessa 36) - li l-EDPB u l-EDPS jilqgħu b'sodisfazzjon - ittaffi biss parzjalment il-kwistjoni msemmija qabel.
186. Barra minn hekk, il-kliem tal-Premessa 36 li jirreferi għar-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* jqajjem tħassib, minħabba li jirreferi għal 'konformità volontarja' anki fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-konformità (mandatorja) tal-GDPR⁸⁶.
187. Il-premessa hija wkoll inkonsistenti (sakemm ma tingħatax prominenza lin-natura fakultattiva tar-rekwiżiti fil-Premessa 36) mal-parti sostantiva tal-Proposta, l-Artikolu 17(3), li jirreferi għal organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* mhux stabbiliti fl-Unjoni.
188. **Fir-rigward tal-Artikolu 19 tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS huma tal-opinjoni li jenħtieġ li tiżdied referenza espliċita għall-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR, biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn dan l-Artikolu tal-Proposta u l-obbligi li jikkonċernaw il-prinċipju ta' trasparenza skont il-GDPR, u li l-informazzjoni meħtieġa tiġi pprovduta mill-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* u mill-utenti tad-*data* lis-suġġett tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali relatata miegħu.**
189. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-kliem attwali tal-Artikolu 19(1)(a)⁸⁷ jidher li ma huwiex ċar u diffiċli biex jiġi rrikonċiljat mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.
190. **Fir-rigward ta' dan il-Kapitolu tal-Proposta, enfasi espliċita fuq l-ġhoti ta' *data* anonimizzata meta jkun possibbli u adegwat għall-fini tal-ipproċessar tad-*data*, f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*, tkun ukoll ta' importanza speċjali sabiex il-persuni kkonċernati jiġu protetti minn riskji mhux dovuti għad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tagħhom, speċjalment fil-każ tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*.**

⁸⁶ Il-Premessa 36 (b'tipa grassa miżjuda): '[...] Il-konformità volontarja ta' entitajiet reġistrati bħal dawn ma' sett ta' rekwiżiti jenħtieġ li toħloq fiduċja li d-*data* disponibbli għal skopijiet altruwistiċi qed isservi skop ta' interess ġenerali. Fiduċja bħal din jenħtieġ li tirriżulta b'mod partikolari minn post ta' stabbiliment fl-Unjoni, kif ukoll mir-rekwiżit li l-entitajiet irreġistrati jkollhom karattru mhux għall-profitt, minn rekwiżiti ta' trasparenza u minn salvagwardji speċifiċi fis-seħħ biex jipproteġu d-drittijiet u l-interessi tas-suġġetti u l-kumpaniji tad-*data*. Aktar salvagwardji jenħtieġ li jinkludu li jkun possibbli li d-*data* rilevanti tiġi pproċessata f'ambjent ta' pproċessar sigur mħaddem mill-entità rreġistrata, mekkaniżmi ta' sorveljanza bħall-kunsilli jew il-bordijiet tal-etika biex jiġi żgurat li l-kontrollur tad-*data* jżomm standards għoljin ta' etika xjentifika, mezzi tekniċi effettivi għall-irtirar jew il-modifika tal-kunsens fi kwalunkwe mument, fuq il-bażi tal-obbligi tal-informazzjoni tal-proċessuri tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679 kif ukoll mezzi biex is-suġġetti tad-*data* jibqgħu infurmati dwar l-użu tad-*data* li jkunu għamlu disponibbli.'

⁸⁷ L-Artikolu 19(1)(a) jiddikjara (tipa grassa miżjuda): 'Kwalunkwe entità li tiddaħħal fir-reġistru tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data* għandha tinforma lid-detenturi tad-*data*: (a) **dwar l-iskopijiet ta' interess ġenerali li għalihom tippermetti l-ipproċessar tad-*data* tagħhom minn utent tad-*data* b'mod faċli li jinftehem.**

3.5.4 Artikoli 20 u 21: l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità

191. Fir-rigward tal-Artikolu 20(3) tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-governanza u l-monitoraġġ tal-konformità jenħtieġ li jissaħħu sabiex jiġi żgurat skrutinju aktar xieraq tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, inkluża l-konformità mal-GDPR, u sabiex jiġi żgurat li s-superviżjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-Proposta tkun definita b'mod ċar b'tali mod li jiġi stabbilit li, meta tkun kwistjoni ta' *data* personali, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* jiġu rrispettati bis-sħiħ u jibqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* stabbiliti skont il-GDPR.
192. Il-ħatra ta' awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* bħala l-awtoritajiet kompetenti ewlenin għas-superviżjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet skont il-Kapitolu IV tal-Proposta tiżgura wkoll approċċ regolatorju aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha u, għalhekk, tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-Proposta. Fir-rigward tal-kompetenza u l-kompiti tagħhom skont il-GDPR, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* diġà għandhom għarfien espert speċifiku fil-monitoraġġ tal-konformità tal-ipproċessar tad-*data*, fl-awditjar ta' attivitajiet speċifiċi tal-ipproċessar tad-*data* u fil-kondiviżjoni tad-*data*, fil-valutazzjoni tal-miżuri adegwati biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà għall-ħżin u t-trażmissjoni ta' *data* personali, kif ukoll fil-promozzjoni tal-għarfien fost il-kontrolluri u l-proċessuri tal-obbligu tagħhom relatat mal-ipproċessar ta' *data* personali.
193. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li, meta jimmonitorjaw il-konformità, is-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti ma tistax tkun limitata għas-'setgħa li jitolbu informazzjoni', kif jidher mill-Artikolu 21(2) tal-Proposta. Din il-limitazzjoni tirriżulta definittivament min-natura dikjaratorja tar-"reġim ta' tikkettar" previst mill-Proposta, għalkemm ma hijiex adegwata għal-livell ta' skrutinju li jeħtieġ it-tikkettar, minħabba l-aspettattivi għoljin ta' konformità mal-protezzjoni tad-*data* li jirriżultaw minn tali tikkettar, speċjalment vis-à-vis is-suġġetti tad-*data*.
194. L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li jenħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi adegwati lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* biex ikunu jistgħu jwettqu s-superviżjoni meħtieġa b'mod effettiv u effiċjenti. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw f'dan ir-rigward li l-Premessa (28) - li tirreferi għall-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* - tiddikjara li '*jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* biex jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679 u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet superviżorji biex jiżguraw il-konformità ma' dak ir-Regolament.*' Jenħtieġ li l-istess speċifikazzjoni ssir ukoll wara li jiġu kkunsidrati l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*.

3.5.5 Artikolu 22: Formola Ewropea għall-kunsens għall-altruwiżmu mil-lat ta' *data*

195. L-Artikolu 22 tal-Proposta jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, 'Formola Ewropea għall-kunsens għall-altruwiżmu mil-lat ta' *data*'⁸⁸. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 22, kif speċifikat fil-Premessa 41, jistabbilixxi li l-formola ta' kunsens għandha tiġi

⁸⁸L-Artikolu 22(1): 'Sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' *data* bbażata fuq l-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiżviluppaw formola Ewropea ta' kunsens għall-altruwiżmu mil-lat ta' *data*. Il-formola għandha tippermetti l-ġbir tal-kunsens fl-Istati Membri kollha f'format uniformi. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 29(2).'

stabbilita permezz ta' att ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni, assistita mill-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data*, f'konsultazzjoni mal-EDPB.

196. **F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS iqisu li mill-Proposta jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu aktar vinkolanti, strutturat aħjar u istituzzjonalizzat minflok sempliċi konsultazzjoni tal-EDPB.**

3.6 Trasferimenti internazzjonali ta' *data*: Artikolu 5(9)-(13); il-Premessi 17, 19; Artikolu 30

197. Anki jekk id-dispożizzjonijiet tal-Proposta relatati mat-trasferimenti ta' *data* lil pajjiżi terzi jidhru *a priori* limitati għal *data* mhux personali biss, x'aktarx li jitfaċċaw kwistjonijiet ta' konsistenza legali u politika mal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* matul l-applikazzjoni tagħhom, b'mod partikolari meta d-*data* personali u d-*data* mhux personali ta' sett ta' *data* jkunu marbuta b'mod inseparabbli.
198. Madankollu, għalkemm l-esklużjoni tad-*data* personali tidher li hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni, il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti għal *data* mhux personali mhux dejjem hija riflessa b'mod ċar mill-Proposta. B'mod partikolari, l-Artikolu 5(9) u (10), relatat mat-trasferimenti ta' *data* miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku, jista' japplika għal *data* personali jekk dik id-*data* personali tkun fl-istess ħin *data* kunfidenzjali jew *data* protetta mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali⁸⁹.
199. **Fl-istess ħin, il-Proposta tinkludi dispożizzjoni (l-Artikolu 5(11)) li b'xi mod tista' titqies bħala aktar 'protettiva' għal *data* mhux personali milli għal *data* personali, billi skont il-Proposta, il-Kummissjoni tista' fl-aħħar mill-aħħar tadotta, permezz ta' att delegat⁹⁰, kundizzjonijiet speċifiċi għat-trasferiment ta' *data* mhux personali lejn ċerti pajjiżi terzi li jmorru saħansitra għal projbizzjoni⁹¹.**
200. **Il-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni⁹², "deċiżjonijiet ta' adegwatezza" għat-trasferiment ta' *data* mhux personali lejn pajjiżi terzi partikolari x'aktarx li tqajjem ukoll mistoqsijiet ta' interazzjoni u konsistenza mal-għodod ta' trasferiment previsti mill-GDPR għat-trasferiment ta' *data* personali lejn l-istess pajjiżi terzi.**
201. **F'kull każ, biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-qafas legali dwar il-protezzjoni tad-*data*, huwa importanti li jiġi mfakkar f'dan ir-rigward li, fil-każ ta' "settijiet ta' *data* mħallta", japplika l-GDPR, u b'mod partikolari l-Kapitolu V tiegħu.**

⁸⁹ Ara l-Artikolu 5(10) tal-Proposta: 'Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jittrażmettu *data* kunfidenzjali jew *data* protetta bid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali biss lil utent mill-ġdid li jkollu l-ħsieb li jittrażferixxi d-*data* lil pajjiżi terzi li mhux pajjiżi indikat f'konformità mal-paragrafu 9, jekk l-utent mill-ġdid jimpenja ruħu: (a) li jikkonforma mal-obbligi imposti f'konformità mal-paragrafi minn 7 sa 8 anki wara li d-*data* tiġi trasferita lill-pajjiżi terzi; u (b) li jaċċetta l-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-korp tas-settur pubbliku fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima relatata mal-konformità mal-obbligu fil-punt a).'

⁹⁰ Ara l-Premessa (19) tal-Proposta.

⁹¹ Ara l-Premessa (19) tal-Proposta.

⁹² Ara l-Artikolu 5(9)-(11) tal-Proposta.

202. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 30 tal-Proposta⁹³ jirreferi biss għal *data* mhux personali u l-paragrafu 2 tiegħu jidher li jirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-GDPR (bid-differenza li l-Artikolu 30(2) jintroduċi limitazzjoni fiż-żmien fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali kkonċernati).
203. Skont l-Artikolu 30(3) tal-Proposta, l-entitajiet (il-korp tas-settur pubbliku, l-entità li lilha jkun ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid, il-fornitur tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*, l-organizzazzjoni tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*) li jirċievu deċiżjoni biex jittrasferixxu jew jagħtu aċċess għad-*data* mhux personali miżmuma fl-Unjoni minn qorti jew awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz għandhom ifittxu l-opinjoni tal-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti skont il-Proposta biex jiddeterminaw jekk il-kundizzjonijiet ta' trasferiment applikabbli humiex issodisfati (l-Artikolu 30(3), l-aħħar sentenza).
204. Il-konsultazzjoni tal-awtorità kompetenti tkun meħtieġa meta d-deċiżjoni tal-qorti jew tal-awtorità amministrattiva tal-pajjiż terz 'tirriskja li tpoġġi lid-destinatarju f'kunflitt mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi tal-Istat Membru rilevanti' (l-Artikolu 30(3))⁹⁴.
205. Din id-dispożizzjoni, meta mqabbla mal-Artikolu 48 tal-GDPR, tidher li tmur pass ieħor 'il quddiem billi tirrikjedi l-konsultazzjoni tal-awtorità kompetenti f'każijiet speċifiċi. Għalhekk, f'dan ir-rigward, tista' b'xi mod titqies bħala aktar 'protettiva' għad-*data* mhux personali milli għad-*data* personali, minħabba li notifika bħal din ma hijiex prevista skont il-GDPR.

3.7 Dispożizzjonijiet orizzontali dwar l-ambjenti istituzzjonali; ilmenti; grupp ta' esperti tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data (European Data Innovation Board, EDIB); atti delegati; pieni, evalwazzjoni u rieżami, emendi għar-regolament dwar il-gateway diġitali unika, miżuri tranżitorji u dħul fis-seħħ

3.7.1 Artikolu 23: rekwiżiti relatati mal-awtoritajiet kompetenti

206. Il-Kapitolu V tal-Proposta jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti maħtura biex jimmonitorjaw u jimplimentaw il-qafas ta' notifika għall-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* u l-entitajiet involuti fl-altruwiżmu mil-lat ta' *data*. Jirriżulta mill-Kapitoli III u IV

⁹³ L-Artikolu 30, Aċċess internazzjonali, inkluż fil-Kapitolu VIII, dispożizzjonijiet finali.

⁹⁴ Il-kundizzjonijiet imsemmija qabel fl-Artikolu 30(3) jidhru suffiċjenti **biex jieħdu post il-kundizzjonijiet fil-paragrafu (2) u, b'hekk, jieħdu post ir-regoli internazzjonali msemmija f'dan il-paragrafu**. L-Artikolu 30(4) jiddikjara li: 'Jekk jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2, **jew 3, il-korp tas-settur pubbliku, il-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid tad-*data* skont il-Kapitolu 2, il-fornitur tal-kondiviżjoni tad-*data* jew l-entità mniżżla fir-reġistru ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, skont il-każ, għandu jipprovi l-ammont minimu ta' *data* permissibbli bi tweġiba għal talba, fuq il-bażi ta' interpretazzjoni raġonevoli tat-talba.**' (tipa grassa miżjuda).

Dawn id-dispożizzjonijiet tal-Proposta jistgħu jkunu **inkonsistenti ma' liġi oħra tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, notevolment dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fuq kwistjonijiet kriminali jew ċivili**. Ir-rilevanza ta' din l-ożservazzjoni skont il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* tingħata mill-fatt li **fil-każ ta' interpretazzjoni ħażina tal-kunċett ta' *data* mhux personali, hemm riskju għoli li l-korpi tas-settur pubbliku, il-fornituri tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*, l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*, l-utenti mill-ġdid tad-*data* u l-utenti tad-*data* jittrasferixxu *data* personali lejn pajjiż terz bi standard ta' protezzjoni (ferm) aktar baxx għall-persuni kkonċernati**.

tal-Proposta li awtoritajiet kompetenti b'hal dawn huma differenti mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*. Tabilħaqq, ir-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikolu 23 tal-Proposta jissuġġerixxu natura "teknika" ta' dawn l-awtoritajiet, *'legalment distinti minn, u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-data jew entità inkluża fir-reġistru ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu mil-lat ta' data'*.

207. F'dan ir-rigward, ir-rwol tal-awtoritajiet superviżorji għall-protezzjoni tad-*data* jidher limitat - skont il-Kapitolu III - għal li jkollhom sempliċi skambju ta' informazzjoni mal-awtorità kompetenti, u - skont il-Kapitolu IV- li jikkooperaw ma' din tal-aħħar u jipprovdu opinjoni jew deċiżjoni rigward kwistjonijiet li jeħtieġu valutazzjoni tal-konformità mal-GDPR, b'talba tal-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, kif u sa liema punt l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* se jinteraġixxu ma' dawn l-awtoritajiet kompetenti ma huwiex definit mill-Proposta, kif ukoll liema riżorsi finanzjarji u umani ġew previsti biex jippermettu lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* jwettqu l-kompiti meħtieġa minn tali interazzjoni.
208. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li ħafna dispożizzjonijiet tal-Proposta, li s-superviżjoni tagħhom hija assenjata lill-awtoritajiet kompetenti, maħtura skont l-Artikoli 12 u 20, huma relatati mal-protezzjoni tad-*data* personali. B'kunsiderazzjoni ta' dan, **L-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li l-kompetenzi u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji indipendenti għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ, minħabba li huma fdati bir-responsabbiltà li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi b'rabta mal-ipproċessar u li jiffaċilitaw il-fluss liberu tad-*data* personali, kif stabbilit skont il-GDPR u l-EUDPR, f'konformità mal-Artikolu 16 TFUE u mal-Artikolu 8 tal-Karta u f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea⁹⁵. Wara li jikkunsidraw dak li ntqal hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Proposta tirrikonoxxi b'mod espliċitu li, sa fejn tkun involuta d-*data* personali, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* huma l-awtoritajiet kompetenti ewlenin għall-monitoraġġ tal-konformità mad-dispożizzjonijiet skont il-Kapitoli III u IV tal-Proposta, f'konsultazzjoni ma' awtoritajiet settorjali rilevanti oħrajn, meta jkun meħtieġ. Kif ġie ssottolinjat diġà, jenħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi adegwati lil dawn l-awtoritajiet biex huma jkunu jistgħu jwettqu s-superviżjoni meħtieġa b'mod effettiv u effiċjenti.**

3.7.2 Artikolu 24: ilmenti; Artikolu 25: dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv

209. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 24 jistabbilixxi li *'Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jressqu lment quddiem l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti kontra fornitur ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-data jew entità fir-reġistru ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu mil-lat ta' data'*, iżda ma jispeċifikax il-kontenut possibbli tal-ilment (jiġifieri, għal liema ksur tal-Proposta). Jidher ukoll li l-ilmenti kontra l-korpi tas-settur pubbliku jew l-utenti mill-ġdid imsemmija fil-Kapitolu II tal-Proposta ma humiex possibbli u ma humiex previsti fl-Artikolu 24 tal-Proposta.

⁹⁵ Ara, fost l-oħrajn, is-Sentenza tal-QĠUE tad-9 ta' Marzu 2010, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*, fil-Kawża C-518/07 tinsab fuq: <http://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?language=mt&num=C-518/07>
Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 2010, il-Qorti qieset li jenħtieġ li d-DPAs ikunu ħielsa minn kull influwenza esterna, kemm jekk diretta kif ukoll jekk indiretta. Is-sempliċi riskju ta' influwenza esterna huwa biżżejjed biex jiġi konkluż li d-DPA ma tistax tagħixxi b'indipendenza sħiħa.

210. Barra minn hekk, l-Artikolu 25 jistabbilixxi d-dritt għal rimedju għidizzjarju effettiv minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika affettwata fir-rigward ta' nuqqas ta' azzjoni dwar ilment ippreżentat lill-awtorità kompetenti, kif ukoll fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 13, 17 u 21 (rispettivament, deċiżjoni relatata mas-superviżjoni fuq servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*; ir-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*; il-monitoraġġ tal-konformità tal-organizzazzjonijiet irreġistrati tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*).
211. L-EDPB u l-EDPS josservaw li d-dispożizzjonijiet tal-Proposta msemija hawn fuq dwar id-dritt li jsir ilment lill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti (l-Artikolu 24) u dwar id-dritt għal rimedju għidizzjarju effettiv kontra n-nuqqas ta' azzjoni jew deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti msemija hawn fuq (l-Artikolu 25) jistgħu jżidu r-riskju, enfasizzat f'din l-opinjoni, ta' reġimi paralleli u inkonsistenti bejn il-GDPR u l-Proposta. Pereżempju, ilmenti relatati ma' servizzi ta' intermedjazzjoni li jipprovdu lis-suġġetti tad-*data* d-disponibbiltà ta' mezzi biex jeżerċitaw id-drittijiet ipprovduti skont il-GDPR (ara l-Artikolu 9(1)(b)) jaqgħu fil-mandat tal-awtoritajiet kompetenti skont il-Proposta. Fi kliem ieħor, l-inkonsistenzi u s-sovrapożizzjonijiet tal-“liġi sostantiva” “jeskalaw” ukoll f'sovrapożizzjonijiet ta' kompetenzi tal-proċedimenti amministrattivi u għidizzjarji.
212. Għal din ir-raġuni, **l-EDPB u l-EDPS jitolbu definizzjoni ċara, mhux ambigwa u rigoruża tar-regoli sostantivi tal-Proposta li s-superviżjoni tagħhom hija assenjata lill-awtoritajiet kompetenti, u tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tagħha, li tiżgura konsistenza sħiħa mal-GDPR.**

3.7.3 L-Artikoli 26 u 27: il-kompożizzjoni u l-kompiti tal-Grupp ta' Esperti tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data*

213. Il-Kapitolu VI tal-Proposta *'joħloq grupp formali ta' esperti (il-“Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data”)* bil-kompitu li jiffaċilita l-*ħolqien tal-aħjar prattiki mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari, dwar talbiet ta' pproċessar għall-użu mill-ġdid ta' data li hija soġġetta għad-drittijiet ta' oħrajn (skont il-Kapitolu II), dwar l-iżgurar ta' prattika konsistenti fir-rigward tal-qafas ta' notifika għall-fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-data (skont il-Kapitolu III), u għall-altruwiżmu mil-lat ta' data (il-Kapitolu IV). Barra minn hekk, il-grupp formali ta' esperti se jappoġġa u jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-governanza tal-istandardizzazzjoni transsettorjali u t-tnejja ta' talbiet strateġiċi għall-istandardizzazzjoni transsettorjali*⁹⁶.
214. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data* li għadu kif ġie stabbilit, *'li jikkonsisti fir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-Kummissjoni, l-ispazji tad-data rilevanti u rappreżentanti oħra tal-awtoritajiet kompetenti f'setturi speċifiċi'* (l-Artikolu 26(1)) jiġi fdat bil-kompiti elenkati fl-ittri (a)-(e) tal-Artikolu 27)⁹⁷, li huma rilevanti wkoll meta jitqies l-ipproċessar ta' *data* personali.

⁹⁶ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 8.

⁹⁷ Il-Bord għandu l-kompiti li ġejjin:

(a) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' prattika konsistenti ta' korpi tas-settur pubbliku u korpi kompetenti msemija fl-Artikolu 7(1) **biex jipproċessaw talbiet għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemija fl-Artikolu 3(1);**

(b) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' prattika konsistenti tal-awtoritajiet kompetenti fl-applikazzjoni tar-**rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tal-kondiviżjoni tad-data;**

215. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu b'sodisfazzjon l-inklużjoni tal-EDPB bħala membru tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data*. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li d-dispożizzjonijiet relatati mal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data* x'aktarx jaffettwaw, sa fejn ikunu relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali, il-kompiti u l-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* u tal-EDPB biex jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u biex jiffaċilitaw il-fluss liberu tad-*data* personali fl-Unjoni⁹⁸ (wara li kkunsidraw b'mod partikolari l-firxa wiesgħa ta' kompiti fdati lill-EDPB skont l-Artikolu 70 tal-GDPR biex jagħti pariri lill-Kummissjoni u biex joħroġ linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki, kif ukoll il-kompiti fdati lill-EDPS skont l-Artikolu 57 tal-EUDPR).
216. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fit-test ġuridiku jiġi ċċarat li l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* stabbiliti skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni huma l-awtorità kompetenti', sa fejn huwa kkonċernat l-ipproċessar tad-*data* personali. Barra minn hekk, jenħteġ li jkun ċar li l-għoti ta' pariri lill-Kummissjoni Ewropea rigward kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data* u l-iżvilupp ta' prattiki konsistenti relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali ma jaqgħux fil-kompetenzi attribwiti lill-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data*, billi l-Artikolu 70 tal-GDPR jikkonferixxi espliċitament dawk il-kompiti lill-EDPB.
217. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw ukoll, għall-finijiet ta' preċiżjoni u ċarezza legali, kif ukoll ta' nuqqas ta' ftehim possibbli, li l-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data* jibda jissejjaħ 'Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Governanza tad-*Data*' jew simili, biex jiġu riflessi aħjar l-istatus legali u n-natura tal-korp stabbilit skont l-Artikolu 26 tal-Proposta.

3.7.4 Artikolu 31: pieni għall-ksur tal-Proposta, li għandhom jiġu applikati

218. Il-Proposta ma tarmonizzax il-pieni għall-ksur tal-Proposta (u lanqas ma tispeċifika l-ksur li għandu jiġi ssanzjonat, il-multi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tagħha, lanqas l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti biex japplikaw tali pieni), billi tistabbilixxi li '*L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u l-miżuri sa [id-data tal-*

(c) li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-prioritizzazzjoni tal-istandards transsettorjali li għandhom jintużaw u jiġu żviluppati għall-użu tad-*data* u l-kondiviżjoni transsettorjali tad-*data*, it-tqabbil u l-iskambju transsettorjali tal-aħjar prattiki fir-rigward tar-rekwiżiti settorjali għas-sigurtà, il-proċeduri tal-aċċess, filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet standardizzati speċifiċi

għas-settur;

(d) li jassisti lill-Kummissjoni fit-titjib tal-interoperabbiltà tad-*data* kif ukoll tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* bejn setturi u dominji differenti, filwaqt li jibni fuq standards Ewropej, internazzjonali jew nazzjonali eżistenti;

(e) li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont dan ir-Regolament permezz tal-bini tal-kapaċità u l-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti metodi għall-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni relatata mal-proċedura ta' notifika għall-fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data* u r-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ ta' organizzazzjonijiet rikonnoxuti tal-altruwiżmu mil-lat ta' *data*'.

⁹⁸ Ara, pereżempju, l-Artikolu 27(a), li fuq il-bażi tiegħu l-Bord għandu jkollu l-kompitu li 'jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' prattika konsistenti ta' korpi tas-settur pubbliku u korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1) biex jipproċessaw talbiet għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' *data* msemmija fl-Artikolu 3(1);' (enfasi miżjuda)

applikazzjoni tar-Regolament] u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.'

219. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li din id-dispożizzjoni, li tillimita l-eżegwibilità tal-Proposta (il-kapaċità li jiġu imposti sanzjonijiet armonizzati), u li possibbilment tagħti lok ukoll għal forum-shopping għall-aktar Stat Membru klementi, hija ta' preġudizzju għall-għan iddikjarat tal-Proposta li tiżdied il-fiduċja fl-użu mill-ġdid, fis-servizzi ta' kondiviżjoni tad-data u fl-altruwiżmu mil-lat ta' *data*.

3.7.5 Artikolu 33: emenda għar-Regolament (UE) 2018/1724

220. Dan l-Artikolu tal-Proposta jemenda r-regolament dwar il-gateway diġitali unika (ir-Regolament (UE) 2018/1724)⁹⁹, li jintroduċi l-proċeduri amministrattivi li ġejjin: notifika bħala fornitur ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-*data*; ir-reġistrazzjoni bħala Organizzazzjoni Ewropea għall-Altruwiżmu mil-lat ta' *Data*. Li l-eżitu mistenni tagħhom huwa, rispettivament: konferma tal-wasla tan-notifika, konferma tar-reġistrazzjoni.
221. **F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li r-reġim ta' notifika u ta' reġistrazzjoni, diġà analizzat f'din l-Opinjoni, ma jistax jieħu post il-ħtieġa ta' bażi legali xierqa għall-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR għal-legalità tal-ipproċessar tad-*data*. Fi kliem ieħor, skont il-GDPR, l-ipproċessar ta' *data* personali għandu jkun legali biss jekk u sal-punt li tapplika bażi ġuridika adegwata skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Jenħtieġ li l-Proposta tispeċifika b'mod ċar dan l-aspett biex tiġi evitata kull ambigwità.**

Brussell, l-10 ta' Marzu 2021

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*
Il-President
(Andrea Jelinek)

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*
(Wojciech Wiewioroski)

⁹⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1-38.